MT 2018

Nru 03

Rapport Speċjali

# Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

**<u>Tim tal-awditjar</u>**

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan ir-rapport twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar, li hija mmexxija minn Baudilio Tomé Muguruza, Membru tal-QEA, u li tiffoka fuq l-oqsma ta' regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Neven Mates. Fit-tħejjija tar-rapport, huwa ngħata appoġġ minn Georgios Karakatsanis, Kap tal-kabinett u Marko Mrkalj, Attaché; Zacharias Kolias, Direttur; u Giuseppe Diana, Kap tal-kompitu. It-tim tal-awditjar kien magħmul minn Stefano Sturaro, Shane Enright, Maëlle Bourque u Katia Mesonero-Herrera.



*Mix-xellug għal-lemin*: Maëlle Bourque, Giuseppe Diana, Stefano Sturaro, Neven Mates, Marko Mrkalj, Shane Enright, Zacharias Kolias, Georgios Karakatsanis.

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Abbrevjazzjonijiet u akronimi | |
| Glossarju | |
| Sommarju eżekuttiv | I - IX |
| Introduzzjoni | 1 - 18 |
| Loġika ekonomika u qafas legali | 1 - 11 |
| L-ewwel stadju: Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija | 12 |
| It-tieni stadju: Analiżijiet fil-fond | 13 - 16 |
| It-tielet stadju: Prevenzjoni u korrezzjoni | 17 - 18 |
| Ambitu, objettivi u approċċ tal-awditjar | 19 - 26 |
| Ambitu u objettivi tal-awditjar | 19 - 23 |
| Approċċ | 24 - 26 |
| Osservazzjonijiet | 27 - 96 |
| Xi Stati Membri ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi matul bosta snin, u l-politiki korrettivi qed jiġu implimentati b'mod insuffiċjenti | 27 - 52 |
| B'mod ġenerali, l-Istati Membri jibqgħu fi żbilanċ għal bosta snin | 28 - 30 |
| Minkejja l-monitoraġġ frekwenti u intensiv, il-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, mill-Istati Membri, kien baxx | 31 - 52 |
| Il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi hija nieqsa mit-trasparenza, u l-EIP qatt ma ġiet attivata | 53 - 66 |
| Is-sistema tal-kategoriji kienet tipikament kumplessa u suġġetta għal bidla | 54 - 56 |
| Ir-rabta bejn l-analiżi u l-kategorija ta' żbilanċi mhijiex dejjem ċara | 57 - 60 |
| Fl-aħħar fażijiet, il-proċess huwa politiku aktar milli tekniku | 61 - 66 |
| Il-prominenza tal-IDRs naqset konsiderevolment matul iż-żmien. Il-kwalità analitika tibqa' tajba, iżda jeħtieġ li jsir xi titjib f'xi aspetti ewlenin tal-IDRs | 67 - 87 |
| Il-prominenza tal-IDRs naqset konsiderevolment matul iż-żmien | 68 - 75 |

Minkejja standard tajjeb ta’ analiżi, jeħtieġ li jsir titjib f’xi aspetti tal-IDRs 76 - 87

L-AMR u t-tabella ta' valutazzjoni għandhom rwol limitat fil-MIP 88 - 96

Konklużjonjiet u rakkomandazzjonijiet 97 - 111

Implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP 98 - 101

Klassifikazzjoni tal-iżbilanċi 102 - 104

Karatteristiċi tal-IDRs 105 - 107

Rikonoxximent tal-impatt tal-politika fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u fuq il-kompetittività 108

Dimensjoni taż-żona tal-euro 109 - 110

Viżibbiltà u komunikazzjoni tal-MIP 111

Anness I - Flowchart dettaljata tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Anness II - Lista ta’ dokumenti ppubblikati li huma rilevanti għall-MIP

Anness III - Sett attwali ta’ indikaturi ewlenin

Anness IV - Għażla tal-Istati Membri għall-kampjun tal-awditjar

Anness V - Klassifikazzjoni kwalitattiva għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

Anness VI - Stħarriġ tal-membri tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

Anness VII - Żjarat lill-awtoritajiet u lil entitajiet oħra tal-Istati Membri

Anness VIII - Evoluzzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri, 2012-2017

Anness IX - Għadd u tip ta’ analiżijiet fil-fond

Risposta tal-Kummissjoni

**ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONIMI**

AMR: Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija

BĊE: Bank Ċentrali Ewropew

CSR: Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż

DĠ ECFIN: Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni

DĠ EMPL: Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni

EDP: Proċedura ta’ defiċit eċċessiv

EIP: Proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv

FMI: Fond Monetarju Internazzjonali

IDR: Analiżi fil-fond

KPE: Kumitat tal-Politika Ekonomika tal-Kunsill tal-UE

MIP: Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku

OECD: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

PNR: Programm nazzjonali ta' riforma

PST: Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

# GLOSSARJU

**Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE):** Korp konsultattiv għall-Kummissjoni u l-Kunsill, li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/122/KEE tat-18 ta’ Frar 1974. Il-KPE jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-UE. Huwa jinkludi żewġ delegati minn kull Stat Membru, tnejn mill-Kummissjoni u tnejn mill-BĊE.

**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST):** Ftehim li jorbot lill-Istati Membri kollha tal-UE u li ilu fis-seħħ mill-1997 (b’riformi fl-2005 u fl-2011) rigward l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta’ Maastricht li jindirizza is-sostenibbiltà tal-politiki fiskali tal-Istati Membri, essenzjalment billi jżomm id-defiċit u d-dejn pubbliċi f’livelli aċċettabbli.

**Programm nazzjonali ta' riforma:** Dokument li jinħareġ kull sena u li jippreżenta l-politiki u l-miżuri, tal-Istat Membru, għas-sostenn tat-tkabbir u tal-impjiegi u għall-ilħuq tal-miri ta' Ewropa 2020.

**Semestru Ewropew:** Iċ-ċiklu annwali ta’ koordinazzjoni ta’ politika ekonomika tal-UE. Is-Semestru jkopri politiki fiskali, kif iddeterminat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-prevenzjoni ta’ bilanċi makroekonomiċi eċċessivi (taħt il-MIP) u riformi strutturali fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020. Dan jirriżulta f’rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jingħataw lill-Istati Membri.

**Strateġija Ewropa 2020:** L-aġenda tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi għad-deċennju attwali. L-istrateġija tidentifika ħames miri ewlenin, li huma espressi permezz ta’ seba’ inizjattivi emblematiċi. Il-gvernijiet tal-UE ssettjaw miri nazzjonali biex jgħinu fl-ilħuq tal-miri kumplessivi tal-UE, u jirrappurtaw dwarhom fil-programmi nazzjonali ta’ riforma (PNR) tagħhom.

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

### *Dwar il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku*

I. Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) tfasslet biex tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE, bħala rispons għan-nuqqas ta' għodod ta' politika għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' dawn l-iżbilanċi qabel il-kriżi tal-2008.

II. Il-MIP topera b'ċiklu annwali. Hija tibda bil-pubblikazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' valutazzjoni ekonomika u finanzjarja, magħrufa bħala r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), li jidentifika l-Istati Membri li jinsabu f'riskju ta' żbilanċi li jkunu jirrikjedu analiżi ulterjuri fil-forma ta' analiżi fil-fond (IDR). L-iskop tal-IDRs huwa li tintlaħaq konklużjoni dwar jekk jeżistux żbilanċi fl-Istati Membri magħżula, u jekk jenħtieġx li dawn jitqiesu bħala eċċessivi. Fl-aħħar nett, fuq il-bażi tal-analiżi IDR, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), li eventwalment jiġu adottati mill-Kunsill u jinħarġu għall-Istati Membri biex dawn jindirizzaw l-iżbilanċi tagħhom.

III. Jekk l-iżbilanċi jitqiesu bħala "eċċessivi", ir-Regolament dwar il-MIP jippreveda li l-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jattiva "proċedura ta' żbilanċ eċċessiv" (EIP). Dan huwa mekkaniżmu ta' sorveljanza mtejjeb li jinkludi l-possibbiltà ta' sanzjonijiet għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

### *X'awditjajna*

IV. Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet: "Il-MIP għandha bażi soda u hija implimentata b'mod adegwat?" Aħna vvalutajna l-effettività tal-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-MIP matul il-perjodu mill-2012 sal-2017.

### *X'sibna*

V. Għalkemm, b'mod ġenerali, il-MIP hija mfassla tajjeb, il-Kummissjoni mhijiex qed timplimentaha b'mod li tiżgura l-prevenzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-iżbilanċi.

VI. Il-Kummissjoni tuża s-CSRs rilevanti għall-MIP bħala għodda ewlenija biex tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi. Madankollu, il-livell ta' implimentazzjoni kien baxx. Għalkemm l-implimentazzjoni tagħhom hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, hemm ukoll bosta

dgħufijiet fil-mod kif dawn jitfasslu mill-Kummissjoni. Ma teżisti l-ebda rabta sistematika bejn l-iżbilanċi speċifiċi li jiġu identifikati fl-IDR u r-rakkomandazzjonijiet li jiġu proposti. F'xi każijiet, is-CSRs jitqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP, għalkemm dawn huma marbuta biss remotament mal-iżbilanċi makroekonomiċi, jekk xejn, u għaldaqstant jagħmluha aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jieħdu azzjoni ta' rimedju xierqa. Barra minn hekk, is-CSRs rilevanti għall-MIP ma jqisux b'mod suffiċjenti l-politika fiskali, anke meta din tkun rilevanti għall-iżbilanċi mhux fiskali. Hemm xi inkonsistenza bejn is-CSRs għall-Istati Membri individwali u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Fl-aħħar nett, xi kultant il-Kummissjoni tissettja skeda ta' żmien diffikultuża ħafna għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

VII. Aħna naqblu mal-partijiet interessati li stħarriġna, li min-naħa tagħhom jiġġudikaw li l-analiżi fl-IDRs hija ta' kwalità tajba u li l-iżbilanċi jiġu identifikati b'mod korrett. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, l-IDRs saru dejjem inqas viżibbli fir-rappurtar li jsir mill-Kummissjoni, fejn l-analiżi rilevanti għall-MIP u l-parir dwar il-politiki huma inqas prominenti issa wara l-integrazzjoni tagħhom fir-rapporti għall-pajjiżi, li primarjament jittrattaw iil-koordinazzjoni ekonomika ġenerali tal-politiki strutturali. Il-MIP kompliet tiddgħajjef minħabba l-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni rigward il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi, skont is-severità. Filwaqt li l-iżbilanċi jiġu identifikati fil-livell dipartimentali fuq il-bażi ta' kriterji tekniċi ċari, l-IDRs ma fihomx valutazzjoni ċara tas-severità tagħhom. Il-kriterji li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet finali li jittieħdu mill-Kulleġġ tal-Kummissarji huma nieqsa mit-tasparenza.

VIII. Ta' min josserva li l-Kummissjoni qatt ma rrakkomandat l-attivazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, minkejja l-fatt li, sa mill-bidu tal-MIP fl-2012, bosta Stati Membri ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi eċċessivi matul perjodu ta' żmien twil.

IX. L-ewwel dokument fil-proċess, l-AMR, ma jiffaċilitax b'mod adegwat l-identifikazzjoni bikrija tal-iżbilanċi, peress li juża indikaturi bbażati fuq *data* skaduta u medji mobbli li, minħabba fihom, l-avvenimenti reċenti ma jkunux jidhru. Barra minn hekk, it-test tal-AMR huwa deskrittiv aktar milli analitiku. Riperkussjonijiet fuq Stati Membri oħra u d-dimensjoni taż-żona tal-euro ma jitqisux fil-fond ħafna, għalkemm sar xi titjib f'dan ir-rigward.

***X'nirrakkomandaw***

a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni torbot b'mod sistematiku s-CSRs rilevanti għall-MIP mal-iżbilanċi makroekonomiċi. Jenħtieġ li l-miżuri li jiġu proposti jkunu dettaljati biżżejjed, u jenħtieġ li dawn jiffokaw fuq azzjonijiet politiċi biex inaqqsu l-iżbilanċi fit-terminu qasir sa medju. Kull meta jkun possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel valutazzjonijiet *ex ante* u *ex post* tal-impatt tal-azzjonijiet politiċi fuq l-iżbilanċi.

b) Jenħtieġ li l-IDRs jipprovdu karatterizzazzjoni ċara tas-severità tal-iżbilanċi li Stat Membru jkun qed jiffaċċja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb it-trasparenza billi tadotta, tippubblika u tapplika kriterji ċari għall-klassifikar ta' żbilanċi. Jenħtieġ li din, dment li ma jkunx hemm ċirkustanzi speċifiċi, tirrakkomanda l-attivazzjoni ta' EIP meta jkun hemm evidenza li Stat Membru jkun qed jiffaċċja żbilanċi eċċessivi. Jekk, f'ċirkustanzi speċifiċi, il-Kummissjoni tuża s-setgħat diskrezzjonali tagħha biex toqgħod lura milli tieħu dan il-pass, jenħtieġ li din tispjega r-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament.

c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi IDR komprensiva u ppreżentata separatament b'tul u livell ta' dettall li jkunu jirriflettu s-severità tas-sitwazzjoni u l-isfidi dwar il-politiki. Jenħtieġ li, minflok it-tabella ta' valutazzjoni, l-IDR tipprovdi aċċess għall-varjabbli speċifiċi għall-pajjiż li tassew ikunu ntużaw fl-analiżi.

d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza b'mod sistematiku l-impatt tal-politika fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u fuq il-kompetittività, u jenħtieġ li hija tuża l-MIP biex tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri meta l-problemi fiskali jkunu jaffettwaw l-iżbilanċi esterni direttament.

e) Jenħtieġ li l-proċess tal-MIP jieħu sistematikament inkunsiderazzjoni l-politiki b'impatti transnazzjonali li jistgħu jirriżultaw f'titjib tar-riekwilibriju simetriku fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li s-CSRs rilevanti għall-MIP ikunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro li jkunu rilevanti għall-iżbilanċi, inklużi dawk dwar il-pożizzjoni fiskali kumplessiva, meta jkun xieraq.

f) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti prominenza akbar lill-MIP fil-komunikazzjoni tagħha mal-pubbliku. Fil-kuntest ta’ komunikazzjoni effettiva, jenħtieġ li l-Kummissarji rilevanti jkunu jinsabu għad-dispożizzjoni tal-parlamenti tal-Istati Membri, kull meta l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-iżbilanċi huma eċċessivi, biex b’hekk ikunu jistgħu jispjegaw il-loġika għad-deċiżjonijiet tagħha u għar-rakkomandazzjonijiet korrispondenti tal-politika.

## INTRODUZZJONI

### Loġika ekonomika u qafas legali

1. Qabel il-kriżi tal-perjodu 2008-2009, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE (il-korp ta' regoli li jirregola l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri) iffoka fuq is-sostenibbiltà tal-politiki fiskali. Huwa kien essenzjalment limitat biex id-defiċit u d-dejn pubbliċi jibqgħu taħt kontroll. Il-governanza tal-UE għall-politiki mhux fiskali kienet limitata għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-koordinazzjoni mhux vinkolanti tal-politiki ekonomiċi[1].

2. Il-kriżi u l-konsegwenzi tagħha wrew li l-qafas ma kienx qabad jew ippreviena l-akkumulazzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi. F'bosta Stati Membri, influssi kbar ta' kapital u l-espansjoni ta' kreditu insostenibbli fis-settur privat kienu rriżultaw f'deterjorament fl-iżbilanċi esterni u fil-kompetittività, investiment eċċessiv f'ċerti oqsma tal-ekonomija u akkumulazzjoni ta' dejn eċċessiv fis-settur privat. Barra minn hekk, qabel il-kriżi, boom ekonomiku insostenibbli fixkel il-valutazzjoni tal-pożizzjoni fiskali sottostanti, u b'hekk ta' spiss is-sitwazzjoni kienet tidher aħjar milli fil-fatt kienet. Meta l-iżbilanċi eventwalment skattaw aġġustament diffiċli, dan kellu riperkussjonijiet fuq Stati Membri oħra, u għaldaqstant ipperikola l-istabbiltà finanzjarja u l-prestazzjoni ekonomika tal-UE kollha kemm hi.

3. Bl-għan li jiġu pprevenuti żviluppi simili fil-futur u jiġu appoġġati politiki ta' sostenn għat-tnaqqis ta' żbilanċi li jirriżultaw mill-boom ta' qabel il-kriżi, mekkaniżmu ġdid magħruf bħala l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) ġie introdott fl-2011 bħala parti mis-"six-pack"[2] leġiżlattiv ta' dik is-sena.

---

[1] L-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE.

[2] Sett ta' ħames regolamenti tal-UE u direttiva li daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2011. Tliet regolamenti jirrigwardaw is-sorveljanza baġitarja u fiskali mtejba, filwaqt li d-direttiva għandha l-għan li tarmonizza l-oqfsa fiskali fl-Istati Membri. L-aħħar żewġ regolamenti jirrigwardaw proċeduri għall-MIP u l-infurzar ta' azzjonijiet korrettivi.

4. Il-bażi legali prinċipali għall-MIP hija r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (f'dan ir-rapport, dan jissejjaħ "ir-Regolament dwar l-MIP")[3].

5. Il-MIP tapplika għall-Istati Membri kollha tal-UE (ħlief dawk li jirċievu assistenza finanzjarja mill-UE taħt il-programmi ta' aġġustament ekonomiku) u ilha tiġi applikata mill-2012 bħala parti miċ-ċiklu annwali ta' koordinazzjoni u sorveljanza tal-politiki ekonomiċi.

6. B'mod speċifiku, il-MIP timmira lejn id-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' "żbilanċi" u "żbilanċi eċċessivi". Dawn it-termini huma ddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-MIP:

a) ""żbilanċi" tfisser kwalunkwe xejra li tagħti bidu għal żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom il-potenzjali li jaffettwaw negattivament, il-funzjonament korrett tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali;

b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu jew li jistgħu jxekklu l-funzjonament korrett tal-unjoni ekonomika u monetarja."

7. Imbagħad, l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-MIP jiddefinixxi n-natura tal-iżbilanċi:

a) "żbilanċi interni, inklużi dawk li jistgħu jinħolqu mid-dejn pubbliku u privat; l-iżviluppi tas-swieq finanzjarji u tal-assi, inklużi s-settur tad-djar; l-evoluzzjoni tal-flussi ta' kreditu fis-settur privat; u l-evoluzzjoni tal-qgħad;

b) żbilanċi esterni, inklużi dawk li jistgħu jinħolqu mill-evoluzzjoni tal-kont kurrenti u l-pożizzjonijiet ta' investimenti netti tal-Istati Membri; tar-rati tal-kambju effettivi reali; tal-ishma mis-suq tal-esportazzjoni; u tal-bidliet fl-iżviluppi tal-prezzijiet u l-ispejjeż; u l-

---

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

kompetittività mhux marbuta mal-prezzijiet, filwaqt li jitqiesu l-komponenti differenti tal-produttività."

8. Għaldaqstant, ir-Regolament dwar il-MIP jipprevedi l-objettiv doppju li jiġu indirizzati l-iżbilanċi li jaffettwaw lill-ekonomiji individwali tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll ir-riperkussjonijiet[4] fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro u tal-UE.

9. Il-MIP hija inkorporata fis-Semestru Ewropew, li huwa l-qafas li ġie introdott fl-2010 għall-koordinazzjoni ġenerali ta' politiki ekeonomiċi fl-UE kollha. Minbarra l-MIP, is-Semestru Ewropew jinkludi miżuri li jimplimentaw il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), u politiki strutturali li għandhom l-għan li jistimulaw it-tkabbir fuq terminu twil fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020, billi jilħqu l-miri, jirrispettaw il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi u l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi. Il-proċess annwali tas-Semestru Ewropew jilħaq il-quċċata tiegħu permezz tal-proposta, li l-Kummissjoni tagħmel lill-Kunsill, ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) f'dawn l-oqsma kollha. Wara li dawn jiġu approvati mill-Kunsill, l-Istati Membri huma mistennija jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet.

10. B'mod ġenerali, id-distinzjoni bejn il-MIP u l-PST hija din: il-MIP tittratta l-iżbilanċi makroekonomiċi inġenerali, filwaqt li l-PST ma jmurx lil hinn mis-sostenibbiltà fiskali. Barra minn hekk, ladarba Stat Membru jkun issodisfa r-rekwiżiti relatati mad-dejn u mad-defiċit, il-PST ma jibqax jipprovdi gwida dwar il-politika fiskali. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament dwar il-MIP jipprevedi li r-reazzjonijiet tal-politika għall-iżbilanċi li jiġu identifikati taħt il-MIP jistgħu jinkludu miżuri ta' politika fiskali u tal-pagi[5]. Iż-żewġ strumenti ta' politika huma simili fis-sens illi jagħtu lill-Kummissjoni rwol ta' infurzar, u għalhekk għandhom element preventiv kif ukoll element korrettiv. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandhiex rwol simili ta' infurzar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020.

---

[4] Għal definizzjoni ta' riperkussjoni, ara n-***<u>Nota 30 f'qiegħ il-paġna</u>***.

[5] Il-Premessa 20 tar-Regolament dwar il-MIP.

11. Il-proċess annwali tal-MIP li jidentifika l-iżbilanċi, jivvaluta s-severità tagħhom u jagħti bidu għall-korrezzjonijiet jiġi ripartit fi stadji. Il-proċess spjegat fir-Regolament dwar il-MIP jingħata fil-qosor fil-***Figura 1*** (għal aktar dettall ara l-***Anness I***), u d-dokumenti korrispondenti huma elenkati fl-***Anness II***.

**L-ewwel stadju: Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija**

12. L-ewwel stadju fil-proċess huwa l-pubblikazzjoni ta' Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR). L-iskop prinċipali għal dan huwa li jiġu identifikati l-Istati Membri li l-Kummissjoni tqis li jinsabu f'riskju li jiġu affettwati mill-iżbilanċi u li għalhekk jirrikjedu analiżi ulterjuri fil-forma ta' analiżi fil-fond (l-IDR: ara t-tieni stadju). L-AMR juża tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi magħżula biex jindika l-iżbilanċi interni u esterni (ara l-***Anness III***)[6]. Madankollu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament dwar il-MIP jagħmilha ċara li d-deċiżjoni li titnieda IDR ma għandhiex tirriżulta "mill-qari mekkaniku tal-indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni".

**Figura 1 – Flowchart sempliċi tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku**




*Sors:* Il-QEA.

---

6 Il-Kummissjoni tieħu kont ukoll ta' 28 indikatur awżiljarju bħala sors ta' informazzjoni komplementari (http://ec.europa.eu/eurostat/cache/Imbalance_Scoreboard/MIPs_AUX_EN_banner.html).

**It-tieni stadju: Analiżijiet fil-fond**

13. L-IDRs jikkonsistu f'analiżi dettaljata taċ-ċirkustanzi speċifiċi għall-pajjiż bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' għodod analitiċi (bħal miżuri ta' konnessjonijiet u esponimenti kummerċjali bejn l-Istati Membri), f'informazzjoni kwalitattiva speċifika għall-pajjiż (bħal speċjalizzazzjoni f'ċerti prodotti, kif ukoll mekkaniżmi ta' negozjar tal-pagi) u, f'ħafna każijiet, f'varjabbli li jkunu differenti minn dawk li hemm fit-tabella ta' valutazzjoni tal-AMR.

14. Il-Kummissjoni tiġbor informazzjoni matul iż-żjarat tagħha lill-Istati Membri. Hija għandha wkoll l-obbligu li tqis kwalunkwe informazzjoni oħra li, skont dak li jkun ġie kkomunikat mill-Istati Membri, titqies rilevanti. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni trid tieħu kont tal-intenzjonijiet ta' politika tal-Istati Membri u ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni preċedenti mill-Kunsill jew mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

15. Ir-Regolament dwar il-MIP jirrikjedi speċifikament li l-IDRs jevalwaw jekk l-Istat Membru inkwistjoni huwiex affettwat mill-iżbilanċi u, jekk ikun il-każ, jekk dawn humiex eċċessivi. Ir-riperkussjonijiet tal-politiki ekonomiċi nazzjonali jridu jitqiesu wkoll. Jekk il-Kummissjoni ma tidentifika l-ebda żbilanċ, il-proċess tal-MIP jintemm għal dak l-Istat Membru f'dik is-sena. Jekk l-iżbilanċi jiġu identifikati, skont xi tkun is-severità tagħhom, il-Kummissjoni tqiegħed lill-Istat Membru jew fil-fergħa preventiva jew inkella f'dik korrettiva tal-MIP.

16. Mill-2015 'il hawn, l-IDRs saru parti mir-rapporti annwali għall-pajjiżi, imwettqa mill-Kummissjoni, tal-proċess annwali tas-Semestru Ewropew. Dawn jinkludu valutazzjonijiet analitiċi, b'firxa wiesgħa, tal-problemi strutturali prinċipali li jaffettwaw Stat Membru f'oqsma bħat-tassazzjoni u l-infiq, l-impjiegi, l-amministrazzjoni pubblika u l-ambjent kummerċjali, kif ukoll tal-progress li l-Istat Membru jkun għamel fl-implimentazzjoni tas-CSRs u lejn il-miri ta' Ewropa 2020.

**It-tielet stadju: Prevenzjoni u korrezzjoni**

L-azzjoni preventiva

17. Jekk il-Kummissjoni tqis li Stat Membru għandu żbilanċi makroekonomiċi, din trid tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' mbagħad jindirizza s-CSRs lill-Istat Membru biex jikkoreġi l-iżbilanċi u bħala prevenzjoni biex

dawn ma jsirux "eċċessivi" (f'dan ir-rapport, dawn jissejħu "CSRs rilevanti għall-MIP"). Is-CSRs jiġu adottati f'Lulju u jridu jiġu analizzati kif ukoll, fejn xieraq, aġġustati kull sena. Għal din il-fini, teżisti valutazzjoni sistematika u pubblika tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-CSRs, ippubblikata fi Frar f'forma ta' anness korrispondenti għar-rapport għall-pajjiż. Biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, il-Kummissjoni hija meħtieġa żżomm djalogu permanenti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, u twettaq żjarat ta' informazzjoni, normalment darba fis-sena.

L-azzjoni korrettiva: il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv

18. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-iżbilanċ huwa eċċessiv, ikun jerġa' jeħtieġ, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-MIP, li din tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' mbagħad jiddeċiedi li jattiva "proċedura ta' żbilanċ eċċessiv" (EIP), li tkun tesponi l-Istat Membru għal rekwiżiti u monitoraġġ aktar stretti u, fl-aħħar mill-aħħar, fil-każ tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, għall-possibbiltà ta' sanzjonijiet finanzjarji[7].

## AMBITU, OBJETTIVI U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

### *Ambitu u objettivi tal-awditjar*

19. Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet "Il-MIP għandha bażi soda u hija implimentata b'mod adegwat?" Għalhekk, f'dan l-awditu aħna vvalutajna l-effettività tal-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-MIP matul il-perjodu mill-2012 sal-2017[8] kif ukoll, fejn rilevanti, ċerti elementi tat-tfassil tal-proċedura. Aħna eżaminajna l-MIP fid-dettall għal kampjun ta' erba'

---

[7] Ara r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

[8] L-analiżi li wettaqna ntemmet bil-pubblikazzjoni tal-IDRs fi Frar 2017, u għalhekk ma koprietx is-CSRs għall-2017.

Stati Membri (il-Bulgarija, Spanja, Franza u s-Slovenja), filwaqt li koprejna Stati Membri oħra, fejn kien xieraq, sa livell inqas[9].

20. B'mod aktar speċifiku, aħna eżaminajna:

a) l-effettività tal-implimentazzjoni tal-proċedura abbażi tal-mod kif il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi tal-Istati Membri evolviet u r-raġunijiet sottostanti għall-implimentazzjoni baxxa tas-CSRs rilevanti għall-MIP;

b) il-proċess ta' klassifikar tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri;

c) l-użu, mill-Kummissjoni, ta' għodod analitiċi u ta' analiżi ekonomika għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-iżbilanċi, u l-preżentazzjoni tar-riżultati li kienet qed tevolvi;

d) ix-xerqien tat-tabella ta' valutazzjoni u l-AMR kollu kemm hu fil-MIP.

21. Aħna ma vvalutajniex ix-xerqien tas-sollijiet issettjati għall-indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni, u lanqas il-kwalità tad-*data* tal-istatistika li fuqha huma bbażati. Lanqas ma eżaminajna l-proċedura għall-evalwazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP[10].

22. Il-kriterji tal-awditjar tagħna ġew minn:

a) rekwiżiti regolatorji (b'mod partikolari r-Regolament dwar il-MIP);

b) ir-regoli u l-proċeduri interni tal-Kummissjoni (eż. struzzjonijiet u linji gwida);

---

[9] Ara l-***Anness IV*** għal spjegazzjoni tal-metodoloġija ta' kampjunar tagħna.

[10] Il-klassifikazzjoni għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSRs hija ppreżentata fl-***Anness V***. L-istħarriġ li wettaqna tal-Membri tal-KPE (ara l-***paragrafu 24***) wera li huma qiesu l-valutazzjonijiet mill-Kummissjoni bħala li kienu b'mod ġenerali preċiżi (ara l-***Figura o fl-Anness VI***).

c) dokumenti maħruġa minn għadd ta' istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (b'mod partikolari l-FMI u l-OECD) jew li rriżultaw minn riċerka għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattika.

23. Dan ir-rapport tal-awditjar huwa t-tieni wieħed f'sensiela ta' rapporti li kienet ippjanata biex tiżgura kopertura sostanzjali tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE. L-ewwel rapport f'din is-sensiela, dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP)[11], ġie ppubbikat fl-2016.

***Approċċ***

24. F'Marzu 2016, aħna bgħattna stħarriġ online lill-membri tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) mill-Istati Membri li kienu suġġetti għall-MIP. L-istħarriġ kopra l-perjodu mill-AMR tal-2012 sal-IDRs tal-2016. Huwa kien jinkludi 46 mistoqsija, kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, dwar il-fehmiet tal-membri tal-KPE rigward il-MIP. L-istħarriġ għalaq f'Diċembru 2016, sa liema data kienu wieġbu 19 minn 20 membru tal-KPE. Ir-riżultati tal-istħarriġ iggwidaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna, u ssir referenza għalihom f'ċerti osservazzjonijiet. It-tweġibiet miġbura għall-mistoqsijiet kwantitattivi jistgħu jinstabu fl-***Anness VI***.

25. Aħna intervistajna membri tal-persunal minn tliet dipartimenti tal-Kummissjoni (id-DĠ ECFIN, id-DĠ EMPL u s-Segretarjat Ġenerali) u l-kabinetti tal-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, it-Tassazzjoni u d-Dwana u l-Viċi President għall-Euro u d-Djalogu Soċjali. Aħna eżaminajna firxa ta' dokumentazzjoni tal-Kummissjoni, kemm fid-dominju pubbliku kif ukoll rekords interni. Iltqajna wkoll ma' rappreżentanti tal-istituzzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-MIP fl-Istati Membri magħżula (ara l-lista tal-istituzzjonijiet fl-***Anness VII***).

26. Aħna ddiskutejna l-MIP ma' rappreżentanti ta' bosta organizzazzjonijiet li fehmiethom kienu rilevanti għall-awditu (inklużi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-FMI, l-OECD, il-Bank

---

[11] Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2016 "Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv" (http://eca.europa.eu).

Dinji, il-Parlament Ewropew u, fil-Ġermanja, il-Ministeru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija kif ukoll il-Ministeru Federali tal-Finanzi). Organizzajna wkoll panel konsultattiv u fittixna l-parir ta' esperti indipendenti.

## OSSERVAZZJONIJIET

### *Xi Stati Membri ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi matul bosta snin, u l-politiki korrettivi qed jiġu implimentati b'mod insuffiċjenti*

27. Din it-taqsima tħares lejn l-evoluzzjoni tal-għadd ta' Stati Membri fejn l-iżbilanċi ilhom jiġu identifikati sa mill-introduzzjoni tal-MIP. Imbagħad hija turi l-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, skont kif ġie vvalutat mill-Kummissjoni, u tqis ir-raġunijiet sottostanti.

### B'mod ġenerali, l-Istati Membri jibqgħu fi żbilanċ għal bosta snin

28. L-għadd ta' Stati Membri li ġew identifikati, permezz tal-MIP, bħala li kellhom żbilanċi makroekonomiċi żdied gradwalment bejn l-2012 u l-2015 (minn 12 għal 16). Minkejja dan, aħna nirrikonoxxu l-fatt li dan l-għadd żdied ukoll minħabba l-ħruġ ta' bosta pajjiżi mill-programmi ta' aġġustament ekonomiku, u minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE. Aktar reċentement, ix-xejra kumplessiva nqelbet, u possibbilment tirrifletti l-irkupru ċikliku tal-ekonomiji tal-UE. Madankollu, l-għadd ta' Stati Membri bi żbilanċi eċċessivi ma naqasx (ara l-***Figura 2*** u l-***Anness VIII***).

**<u>Figura 2</u> – Għadd ta' Stati Membri bi żbilanċi**




*Sors:* Il-QEA.

29. Il-***<u>Figura 3</u>*** turi li, b'mod ġenerali, il-klassifikazzjoni tal-Istati Membri indvidwali baqgħet l-istess minn sena għal oħra. It-titjib kien relattivament rari. Matul l-ewwel ħames snin tal-MIP (l-2012 sal-2016), total kumulattiv ta' 67 Stat Membru ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi (51) jew żbilanċi eċċessivi (16). F'39 mill-51 każ li juru żbilanċi ma kien hemm l-ebda bidla fis-sena ta' wara, filwaqt li l-livell ta' 5 Stati Membri ttella' sa "żbilanċi eċċessivi", u 7 Stati Membri rnexxielhom jikkoreġu l-iżbilanċi tagħhom. Mis-16-il Stat Membru bi żbilanċi eċċessivi, 2 biss irnexxielhom joħorġu mill-kategorija s-sena ta' wara.

**<u>Figura 3</u> – Ftit li xejn bidla fil-klassifikazzjoni, 2012-2017**




| | | |
|---|---|---|
| Tjiebet | 9 | 13.4 % |
| Ma nbidlitx | 53 | 79.1 % |
| Marret għall-agħar | 5 | 7.5 % |
| *Total* | *67* | *100 %* |

*NB:* Il-vleġeġ juru kif il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi tal-Istati Membri nbidlet kull sena matul il-perjodu: jew tjiebet, marret għall-agħar, jew inkella ma nbidlet assolutament xejn. Is-somma ta' dawk iil-bidliet hija ugwali għal 67.

*Sors:* Il-QEA.

30. Din l-inerzja hija wkoll evidenti jekk wieħed iħares lejn it-12-il Stat Membru li għalihom l-iżbilanċi ġew identifikati fl-2012, l-ewwel sena tal-MIP. Minn dak iż-żmien 'il hawn, f'ċertu punt, 6 mit-12-il Stat Membru spiċċaw bi "żbilanċi eċċessivi" (il-Bulgarija, Ċipru, Franza, l-Italja, is-Slovenja u Spanja). Tnejn biss minn dawk is-sitta rnexxielhom jirritornaw għal żbilanċ "regolari" (is-Slovenja u Spanja), filwaqt li ħallew l-erbgħa l-oħra għad fil-kategorija ta' "żbilanċ eċċessiv" (erba' snin wara xulxin għall-Italja , tliet snin għal Franza u l-Bulgarija, u

sentejn għal Ċipru[12]). L-ebda Stat Membru li kellu żbilanċi "eċċessivi" ma seta' qatt jagħmel biżżejjed titjib biex jispiċċa fil-kategorija ta' "l-ebda żbilanċ". L-***Anness VIII*** jittraċċa bis-sħiħ il-klassifikazzjoni ta' kull Stat Membru mill-2012 'il hawn.

**Minkejja l-monitoraġġ frekwenti u intensiv, il-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, mill-Istati Membri, kien baxx**

Standard tajjeb ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni

31. Ir-Regolament dwar il-MIP[13] jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP billi, fost affarijiet oħra, tiġbor informazzjoni fl-Istati Membri u żżomm djalogu permanenti mal-awtoritajiet u mas-sħab soċjali. Aħna sibna li, matul iż-żjarat frekwenti ta' informazzjoni lill-Istati Membri, il-Kummissjoni kellha djalogu sħiħ u ċar ma' firxa wiesgħa biżżejjed ta' partijiet interessati fil-livell nazzjonali.

32. Fl-2013, il-Kummissjoni introduċiet il-proċedura ta' "monitoraġġ speċifiku" għall-Istati Membri bi żbilanċi eċċessivi. Din il-proċedura ġiet estiża fl-2014 għall-Istati Membri magħżula, taż-żona tal-euro, li kellhom żbilanċi ta' rilevanza sistemika u, fl-2016, għall-Istati Membri kollha bi żbilanċi. Attwalment, il-monitoraġġ speċifiku jikkonsisti fi żjara annwali ta' informazzjoni lil kull Stat Membru, segwita mill-pubblikazzjoni ta' rapport ta' progress.

Madankollu, il-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, mill-Istati Membri, kien baxx

33. Il-Kummissjoni tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs bl-użu ta' klassifikazzjoni kwalitattiva (ara l-***Anness V***). Fl-2017, il-Parlament Ewropew ibbaża fuq dawn il-valutazzjonijiet biex jevalwa l-implimentazzjoni kumplessiva tas-CSRs rilevanti għall-MIP

---

[12] Minn Mejju 2013 sa Marzu 2016, Ċipru kien suġġett għal programm ta' aġġustament ekonomiku.

[13] L-Artikolu 13(1) u (2).

għall-perjodu 2012-2016[14]. Il-***Figura 4*** tagħti fil-qosor din l-evalwazzjoni. Aħna nikkonkludu li l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP kienet ilha persistentement dgħajfa mill-2012, billi l-proporzjon tas-CSRs rilevanti għall-MIP li ġew implimentati bis-sħiħ jew b'mod sostanzjali huwa baxx ħafna[15].

**Figura 4 – Implementazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP li nħarġu mill-2012 sal-2016**




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq valutazzjonijiet imwettqa mill-Parlament Ewropew (l-Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika (EGOV)) u mill-Kummissjoni Ewropea.

Hemm bosta dgħufijiet li jaffettwaw l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP

34. Id-dgħufijiet li ġejjin fil-ġestjoni tal-proċess tal-MIP affettwaw b'mod negattiv l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP: (i) l-ebda rabta sistematika bejn is-CSRs rilevanti għall-MIP u l-iżbilanċi; (ii) l-ebda stima sistematika tal-impatt li s-CSRs rilevanti għall-MIP ikollhom fuq l-iżbilanċi; (iii) inkonsistenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro kollha kemm hi u s-CSRs rilevanti għall-MIP; (iv) skeda ta' żmien diffikultuża ħafna għall-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP.

---

[14] L-analiżi fil-fond "Implementation of the Macroeconomic Imbalance Procedure – state-of-play (June 2017)" (Implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – is-sitwazzjoni attwali (Ġunju 2017)) - PE 497.739.

[15] Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-kategorija "xi progress" fil-klassifikazzjoni għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSRs bħala "l-Istat Membru jkun ħabbar jew adotta miżuri biex jindirizza s-CSR. Dawn il-miżuri jkunu promettenti, iżda mhux kollha kemm jkunu ġew implimentati għad u l-implimentazzjoni ma tkunx ċerta fil-każijiet kollha." Dan il-livell ta' implimentazzjoni mhux dejjem jista' jitqies bħala tnaqqis ta' żbilanċi bi probabbiltà raġonevoli.

*L-ebda rabta sistematika bejn is-CSRs rilevanti għall-MIP u l-iżbilanċi*

35. Biex tiġi promossa s-sjieda nazzjonali, u għaldaqstant l-Istati Membri jitħeġġu biex jimplimentaw is-CSRs rilevanti għall-MIP b'mod aktar diliġenti, huwa essenzjali li jiġi ċċarat il-mod kif l-analiżi ekonomika u l-valutazzjoni tal-iżbilanċi wasslu għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-politika. Il-gwida proprja tal-Kummissjoni tiddikjara li jenħtieġ li l-IDRs jipprovdu l-bażi analitika għall-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet[16], iżda fil-prattika r-rabta mhux ta' spiss tkun ovvja[17]. L-istħarriġ tagħna għall-KPE kkonferma din l-impressjoni: meta staqsejna "Huwa ċar liema CSRs huma relatati mal-MIP?", kwart biss mill-membri tal-KPE wieġbu "dejjem ċar" (ara l-***Figura q fl-Anness VI***). Fi snin reċenti, ir-rabta hija wisq inqas evidenti minħabba s-simplifikazzjoni kemm tas-CSRs rilevanti għall-MIP (ara l-***paragrafi 40 sa 42***) kif ukoll tal-IDRs (ara l-***paragrafi 67 sa 73***).

36. L-ewwel nett, ir-rabta mhux ta' spiss tkun ovvja, jew inkella tkun dgħajfa ħafna. Dan għaliex il-Kummissjoni ma tifformulax il-proposti tagħha għas-CSRs bil-ħsieb li tindirizza żbilanċi speċifiċi, kif meħtieġ bl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-MIP. Minflok, ir-riformi strutturali jiġu diskussi ma' Stat Membru fil-kuntest ta' Ewropa 2020 qabel ma jiġu inklużi fil-proposti li jsiru mill-Kummissjoni, u jistgħu jitqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP anke jekk ikunu marbuta biss remotament mal-iżbilanċi.

37. Barra minn hekk, fl-analiżi li wettaqna tal-erba' Stati Membri magħżula, aħna sibna ħafna CSRs li tqiesu ħażin bħala li huma rilevanti għall-MIP, peress li l-ebda waħda mill-miżuri rrakkomandati ma kienet tindirizza l-żbilanċi li ġew identifikati fl-IDR. Ara l-***Kaxxa 1*** għal eżempji.

---

16 Id-Dokument Istituzzjonali 039 tal-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016, "The Macroeconomic Imbalance Procedure – Rationale, Process, Application: A Compendium" (Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – Prinċipji ġustifikattivi, Proċess, Applikazzjoni: Kompendju), p. 50.

17 Il-QEA hija tal-fehma li l-proċess loġiku jkun jibda mill-identifikazzjoni tal-iżbilanċi u mbagħad jgħaddi għall-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet ta' politika (inklużi l-istimi tal-effetti) u jibqa' sejjer sal-ispeċifikazzjoni tas-CSRs.

| **<u>Kaxxa 1</u> – Eżempji ta' rabta nieqsa bejn is-CSRs rilevanti għall-MIP u l-IDRs** |
|---|
| • Is-CSR Nru 3/2016 għal **Franza** indirizzat suġġetti (ir-riformi tal-apprendistat, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-benefiċċji tal-qgħad) li ma kinux rilevanti għall-MIP: dawn ma ġewx ittrattati fit-taqsima tal-IDR tar-rapport għall-pajjiż, lanqas ma ssemmew fil-matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP (ara l-***<u>paragrafu 68</u>***), u lanqas ma ssemmew bħala sfida dwar il-politiki, relatata mal-IDR, fis-sommarju eżekuttiv tar-rapport mill-pajjiż. B'mod simili, is-suġġetti li tqajmu fis-CSR Nru 5/2015 u fis-CSR Nru 5/2016 (ir-riforma tas-sistema fiskali Franċiża) ma ġewx ittrattati fit-taqsima tal-IDR tar-rapport għall-pajjiż. <br><br> • Is-CSR Nru 2/2013 għas-**Slovenja** indirizzat suġġetti (is-sostenibbiltà fuq terminu twil tas-sistema tal-pensjonijiet; il-kura tas-saħħa) li għalihom ma kien hemm l-ebda referenza fl-IDR. <br><br> •Is-CSR Nru 1/2016 għall-**Bulgarija** qajmet kwistjonijiet (il-miri tal-PST; il-miżuri biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi u titnaqqas l-ekonomija informali) li ma ġewx ittrattati fit-taqsima tal-IDR tar-rapport għall-pajjiż u ma ġewx inklużi fil-matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP u lanqas ma ġew enfasizzati fis-sommarju eżekuttiv. Is-suġġetti li tqajmu fis-CSR Nru 1/2015 (il-miri tal-PST; il-ġbir tat-taxxi; l-ekonomija moħbija; il-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa) ġew diskussi fit-taqsima "Problemi strutturali oħra" tar-rapport għall-pajjiż u għalhekk ma kinux konnessi mal-IDR. <br><br> • Is-CSR Nru 9/2013 għal **Spanja** indirizzat suġġetti (ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika; l-effiċjenza tal-ġudikatura) li ma kinux ittrattati fl-IDR. Is-CSR Nru 2/2015 kienet tirrigwarda r-riformi tal-banek ta' tfaddil, kwistjoni li għaliha ma kien hemm referenza mkien fir-rapport għall-pajjiż. |

38. It-***<u>Tabella 1</u>*** tindika l-punt sa fejn is-CSRs jitqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP. Fl-2016, aktar minn 80 % tas-CSRs kienu indirizzati għall-Istati Membri li kienu affettwati mill-iżbilanċi, u s-CSRs kollha li kienu indirizzati għall-Istati Membri bi żbilanċi eċċessivi tqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP. Din il-klassifikazzjoni eċċessiva tas-CSRs bħala li huma rilevanti għall-MIP dgħajfet l-effettività u l-kredibbiltà tal-MIP. Dan fil-fatt ġie kkorroborat minn ħafna mill-partijiet interessati li ltqajna magħhom matul iż-żjarat ta' informazzjoni.

**<u>Tabella 1</u> – Proporzjon tas-CSRs li tqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP, fost is-CSRs kollha għall-Istati Membri li kellhom żbilanċi makroekonomiċi, 2012-2016**

| | Żbilanċi | Żbilanċi eċċessivi | Total |
|---|---|---|---|
| **2012** | 52.0 % | | 52.0 % |
| **2013** | 63.3 % | 94.4 % | 70.5 % |
| **2014** | 67.2 % | 100.0 % | 76.1 % |
| **2015** | 87.2 % | 92.9 % | 89.6 % |
| **2016** | 81.0 % | 100.0 % | 92.0 % |

*Sors:* Il-QEA.

39. It-tieni problema hija l-fatt li s-simplifikazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP u tal-IDRs kompliet toskura r-rabta bejn is-CSRs rilevanti għall-MIP u l-iżbilanċi identifikati.

40. Is-simplifikazzjoni tal-proċess tas-CSRs tmur lura għall-2015, wara li l-Istati Membri għamlu kumment li l-għadd u t-tul eċċessivi tas-CSRs kienu naqqsu mis-sens tagħhom ta' sjieda u mill-effettività tal-implimentazzjoni. Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-Kummissjoni naqqset l-għadd annwali ta' CSRs rilevanti għall-MIP. Hija naqqset ukoll it-tul medju tagħhom b'madwar 50 % (ara l-***<u>Figura 5</u>***).

41. B'mod ġenerali, is-simplifikazzjoni tqieset b'mod pożittiv mill-membri tal-KPE (ara l-***<u>Figura k fl-Anness VI</u>***) u minn ħafna mill-partijiet interessati li ltqajna magħhom matul iż-żjarat ta' informazzjoni. Madankollu, issa li s-CSRs rilevanti għall-MIP huma iqsar u fformulati f'termini aktar ġenerali, huma ma jindirizzawx speċifikament l-iżbilanċi li jkunu ġew identifikati f'IDR. In-natura ġenerali tagħhom tagħmilha wkoll aktar diffiċli biex titwettaq valutazzjoni ta' kemm dawn ġew implimentati tajjeb u kemm setgħu kkontribwew għall-eliminazzjoni tal-iżbilanċi. Il-***<u>Kaxxa 2</u>*** turi l-impatt tas-simplifikazzjoni fuq is-CSRs rilevanti għall-MIP li ntgħażlu għal Franza u Spanja.

**<u>Figura 5</u> – Għadd ta' CSRs rilevanti għall-MIP, u għadd ta' kliem għal kull CSR rilevanti għall-MIP, 2012-2016**




*Sors:* Il-QEA.

**<u>Kaxxa 2</u> – L-impatt tas-simplifikazzjoni fuq is-CSRs rilevanti għall-MIP għal Franza u Spanja**

Is-simplifikazzjoni wasslet għal tnaqqis fl-għadd u t-tul tas-CSRs rilevanti għall-MIP.

| | 2014 | | 2016 | |
|---|---|---|---|---|
| | **Franza** | **Spanja** | **Franza** | **Spanja** |
| **Għadd ta' CSRs** | | | | |
| Għadd totali ta' CSRs | 7 | 8 | ***5*** | ***4*** |
| Għadd totali ta' CSRs rilevanti għall-MIP | 6 | 7 | ***5*** | ***4*** |
| **Għadd ta' kliem fis-CSRs rilevanti għall-MIP** | | | | |
| Total | 803 | 978 | **280** | **227** |
| Medja | 134 | 140 | **56** | **57** |

Peress li tnaqqsilhom it-tul, is-CSRs rilevanti għall-MIP issa jipprovdu wkoll gwida ta' politika inqas dettaljata.

| 2014 | 2016 |
|---|---|
| **Franza** | |
| 3. Ir-regoli amministrattivi, fiskali u kontabilistiċi tal-kumpaniji jiġu simplifikati u jittieħdu miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tal-"pjan ta' simplifikazzjoni" kontinwu tal-Gvern sa Diċembru 2014. Impedimenti regolatorji għat-tkabbir tal-kumpaniji jiġu eliminati, b'mod partikolari permezz ta' analiżi tal-kriterji relatati mad-daqs, fir-regolamenti, biex l-effetti ta' limitu jiġu evitati. Jittieħdu passi għas-simplifikazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza tal-politika dwar l-innovazzjoni, notevolment permezz ta' evalwazzjoni u, jekk meħtieġ, l-adattament tal-"crédit d'impôt recherche". Jiġi żgurat li r-riżorsi jkunu ffukati fuq il-pilastri l-aktar effettivi tal-kompetittività, u l-impatt ekonomiku tal-innovazzjoni li ġiet żviluppata fil-pilastri jkompli jiġi promoss.<br>4. Jitneħħew ir-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati, u jitnaqqsu l-ispejjeż tad-dħul, u l-kompetizzjoni fis-servizzi tiġi promossa. Tittieħed azzjoni ulterjuri biex jitnaqqas il-piż regolatorju li jaffettwa l-funzjonament tas-settur tal-bejgħ bl-imnut, b'mod partikolari permezz ta' simplifikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet għall-ftuħ ta' ħwienet kummerċjali u permezz tat-tneħħija tal-projbizzjoni fuq il-bejgħ b'telf. Filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet affordabbli għall-gruppi vulnerabbli, jiġi żgurat li t-tariffi regolati tal-gass u tal-elettriku għall-klijenti domestiċi jiġu ssettjati f'livell xieraq li ma jkunx jirrappreżenta ostaklu għall-kompetizzjoni. Tissaħħaħ il-kapaċità ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass ma' Spanja; b'mod partikolari, titkabbar il-kapaċità ta' interkonnessjonijiet tal-gass biex is-suq tal-gass Iberiku jiġi integrat bis-sħiħ mas-suq Ewropew. Fis-settur ferrovjarju, tiġi żgurata l-indipendenza tal-maniġer tal-infrastruttura unifikat ġdid mill-operatur preeżistenti u jittieħdu passi għall-ftuħ ta' trasport domestiku tal-passiġġieri qabel l-2019. | 4. Jitneħħew l-ostakli għall-attività fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari fis-servizzi kummerċjali u l-professjonijiet regolati. Jittieħdu passi għas-simplifikazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza tal-iskemi tal-politika dwar l-innovazzjoni. Sa tmiem l-2016, tkompli r-riforma tal-kriterji relatati mad-daqs fir-regolamenti li jimpedixxu t-tkabbir tal-kumpaniji u titkompla s-simplifikazzjoni tar-regoli amministrattivi, fiskali u kontabilistiċi tal-kumpaniji billi jitwettaq il-programm ta' simplifikazzjoni. |
| **Spanja** | |
| 6. Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ambizzjuża u rapida tal-Liġi Nru 20/1013 dwar l-Unità tas-Suq fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni. Tiġi adottata riforma ambizzjuża tas-servizzi professjonali u tal-assoċjazzjonijiet professjonali sa tmiem l-2014, li tiddefinixxi l-professjonijiet li jirrikjedu reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali, u t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-korpi professjonali, jinfetħu attivitajiet li jkunu riżervati mingħajr ġustifikazzjon,i u tiġi salvagwardjata l-unità tas-suq fl-aċċess għal u l-implimentazzjoni tas-servizzi professjonali fi Spanja. Jtnaqqsu aktar iż-żmien, l-ispiża u l-għadd ta' proċeduri meħtieġa għat-twaqqif ta' negozju operattiv. Jiġu indirizzati restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-istabbiliment ta' postijiet tal-bejgħ bl-imnut fuq skala kbira, notevolment permezz ta' reviżjoni tar-regolamenti ta' ppjanar reġjonali eżistenti. Jiġu identifikati sorsi ta' finanzjament għall-istrateġija nazzjonali ġdida għax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, u tal-Aġenzija ta' Riċerka tal-Istat il-ġdida. | 4. Titħaffef l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-unità tas-suq fil-livell reġjonali. Tiġi żgurata l-implimentazzjoni, mir-reġjuni awtonomi, tal-miżuri ta' riforma adottati għas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Ir-riforma ppjanata dwar is-servizzi u l-assoċjazzjonijiet professjonali tiġi adottata. |

*Sors:* Il-QEA.

42. Problema oħra hija li, maż-żmien id-diskussjoni dwar il-possibbiltajiet ta' politika biex l-iżbilanċi jiġu indirizzati (it-taqsima "Sfidi dwar il-politiki") għebet mill-IDR minn mindu dan id-dokument ingħaqad mar-rapport għall-pajjiż. Flimkien mas-simplifikazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, dan għamilha ħafna aktar diffiċli għall-qarrej biex jifhem il-loġika wara r-rakkomandazzjonijiet. It-***Tabella 2*** tqabbel ir-rabta bejn l-IDR u s-CSR Nru 3, rilevanti għall-MIP għall-Bulgarija fl-2014 u fl-2015, jiġifieri qabel u wara s-simplifikazzjoni.

**<u>Tabella 2</u> – Eżempju tar-rabta li ddgħajfet bejn l-IDRs u s-CSRs rilevanti għall-MIP qabel u wara s-simplifikazzjoni**

| | CSR Nru 3, rilevanti għall-MIP għall-Bulgarija fl-2014 u fl-2015 | |
|---|---|---|
| | **Parir dwar il-politiki tal-IDR** | **Proposti mill-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż** |
| **2014** | "Sfidi dwar il-politiki"<br>- Jittejbu l-effiċjenza u l-effettività ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol<br>- Jiġi vvalutat l-impatt ta' politiki attivi eżistenti tas-suq tax-xogħol, minbarra li jiġu introdotti miżuri ġodda<br>- Jintrabtu l-eżiti tal-evalwazzjoni mal-politika futura<br>- Jiġu mmirati miżuri għal dawk li huma l-akbar ħtieġa ta' attivazzjoni u li għandhom l-ogħla impjegabbiltà. F'dan ir-rigward, iż-żgħażagħ mhux attivi u l-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u b'esperjenza professjonali li ilhom qiegħda għal żmien twil, kif ukoll gruppi soċjali vulnerabbli oħra li jkunu ġew identifikati. | Tittejjeb l-effiċjenza tal-Aġenzija tal-Impjiegi billi tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u billi jiġu mmirati aħjar il-persuni l-aktar vulnerabbli, bħal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk anzjani, il-persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil u r-Roma. |
| | - It-titjib fil-Prattiki edukattivi u ta' taħriġ jidher importanti għas-suq tax-xogħol; jistgħu jiġu eżaminati politiki relatati mal-ksib ta' parteċipazzjoni suffiċjenti, ikkonkretizzata fl-ilħuq ta' livelli edukattivi ogħla. Jiġu żviluppati prattiki ta' taħriġ u ta' tagħlim tul il-ħajja mmirati lejn ħiliet speċifiċi, li għalihom hemm jew jista' jkun hemm domanda fis-suq tax-xogħol<br>- Miżuri speċifiċi għaż-żgħażagħ jistgħu jinkludu programmi li jkollhom l-għan li jżidu l-livelli edukattivi milħuqa u li jtejbu l-kwalifiki tagħhom permezz ta' taħriġ immirat. Miżuri ta' riintegrazzjoni għall-persuni b'esperjenza professjonali li ilhom qiegħda għal żmien twil jistgħu jinkludu azzjonijiet li b'mod effettiv jorbtu l-benefiċċji soċjali mal-parteċipazzjoni fit-taħriġ u l-impjiegi ssussidjati. Programmi li jserrħu fuq ir-responsabbiltà soċjali tan-negozji jistgħu wkoll jiġu eżaminati. | Tiġi estiża l-kopertura u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex dawn ikunu jaqblu mal-profili ta' persuni li jkunu qed ifittxu xogħol, u jitwettaq xogħol ta' sensibilizzazzjoni għaż-żgħażagħ mhux irreġistrati li jkunu barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, f'konformità mal-objettivi ta' garanzija għaż-żgħażagħ. |
| | - Jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-miżuri attivi u dawk passivi<br>- Titqawwa l-effettività tat-trasferimenti soċjali biex jiġu żgurati standards adegwati tal-għajxien għal min jirċevihom | Sabiex jittaffa l-faqar, jittejbu aktar l-aċċessibbiltà u l-effettività tas-servizzi soċjali u tat-trasferimenti għat-tfal u għall-persuni aktar imdaħħlin fiż-żmien. |
| **2015** | "Sommarju eżekuttiv"<br>- Il-politiki dgħajfin tas-suq tax-xogħol għadhom jistgħu jeskludu lill-ħaddiema mis-suq tax-xogħol fuq il-bażi ta' prezzijiet.<br>- In-nuqqas kemm ta' prattiki edukattivi u ta' taħriġ immirati kif ukoll ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol jista' jxekkel il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol. | Jiġi żviluppat approċċ integrat għal gruppi fil-marġni tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien u żgħażagħ li jkunu barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ. |
| | "IDR"<br>It-titjib fl-impjegabbiltà ta' żgħażagħ li jkunu barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs) għadu diffikultuż ħafna. | |

*Sors:* Il-QEA.

43. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' rabta jew ġustifikazzjoni bejn l-IDRs u s-CSRs rilevanti għall-MIP mill-2016 'il quddiem mhuwiex konsistenti ma' dak li l-Kummissjoni ddikjarat fil-komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2015 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew. Biex ittejjeb it-trasparenza u twettaq segwitu fi ħdan il-MIP, f'dak iż-żmien il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet "[…] se tippreżenta wkoll ġustifikazzjoni espliċita ta'

deċiżjonijiet meħuda, inkluż dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi marbuta mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku […]" u "[…] tispjega aħjar ir-rabta bejn in-natura tal-iżbilanċi u kif dawn jiġu indirizzati f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż"[18].

*L-ebda stima sistematika tal-impatt li s-CSRs rilevanti għall-MIP ikollhom fuq l-iżbilanċi*

44. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ma tipprovdix stimi *ex ante* jew *ex post* tal-impatt ekonomiku li s-CSRs rilevanti għall-MIP ikollhom fuq l-iżbilanċi. Dan huwa komprensibbli biss f'każijiet fejn ikun hemm diffikultajiet inerenti biex jiġu kkwantifikat b'mod kredibbli xi wħud mill-impatti minħabba n-natura tal-miżuri ta' politika rrakkomandati (eż. analiżi tal-kwalità tal-assi jew testijiet tal-istress għas-settur bankarju, titjib fil-koordinazzjoni u fl-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi), jew il-fatt li kwalunkwe impatt se jkun fuq terminu twil (riformi edukattivi u tas-suq tax-xogħol).

45. Il-ftit eċċezzjonijiet huma r-referenzi għal studji esterni li jivvalutaw l-effetti tar-riformi strutturali fuq il-prodott domestiku gross (PDG)[19] [20], u l-eżerċizzju ta' darba fid-dokumenti ta'

---

[18] COM(2015) 600 final tal-21 ta' Ottubru 2015 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja", p. 9.

[19] Ir-rapport għall-pajjiż li sar fl-2015 għal Spanja (p. 59) josserva li, peress li l-effetti ta' konnessjonijiet 'il quddiem kienu relattivament kbar, l-effett ta' moderazzjoni tal-prezzijiet permezz ta' kompressjoni tal-marġni tal-profitt, ta' riforma għat-titjib tal-kompetizzjoni fis-servizzi professjonali, x'aktarx li jkun ta' benefiċċju għall-bqija tal-ekonomija, u r-rapport jirreferi għal studju mwettaq mill-Kummissjoni ("The Economic Impact of Professional Services Liberalisation" (L-Impatt Ekonomiku tal-Liberalizzazzjoni tas-Servizzi Professjonali), European Economy, Economic Papers 533, Settembru 2014) dwar l-effetti ta' ostakli regolatorji f'erba' professjonijiet fl-UE mill-2008 sal-2011.

[20] Fl-ewwel "Review of progress on policy measures relevant for the correction of macroeconomic imbalances" (Analiżi tal-progress fir-rigward tal-miżuri ta' politika rilevanti għall-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi) tagħha għal Franza fl-2014, il-Kummissjoni tirrakkonta s-sejbiet ta' studju tal-2014 imwettaq mill-OECD dwar l-effetti ta' riformi mwettqa u mħabbra mill-Gvern Franċiż mill-2012 'il hawn.

ħidma tal-persunal dwar il-programmi nazzjonali ta' riforma 2014 (PNR) tal-Istati Membri[21]. Stimar tal-impatt ekonomiku fuq l-iżbilanċi jkun jindika aħjar liema rakkomandazzjonijiet huma l-aktar rilevanti u għandhom il-probabbiltà li jkunu effettivi.

46. Barra minn hekk, ċerti rakkomandazzjonijiet jistgħu jinnewtralizzaw l-impatt ta' rakkomandazzjonijiet oħra, u hawnhekk jista' jkun possibbli li tiġi pprovduta stima raġonevoli. Dan huwa l-każ ta' rakkomandazzjonijiet baġitarji u ta' CSRs oħra li jkollhom impatt fiskali. Pereżempju, is-CSR Nru 1/2013 rilevanti għall-MIP għal Spanja, Stat Membru taħt l-EDP, kienet tirrigwarda t-twettiq tal-aġġustament fiskali rrakkomandat mill-Kunsill biex il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-pajjiż tiġi żgurata. Fl-istess waqt, is-CSR Nru 4/2013 rilevanti għall-MIP indirizzat il-ħtieġa li s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jiġu rinfurzati u modernizzati biex tiġi żgurata l-effettività tal-assistenza individwalizzata għall-persuni qiegħda. Il-Kummissjoni ma stmatx jekk l-ispiża għar-reklutaġġ tal-persunal meħtieġ biex jipprovdi appoġġ individwalizzat li aktar minn 6 000 000 persuna li kienu qed ifittxu xogħol kinitx konsistenti mar-restrizzjonijiet fiskali li hija kienet appellat għalihom fl-ewwel rakkomandazzjoni tagħha.

*Inkonsistenza fir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro*

47. Mill-2012 'il hawn, il-Kummissjoni pproponiet ukoll rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill, dawn jiġu indirizzati lill-Grupp tal-Euro tal-ministri tal-finanzi; kif meħtieġ, l-ebda korp tal-UE ma jerfa' responsabbiltà formali għall-implimentazzjoni tagħhom.

48. Ma hemm l-ebda sistema fil-Kummissjoni biex tiżgura l-konsistenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro u s-CSRs għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

21 Il-Kummissjoni użat mudell makroekonomiku (Quest) biex tistma kif ir-riformi strutturali fi Stat Membru partikolari jkunu jaffettwaw it-tkabbir jekk l-Istat Membru jċekken in-nuqqas bil-medja tat-tliet l-aħjar prestaturi tal-UE fir-rigward tal-indikaturi ekonomiċi ewlenin.

49. Eżempju wieħed tal-problema jirrigwarda r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro[22]. Meta l-politika monetarja tkun qed tiffaċċja diffikultajiet fit-tnaqqis tar-rati tal-imgħax, il-ġestjoni tal-pożizzjoni fiskali hija importanti biex it-tkabbir sostenibbli fid-domanda aggregata jiġi żgurat. Madankollu, mhuwiex il-kompitu tal-PST li jinfluwenza l-pożizzjoni fiskali ta' Stat Membru ladarba dan ikun laħaq il-konformità mal-kriterji ta' stabbiltà. Għalhekk, il-MIP tipprovdi qafas li fih jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet fiskali li jkunu rilevanti għaż-żona tal-euro kollha kemm hi.

50. F'Novembru 2016, il-Kummissjoni rrakkomandat pożizzjoni fiskali pożittiva sabiex tistimula l-irkupru bħala appoġġ għall-politika monetarja tal-BĊE[23]. Din ir-rakkomandazzjoni ma kinitx konsistenti mar-rekwiżiti fiskali ssettjati fis-CSRs li nħarġu għall-Istati Membri taż-żona tal-euro xi sitt xhur qabel, li implika pożizzjoni fiskali moderatament restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi għall-2017 u l-2018. Billi l-prospettiva għat-tkabbir tal-PDG ma kinitx marret għall-agħar matul dawk is-sitt xhur, ma kien hemm l-ebda raġuni għall-inkonsistenza. Ma jsir l-ebda mekkaniżmu effettiv biex jiġu ffaċilitati t-tensjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejn dak li huwa fiskalment mixtieq għaż-żona tal-euro u s-somma tas-CSRs fiskali għall-Istati Membri.

*Skeda ta' żmien diffikultuża ħafna għall-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP*

51. Il-Kummissjoni ddikjarat li hija tistenna li s-CSRs rilevanti għall-MIP jiġu implimentati fi żmien 12 sa 18-il xahar. Billi dan it-tbassir ta' spiss ikun ottimist wisq, huwa jaffettwa l-istatistika tal-implimentazzjoni. Ħafna CSRs rilevanti għall-MIP huma kumplessi u jirrikjedu rispons minn għadd kbir ta' partijiet interessati. Għadd kbir ta' CSRs rilevanti għall-MIP jiġu ripetuti sena wara sena, u għaldaqstant jiġu rreġistrati bħala mhux implimentati. Il-prattika tal-Kummissjoni tikkuntrasta ma' dik tal-FMI u tal-OECD, li t-tnejn li huma jistrutturaw il-parir tagħhom dwar il-politiki tul linji aktar tematiċi. B'konnessjoni ma' dan, ara l-***paragrafu 78***.

[22] Il-pożizzjoni fiskali hija stima tal-impuls volontarju kkawżat mill-politika fiskali.

[23] COM(2016) 727 tas-6 ta' Novembru 2016.

52. Din id-diffikultà ġiet, sa ċertu punt, ikkorroborata mir-risposti għall-mistoqsija tal-istħarriġ għall-KPE "Is-CSRs għall-Istat Membru tiegħek huma realistiċi?" Madwar 53 % tal-wiġġieba qisuhom "realistiċi", 26 % "kemxejn mhux realistiċi" u 11 % "assolutament mhux realistiċi" (ara l-***Figura j fl-Anness VI***). Ir-raġuni prinċipali li ngħatat għalfejn is-CSRs tqiesu li mhumiex realistiċi kienet l-iskeda ta' żmien diffikultuża ħafna għall-implimentazzjoni.

***Il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi hija nieqsa mit-trasparenza, u l-EIP qatt ma ġiet attivata***

53. Din it-taqsima tħares lejn il-loġika u l-proċess wara l-valutazzjoni, imwettqa mill-Kummissjoni, tas-severità tal-iżbilanċi.

**Is-sistema tal-kategoriji kienet tipikament kumplessa u suġġetta għal bidla**

54. Ir-Regolament dwar il-MIP ippreveda li l-Istati Membri se jkunu evalwati bħala li ma għandhom l-ebda żbilanċ, għandhom żbilanċi, jew għandhom żbilanċi eċċessivi.

55. Madankollu, fl-2012, il-Kummissjoni stabbiliet ħames kategoriji. Dawn espandew għal sitta fl-2013. Fl-2014 intuża sett differenti ta' sitta n. Il-kategoriji ġew iddifferenzjati skont is-severità tal-iżbilanċi u l-livell ta' monitoraġġ meħtieġ. Fl-aħħar nett, il-kategoriji tnaqqsu għal erbgħa biss fl-2016 (ara t-***Tabella 3***). Il-biċċa l-kbira mill-partijiet interessati li tkellimna magħhom laqgħu b'sodisfazzjon it-tnaqqis fuq il-bażi li dan kien issimplifika l-proċedura.

## <u>Tabella 3</u> – Evoluzzjoni tal-kategoriji ta' żbilanċ, 2012-2017

| 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| L-ebda żbilanċ | L-ebda żbilanċ | L-ebda żbilanċ<br>**DK, LU, MT** | | L-ebda żbilanċ<br>**AT, BE, EE, HU, RO, UK** | **FI** |
| Żbilanċi, li mhumiex eċċessivi iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati<br>**BE, BG, DK, FI, SE, UK** | Żbilanċi, li jistħoqqilhom monitoraġġ u azzjoni politika<br>**BE, BG, DK, FI, MT, NL, SE, UK** | Żbilanċi, li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni politika<br>**BE, BG, DE, FI, NL, SE, UK** | **BE, FI, NL, RO, SE, UK** | | |
| Żbilanċi serji, li mhumiex eċċessivi iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati<br>**FR, HU, IT, SI** | Żbilanċi, li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni politika deċiżiva<br>**FR, HU, IT** | Żbilanċi, li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni politika deċiżiva<br>**HU** | **DE, HU** | Żbilanċi | |
| Żbilanċi serji ħafna, li mhumiex eċċessivi iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati urġentement<br>**CY, ES** | | Żbilanċi, li jirrikjedu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva<br>**ES, FR, IE** | **ES, IE, SI** | **DE, ES, FI, IE, NL, SE, SI** | **DE, ES, IE, NL, SE, SI** |
| | Żbilanċi eċċessivi, li jirrikjedu azzjoni politika b'saħħitha (monitoraġġ speċifiku)<br>**ES**<br>Żbilanċi eċċessivi, li jirrikjedu azzjoni politika urġenti (monitoraġġ speċifiku)<br>**SI** | Żbilanċi eċċessivi, li jirrikjedu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva<br>**HR, IT, SI** | **BG, FR, HR, IT, PT** | Żbilanċi eċċessivi<br>**BG, CY, FR, HR, IT, PT** | **BG, CY, FR, HR, IT, PT** |
| Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv | Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv | Żbilanċi eċċessivi, li jirrikjedu azzjoni politika deċiżiva u l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv | | Żbilanċ eċċessiv bi pjan ta' azzjoni korrettiva (Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv) | |

*Sors:* Il-QEA.

56. Mill-2013 'il hawn, il-klassifikazzjonijiet differenti għandhom inkomuni l-preżenza ta' kategorijafejn jiġu identifikati żbilanċi eċċessivi iżda, f'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni qatt ma pproponiet l-attivazzjoni ta' EIP. Din il-possibbiltà mhijiex espliċitament prevista fir-Regolament dwar il-MIP (ara l-***<u>Kaxxa 3</u>***). Mid-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni, mhuwiex ċar minn fejn ġiet il-prattika li jiġu identifikati żbilanċi eċċessivi iżda li ma tiġix irrakkomandata l-attivazzjoni ta' EIP, u jidher li din ġiet deċiża fil-livell politiku. Sa issa, il-Kummissjoni dejjem evitat milli tirrakkomanda l-attivazzjoni tal-EIP iżda mingħajr l-ebda loġika ċara (ara l-***<u>paragrafu 63</u>***).

**<u>Kaxxa 3</u> – Meta jenħtieġ li tiġi attivata l-EIP?**

L-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-MIP jiddefinixxi biss "żbilanċi" u "żbilanċi eċċessivi".

Mill-Artikolu 7(1), dwar il-ftuħ tal-EIP: "Jekk, fuq il-bażi tar-reviżjoni fil-fond imsemmija fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru kkonċernat huwa affettwat bi żbilanċi eċċessivi, din għandha tinforma b'dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-grupp tal-Euro kif meħtieġ." L-Artikolu 7(2) imbagħad jiddikjara li l-Kunsill "jista'" jattiva l-proċedura, filwaqt li jindika li dan huwa suġġett għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

Madankollu, il-Kummissjoni tqis li hija tgawdi s-setgħa ta' diskrezzjoni dwar jekk għandhiex tirrakkomanda l-EIP anke jekk hija tkun tqis li Stat Membru jkun affettwat minn żbilanċi eċċessivi. Skont rapporti li saru, hija tibbaża din l-interpretazzjoni fuq l-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jinqara hekk:

"Meta jiġi stabbilit, taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 3, li l-politika ekonomika ta' Stat Membru mhijiex konformi mal-linji direttivi ġenerali previsti fil-paragrafu 2 jew li hemm ir-riskju li tipperikola l-funzjonament xieraq tal-Unjoni ekonomika u monetarja, il-Kummissjoni tista' tindirizza twissija lill-Istat Membru kkonċernat."

**Ir-rabta bejn l-analiżi u l-kategorija ta' żbilanċi mhijiex dejjem ċara**

57. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-MIP jiddikjara li jenħtieġ li l-IDR "tinkludi stima ta' jekk l-Istat Membru [...] hux milqut mill-iżbilanċi, u jekk dawn l-iżbilanċi humiex żbilanċi eċċessivi". Dan jimplika li l-Kummissjoni trid tipproduċi rabta ċara bejn l-analiżi ekonomika u l-kategorija magħżula ta' żbilanċi.

58. Fil-prattika, l-IDRs ma jinkludux xi konklużjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi għall-Istati Membri. Minflok, din tinsab fil-komunikazzjoni ta' akkumpanjament, mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, aħna sibna li l-konklużjonijiet irrakkomandati dwar l-iżbilanċi mhux dejjem ikunu bbażati b'mod ċar fuq l-analiżi li tkun twettqet fl-IDR korrispondenti. Pereżempju:

a) Fl-2015, wara rakkomandazzjoni li saret mid-DĠ ECFIN, l-istatus tal-Bulgarija ttella' tliet livelli, minn "żbilanċi li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni politika" għal "żbilanċi eċċessivi li jirrikjedu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva". Id-deċiżjoni biex isir dan kienet fil-biċċa l-kbira bbażata fuq falliment bankarju uniku li seħħ fl-2014 u t-tħassib

riżultanti tal-Kummissjoni dwar l-istabbiltà finanzjarja. Il-klassifikazzjoni nżammet fl-2016, għalkemm l-IDR ta' dik is-sena wriet li l-ebda wieħed mir-riskji finanzjarji li ġew identifikati fl-2015 ma kien immaterjalizza.

b) Fl-2015, wara rakkomandazzjoni li saret mid-DĠ ECFIN biex il-proċedura tiġi skalata, Franza ttellgħet livell wieħed għal "żbilanċi eċċessivi li jirrikjedu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva". Madankollu, fil-fehma tagħna, l-IDR ma kinitx identifikat bidliet *sinifikanti* minn sena għal sena fil-fatturi li fuqhom kienet ibbażata l-valutazzjoni. Fl-istess waqt, għalkemm Franza wkoll kienet taħt l-EDP (il-fergħa korrettiva tal-PST), din il-proċedura ma ġietx skalata minkejja li l-kelma "eċċessiv" dehret biss fl-IDR fir-rigward ta' defiċits fiskali.

c) L-IDR tal-2016 għar-Renju Unit (taħt l-EDP mill-2008 'l hawn) ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda żbilanċ, u l-AMR tal-2017 għar-Renju Unit lanqas biss ma kien jirrikjedi IDR. Dan ġara minkejja referenza li saret fl-IDR tal-2016 għal defiċit persistentement kbir (l-akbar wieħed dik is-sena fl-UE) fil-kont kurrenti, u tkabbir kontinwu fil-prezzijiet tad-djar, mill-2013 'il hawn, minn livelli li diġà kienu għoljin b'mod esaġerat.

59. Is-sitwazzjoni ġiet aggravata fl-2017, meta l-IDRs kompluti ġew sostitwiti minn "ommarji" fir-rapporti għall-pajjiżi (ara l-***paragrafu 69***).

60. It-twaqqit tal-pubblikazzjoni jagħti x'tifhem li l-kompiti tal-analiżi u tal-klassifikazzjoni huma wkoll separati funzjonalment. Fl-2012, fl-2014 u fl-2017, l-IDRs u l-komunkazzjoni li kienu jħabbru l-klassifikazzjoni ġew ippubblikati fl-istess jum, filwaqt li fl-2013 u fl-2016 l-IDRs ġew ippubblikati l-ewwel u l-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi ġiet ippubblikata ġimagħtejn wara. Fl-2015, il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi ġiet ippubblikata jum qabel l-IDRs.

**Fl-aħħar fażijiet, il-proċess huwa politiku aktar milli tekniku**

61. Attwalment, il-Kummissjoni għandha proċess b'bosta stadji għall-klassifikar tal-iżbilanċi. L-ewwel nett, il-persunal tal-Kummissjoni jibgħat parir bil-miktub lill-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji rigward il-klassifikazzjoni ta' kull Stat Membru li kien suġġett għal IDR. Aħna sibna li dawn is-suġġerimenti jipprovdu parir tekniku ċar u huma konsistenti bejn il-pajjiżi u matul iż-żmien.

62. Wara li dan il-parir jitqies mill-kabinett tal-Kummissarju u, mill-2014 'il hawn, mill-Viċi President għall-Euro u d-Djalogu Soċjali (li għandu responsabbiltà konġunta għall-MIP) abbozz ta' komunikazzjoni jintbagħat għal skrutinju lill-kabinetti kollha tal-Kummissarji u, fl-aħħar nett, lill-Kulleġġ tal-Kummissarji nnifsu għall-adozzjoni.

63. Bejn l-2012 u l-2016, ċerti Stati Membri ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi eċċessivi f'16-il okkażjoni. Madankollu, il-Kulleġġ qatt ma bagħat proposta għal EIP lill-Kunsill. Matul l-awditu tagħna, il-Kummissjoni pproduċiet ftit li xejn evidenza li tkun tispjega għalfejn il-Kulleġġ ma pproponiex l-EIP.

64. In-nuqqas ta' attivazzjoni sistematiku tal-EIP naqqas il-kredibbiltà u l-effettività tal-MIP. Din hija wkoll il-fehma ta' għadd ta' partijiet interessati, li jirrappurtaw li n-nuqqas ta' attivazzjoni dgħajjef il-proċedura f'termini kemm tal-abbiltà tagħha li tindirizza l-iżbilanċi kif ukoll tal-valur ta' deterrent tagħha. Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti[24] jissuġġerixxi wkoll l-użu sħiħ tal-MIP, inkluża l-attivazzjoni tal-EIP. Barra dan, il-BĊE ddikjara li l-użu sħiħ u effettiv tal-istrumenti kollha disponibbli taħt il-MIP – inkluża l-fergħa korrettiva tagħha – huwa meħtieġ, u huwa tenna dan il-messaġġ f'diversi okkażjonijiet[25].

65. Partijiet interessati oħra jissuġġerixxu li l-użu tal-EIP f'ċirkustanzi li ma jkunux ċari jkun jaffettwa wkoll il-kredibbiltà tagħha, u li jenħtieġ li din tintuża biss f'ċirkustanzi ovvji ħafna.

66. Ir-Regolament dwar il-MIP jafda bis-sħiħ lill-Kummissjoni bil-klassifikar tal-iżbilanċi. Madankollu, aħna qbadna bosta nuqqasijiet fil-mod kif dan isir:

---

24 "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa", rapport minn Jean-Claude Juncker f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, Ġunju 2015, p. 8: "Il-fergħa korrettiva [tal-MIP] għandha tintuża b'mod deċiżiv. Għandha tiskatta hekk malli jiġu identifikati żbilanċi eċċessivi u tintuża biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni (tar-riformi)."

25 Il-BĊE, Bulletin Ekonomiku, il-Ħarġa Nru 2, Marzu 2017, il-Kaxxa 7, p. 63. Għal dikjarazzjonijiet oħra ara l-Bulletin Ekonomiku, il-Ħarġa Nru 2, Marzu 2015, il-Kaxxa 5, p. 48 u l-Bulletin Ekonomiku, il-Ħarġa Nru 2, Marzu 2016, il-Kaxxa 8, p. 57.

a) L-ewwel nett, ma ntweritilna l-ebda evidenza li l-Kulleġġ u l-kabinetti għandhom proċedura formali biex iqisu l-parir li jingħata mid-DĠ ECFIN u biex jiddokumentaw l-iskambji tagħhom.

b) It-tieni nett, qabel l-2017, l-abbozz ta' komunikazzjoni dwar l-iżbilanċi ġie ċċirkolat tard ħafna lill-Kulleġġ. Dan kiser ir-regoli interni tal-Kummissjoni, li suppost jiżguraw li l-Kulleġġ ikun ta kunsiderazzjoni xierqa lid-deċiżjonijiet tagħha.

c) It-tielet nett, bħalissa ma hemm l-ebda gwida ċara bil-miktub dwar iċ-ċirkustanzi li fihom il-Kummissjoni tkun trid tiddeċiedi li tipproponi attivazzjoni tal-EIP.

***Il-prominenza tal-IDRs naqset konsiderevolment matul iż-żmien. Il-kwalità analitika tibqa' tajba, iżda jeħtieġ li jsir xi titjib f'xi aspetti ewlenin tal-IDRs***

67. Din it-taqsima tħares lejn il-preżentazzjoni tal-IDRs li qed tevolvi u lejn il-kwalità tal-għodod analitiċi u tal-analiżi ekonomika li l-Kummissjoni tuża għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-iżbilanċi.

**Il-prominenza tal-IDRs naqset konsiderevolment matul iż-żmien**

68. Il-konfini bejn l-IDRs u r-rapporti annwali għall-pajjiżi saru dejjem aktar imċajpra. Il-Kummissjoni kellha l-għan li tissimplifika l-analiżi u l-parir tagħha dwar il-politiki għall-Istati Membri fi ħdan il-qafas wiesa' tas-Semestru Ewropew li tkopri l-koordinazzjoni ta' politika. Madakollu, il-fużjoni tal-IDRs mar-rapporti għall-pajjiżi naqqset il-fokus fuq il-MIP u l-objettiv distint tagħha li taqbad u tipprevieni l-iżbilanċi.

69. Għall-ewwel tliet snin, l-IDR kienet dokument awtonomu ipprovdut prinċipalment mid-DĠ ECFIN, b'kontribuzzjonijiet mid-DĠ EMPL u minn direttorati ġenerali oħra. Fl-2015, din saret it-Taqsima 2 tar-rapport għall-pajjiż, li l-bqija minnu huwa r-riżultat ta' analiżi li preċedentement kienet inkluża f'dokument ta' ħidma tal-persunal (li issa ma għadux jinħareġ), li kien jivvaluta l-PNR tal-Istat Membru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'riżultat tal-fużjoni tneħħiet it-taqsima "sfidi dwar il-politiki" tal-IDR (sommarju ta' sfidi makroekonomiċi ewlenin u risposti possibbli) tneħħiet. Barra minn hekk, it-titli użati fir-rapporti għall-pajjiżi huma standardizzati issa u għalhekk ma jirriflettux is-severità tal-iżbilanċi fl-Istat Membru kkonċernat.

70. Fl-2016, it-tneħħija tat-taqsima "sfidi dwar il-politiki" ġiet indirizzata parzjalment miż-żieda ta' "matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP", tabella utli li tagħti sommarju tas-sejbiet prinċipali tal-IDR. Madankollu, it-tabella ma tipprovdix xi indikazzjoni tal-miżuri possibbli biex l-isfidi identifikati fl-IDR jiġu indirizzati.

71. Il-format tar-rapporti għall-pajjiżi ġie modifikat aktar fl-2017: minbarra li qassrithom b'mod ġenerali, il-Kummissjoni rrestrinġiet l-IDR għall-matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP u għal dikjarazzjoni qasira tas-sejbiet prinċipali (it-Taqsima 3). Dettalji tal-problemi prinċipali kollha, inklużi l-iżbilanċi makroekonomiċi, li jaffettwaw l-Istat Membru jinstabu skont it-tema fit-Taqsima 4 "Prijoritajiet ta' riforma". Asterisk fit-titlu jindika suġġetti li huma rilevanti għall-MIP u li jikkontribwixxu għas-sommarju fit-Taqsima 3.

72. Dawn il-bidliet fil-format kienu mmotivati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, li l-importanza tiegħu fil-proċess kibret matul iż-żmien. Issa, is-Segretarjat Ġenerali jiggwida wkoll il-ħruġ tar-rapporti għall-pajjiżi permezz ta' timijiet tal-pajjiżi, organizzati fid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni. Id-DĠ EMPL issa jipprovdi proporzjon akbar tal-input analitiku[26], b'mod partikolari dwar l-impjiegi u l-iżviluppi soċjali, u l-IDR/ir-rapport għall-pajjiż ma baqax jinħareġ daqstant mid-DĠ ECFIN. Il-partijiet interessati jirrappurtaw li dawn l-iżviluppi naqqsu l-viżibbiltà tal-MIP.

73. Minn meta twettqet il-fużjoni, il-komunikazzjoni dwar l-IDRs ġiet sostitwita minn komunikazzjoni ferm aktar ġenerali dwar ir-rapporti għall-pajjiżi. Biex jiġġieled kontra din il-problema, f'Ġunju 2015 id-DĠ ECFIN ippubblika stampa ġenerali tas-sejbiet tal-IDR[27] ta' dik is-sena biex jindika l-iżviluppi li kienu komuni fil-pajjiżi kollha u li kienu marbuta max-xenarju

---

[26] The Macroeconomic Imbalance Procedure – Rationale, Process, Application: a Compendium (Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – Prinċipji ġustifikattivi, Proċess, Applikazzjoni: Kompendju), il-Kaxxa 3.1, p. 34.

[27] Id-Dokument Okkażjonali Nru 228, Macroeconomic Imbalances - Main findings of the in-depth reviews 2015 (Żbilanċi makroekonomiċi - Sejbiet prinċipali tal-analiżijiet fil-fond għall-2015).

ekonomiku li kien qed jinbidel. Madankollu, l-ebda stampa ġenerali ma ġiet ippubblikata fl-2016 jew, sa issa, fl-2017.

74. Issa, l-analiżi tal-iżbilanċi makroekonomiċi hija parti mill-analiżi kumplessiva tal-problemi strutturali fi Stat Membru. Għaldaqstant, l-iżbilanċi tnaqqsitilhom il-prominenza li kellhom meta l-IDR kienet dokument separat. Dan jagħmilha diffiċli biex il-problemi fuq terminu qasir (żbilanċi) jintgħarfu minn dawk fuq terminu twil (tkabbir).

75. Fil-qosor, l-isforzi li saru biex għas-simplifikazzjoni tas-Semestru Ewropew naqqsu l-viżibbiltà tal-MIP. Madankollu, il-komunikazzjoni effettiva hija ta' importanza ċentrali biex il-pubbliku jkun jista' jifhem il-proċedura u l-isfidi li l-iżbilanċi makroekonomiċi joħolqu għall-Istati Membri. Jeħtieġ ukoll li l-komunikazzjoni tissaħħaħ sabiex ikun hemm titjib fis-sjieda nazzjonali. Din il-fehma ġiet ripetutament enfasizzata mill-partijiet interessati matul iż-żjarat ta' informazzjoni li wettaqna.

**Minkejja standard tajjeb ta' analiżi, jeħtieġ li jsir titjib f'xi aspetti tal-IDRs**

76. F'Novembru 2016, ħames snin wara l-introduzzjoni tal-MIP, id-DĠ ECFIN ippubblika dokument bit-titlu "The Macroeconomic Imbalance Procedure – Rationale, Process, Application: a Compendium" (Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – Prinċipji ġustifikattivi, Proċess, Applikazzjoni: Kompendju). Fil-biċċa l-kbira, il-Kompendju jibbaża fuq materjal analitiku li ġie ppreżentat lill-kumitati tal-Kunsill jew li ġie ppubblikat qabel f'diversi formats. Il-konsolidazzjoni tal-qafas kollu kemm hu f'din il-pubblikazzjoni, għalkemm tard, hija milqugħa tajjeb billi għenet lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħra jifhmu l-MIP u, b'mod partikolari, il-loġika għal ċerti deċiżjonijiet.

77. Il-Kompendju jiddeskrivi xi għodod analitiċi li d-DĠ ECFIN juża fil-valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Madankollu, dan jista' jittejjeb aktar billi tiġi inkluża informazzjoni dwar l-għodod li jintużaw mill-Kummissjoni f'analiżijiet rikorrenti oħra ta', pereżempju, l-istabbiltà tas-sistema bankarja, l-iżviluppi rilevanti għall-MIP fis-suq tax-xogħol u l-kwalità tal-politiki tas-suq tax-xogħol.

78. Skont partijiet interessati u esperti li kkonsultajna, l-istandard ta' analiżi fl-IDRs kien b'mod ġenerali tajjeb. Il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha speċifiċi

għall-pajjiż kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra li tiġi pprovduta mill-Istati Membri. Xi Stati Membri raw il-ħtieġa li jtejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u l-Kummissjoni reċentement għamlet sforzi f'dan ir-rigward.

79. L-istħarriġ tagħna għall-KPE kkonferma dawn is-sejbiet. Il-maġġoranza l-kbira tal-wiġġieba (89 %) iddeskrivew il-kwalità tal-IDR tal-Istat Membru tagħhom bħala "tajba", filwaqt li 11 % għażlu "medja". Ħadd minnhom ma ddeskriva l-kwalità bħala "tajba ħafna", "ħażina" jew "ħażina ħafna" (ara l-***Figura d fl-Anness VI***). Meta mqabbel ma' rapporti simili mill-istituzzjonijiet pari, 68 % tal-membri tal-KPE għażlu "l-ebda differenza", 26 % qalu "aħjar", u 5 % qalu li l-IDRs kienu "agħar" (ara l-***Figura u fl-Anness VI***). Il-wiġġieba kollha qablu li l-IDRs ħadu kont ta' informazzjoni speċifika għall-pajjiż li kienet rilevanti (53 % "sa livell għoli" u 47 % "sa ċertu livell", ara l-***Figura e fl-Anness VI***).

80. Meta mqabbel mar-rapporti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (l-FMI, l-OECD), li jużaw approċċ "tematiku", l-IDRs ta' spiss isemmu l-istess problemi sena wara sena. Anke meta jitqies il-fatt li xi żbilanċi huma persistenti u ma jistgħux jiġu injorati, dan ta' spiss jirriżulta f'analiżi repetittiva bi ftit li xejn valur miżjud u messaġġ li jibqa' b'mod ġenerali l-istess minn sena għal oħra.

81. Ir-Regolament dwar il-MIP jirrikjedi li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-"interkonnessjonijiet kummerċjali u finanzjarji qawwija bejn l-Istati Membri u l-effett laterali tal-linji ta' politika ekonomika nazzjonali"[28]. Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' għodod ekonomiċi[29] biex tindirizza dawn l-aspetti.

---

[28] L-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-MIP.

[29] Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' tekniki ta' valutazzjoni ekonomika li huma rilevanti. Pereżempju, dawn jinkludu valutazzjonijiet tal-iżviluppi tal-pagi transnazzjonali kif ukoll valutazzjonijiet tal-flussi finanzjarji.

82. Madankollu, ta’ spiss l-analiżi tar-riperkussjonijiet[30] tkun dgħajfa. Fl-erba’ Stati Membri magħżula din ġiet applikata kemxejn b’mod inkonsistenti. Pereżempju, sal-2014 kienet tingħata biss kunsiderazzjoni każwali għall-kontaġju[31] sovran (riperkussjoni minn barra) fis-Slovenja. Fil-Bulgarija, ma ngħatat l-ebda kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq għall-pajjiż bħala Stat Membru żgħir barra mit-territorju taż-żona tal-euro. Il-fatt li r-riperkussjonijiet jiġu injorati jwassal lill-Kummissjoni biex tiffoka żżejjed fuq żviluppi li jkunu intrinsiċi għal Stat Membru partikolari.

83. Mill-2015 'il hawn, kien hemm politika li jissemmew ukoll ir-riperkussjonijiet 'il barra fl-IDRs tal-ħames l-akbar Stati Membri taż-żona tal-euro. Dan huwa żvilupp pożittiv.

84. Ir-riperkussjonijiet 'il ġewwa ssemmew fl-IDRs fil-kampjun għas-snin kollha, għalkemm il-kopertura u l-profondità kienu jvarjaw. Pereżempju l-kontaġju sovran ma tqiesx f’ħafna dettall, lanqas fl-2012 u fl-2013 meta d-differenzi fir-rendimenti tad-dejn sovran[32] kienu partikolarment għoljin.

85. Biex nikkonkludu rigward ir-riperkussjonijiet, l-għodod analitiċi li jintużaw mhumiex konsistentement parti mill-analiżi mwettqa mill-pajjiżi. Madankollu, sar xi titjib speċifikament permezz tal-pubblikazzjoni tal-matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP mill-2016 'il quddiem.

86. B’mod ġenerali, l-IDRs ma jivvalutawx il-mod kif il-politika fiskali taffettwa l-iżbilanċi esterni. L-uniku Stat Membru li twettqitlu valutazzjoni komprensiva sa issa huwa l-Ġermanja, li tgawdi minn bilanċ pożittiv kbir fil-kont kurrenti. Madankollu, ma saretl-ebda analiżi simili

---

[30] Riperkussjoni hija żvilupp fi Stat Membru wieħed li għandu impatt fuq l-ekonomiji ta’ Stat Membru ieħor jew aktar. Riperkussjoni 'l ġewwa tirreferi għall-impatt fuq Stat Membru partikolari minn Stat Membru ieħor jew oħrajn. Riperkussjoni 'l barra tirreferi għall-impatt minn Stat Membru partikolari fuq Stat Membru ieħor jew oħrajn.

[31] Kontaġju sovran huwa meta movimenti negattivi, fl-ispejjeż tas-self ta’ pajjiż, iseħħu b’mod korrelatat ma’ dawk ta’ pajjiż ieħor.

[32] Firxa tad-dejn sovran hija d-differenza fil-punti perċentwali li pajjiż jiffaċċja fl-ispejjeż tas-self tiegħu meta mqabbel ma’ punt ta’ riferiment. Fiż-żona tal-euro, normalment il-punt ta’ riferiment huwa r-rata tal-imgħax fuq is-self li tintuża mill-Gvern Ġermaniż.

għall-pajjiżi li għandom defiċit strutturali fil-kont kurrenti, pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta negattiva kbira jew problemi ta’ kompetittività (ara l-***Kaxxa 4***). Fuq il-front fiskali, l-IDRs huma prinċipalment limitati għal diskussjoni qasira dwar l-iżviluppi tad-dejn fis-settur pubbliku.

**Kaxxa 4 – Żbilanċi esterni u politika fiskali**

Il-Kummissjoni wettqet analiżi bir-reqqa tal-bilanċi pożittivi fil-kontijiet kurrenti tal-Ġermanja fl-IDRs tal-2015 u 2016 tagħha, u kkonkludiet li jenħtieġ li l-pajjiż juża l-ispazju fiskali tiegħu (il-kapaċità tiegħu li jonfoq aktar mingħajr ma jmur kontra l-kriterji tal-PST) biex itejjeb id-domanda domestika u jżid l-investiment pubbliku. Fl-2016, il-Kunsill dgħajjef il-proposta li saret mill-Kummissjoni billi ħassar il-parti tar-rakkomandazzjoni dwar l-ispazju fiskali.

Fl-2017, it-taqsima tal-IDR tar-rapport mill-pajjiż dwar il-Ġermanja kien fiha wkoll analiżi[33] tar-riperkussjonijiet pożittivi li politika fiskali espansjonarja jkollha fuq iż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni reġgħet ħeġġet lill-Ġermanja biex tuża għodod fiskali, kemm biex tibbilanċja mill-ġdid il-kont kurrenti tagħha kif ukoll biex tgħin lil pajjiżi oħra jibbilanċjaw mill-ġdid id-defiċit estern tagħhom. Ir-referenza għall-impatt tal-politiki fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u fuq il-kompetittività kienet żvilupp importanti.

Minkejja dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni ma analizzatx il-konnessjoni bejn il-politika fiskali u l-iżbilanċi esterni dgħajfin fi Stati Membri sistemiċi oħra (notevolment Spanja u Franza), u lanqas ma rrakkomandat li dawn jissikkaw il-politika fiskali tagħhom biex jiffavorixxu r-riekwilibriju estern.

L-IDR tal-2015 għal Spanja vvalutat li t-titjib fil-kont kurrenti ewlieni kien permanenti. Billi għamlet dan, hija ttraskurat komponenti ċikliċi importanti, bħad-deprezzament tal-euro, miżuri tal-BĊE li kienu għenu biex ir-rati tal-imgħax fuq id-dejn estern jitbaxxew, u spejjeż tal-importazzjoni li kienu tnaqqsu minħabba prezz taż-żejt ħafna aktar baxx. Fl-IDR tal-2016 tagħha, il-Kummissjoni ħadet vantaġġ mit-titjib li kien sar fil-bilanċ estern ewlieni biex tevita diskussjoni dwar l-evoluzzjoni tal-kont kurrenti strutturali. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta negattiva kbira ssemmiet

[33] SWD(2017) 71 final “Country report - Germany 2017 - including an in-depth review on the prevention and correction of macroeconomic imbalances” (Rapport għall-pajjiż - Il-Ġermanja 2017 - inkluża analiżi fil-fond dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi), il-Kaxxa 3.1, p. 18.

ripetutament bħala problema, iżda ma saret l-ebda rabta mal-politika fiskali ta' Spanja, li kienet diġà espansjonarja minkejja r-ritorn reċenti għal tkabbir b'ritmu li kien aktar mgħaġġel mir-rata potenzjali ta' tkabbir tal-output.

Fl-IDR tagħha tal-2017 għal Franza, il-Kummissjoni identifikat dgħufijiet fil-kompetittività kif ukoll is-sehem mis-suq, li dejjem qed jonqos, tal-esportazzjonijiet għal sħab kummerċjali ewlenin iżda ma analizzatx il-possibbiltà li tuża politika fiskali biex tippromwovi riekwilibriju estern u tittrasferixxi r-riżorsi lejn is-settur kummerċjabbli.

87. Fil-każ tas-Slovenja u l-Bulgarija, aħna sibna dgħufijiet fl-analiżi tal-iżbilanċi u fir-rakkomandazzjonijiet riżultanti tal-politika (ara l-***Kaxxa 5***).

**Kaxxa 5 - Eżempji ta' dgħufijiet fl-analiżijiet tal-iżbilanċi**

➢ Dwar is-suġġett tar-riforma tas-suq tax-xogħol, l-IDR tal-2013 għas-Slovenja wissiet li ż-żieda fil-paga minima jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-impjiegi, u b'hekk possibbilment idewwem l-irkupru tal-impjiegi, filwaqt li żżid il-pressjoni fuq il-pagi ladarba jerġa' jibda t-tkabbir ekonomiku, u għaldaqstant ikun hemm riskju ta' tnaqqis ulterjuri fil-kompetittività. Fil-Komunkazzjoni tal-2013 li ħabbret il-klassifikazzjoni, iż-żieda fil-paga minima ngħatat bħala waħda mir-raġunijiet għalfejn ingħatat il-klassifikazzjoni aktar ħarxa tal-MIP fis-Slovenja, biex din spiċċat fil-livell ta' "żbilanċi eċċessivi".

Għadd ta' fatti jagħtu x'jifhmu li jeħtieġ li l-Kummissjoni toqgħod aktar attenta fil-valutazzjoni tagħha:

• Il-kobor tal-impatt kien ibbażat fuq dokument[34] li uża *data* mill-2008 biex jistma biss l-elastiċità kostanti tad-domanda għall-ħaddiema. Riċerka[35] oħra li kienet disponibbli fl-istess żmien issuġġeriet li l-impatt taż-żieda fil-paga minima jkun ħafna iżgħar.

[34] Id-Dokument ta' Ħidma Nru 3/2010 tal-IMAD "Estimation of the Impact of the Minimum Wage Rise in Slovenia" (Stima tal-impatt taż-Żieda fil-Paga Minima fis-Slovenja).

[35] Il-Bank tas-Slovenja, "Price Stability Report" (Rapport dwar l-Istabbiltà tal-Prezzijiet), April 2010, il-Kaxxa 2.2.

• Il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-ripartizzjoni, skont is-settur, tal-impjegati li bbenefikaw mill-paga minima biex tifhem l-impatt fuq l-impjiegi u l-kompetittività kumplessiva.

• Il-valutazzjoni tal-impatt għas-Slovenja kienet differenti ħafna minn dik għal Stati Membri kumparabbli oħra li kienu qed jesperjenzaw żidiet ogħla fil-paga minima, kopertura usa' tal-impjegati u proporżjon simili tal-paga minima/paga medja (eż. il-Bulgarija).

It-tbassir negattiv tal-impjieg għas-Slovenja fl-aħħar mill-aħħar ma mmaterjalizzax, u dan wassal lill-OECD biex tikkonkludi[36]: l-eżiti baqgħu konsistenti mat-tbassir ta' impatt (modest) negattiv.

➢ L-IDR tal-2013 għas-Slovenja ddikjarat li l-banek tal-Istat iġarrbu governanza korporattiva li ta' spiss tkun tal-aħjar livell u kkonkludiet li l-privatizzazzjoni tkun tgħin biex jiġu indirizzati defiċjenzi ċari ta' governanza korporattiva, iżda mingħajr ma tat xi eżempju konkret ta' dawn il-problemi ta' governanza.

➢Fl-IDR tagħha tal-2015 għall-Bulgarija, il-Kummissjoni osservat li l-banek tal-Istat iddebitaw, bħala medja, mgħax ogħla fuq is-self korporattiv li kienu qed jagħtu, u rraġunaw li dan il-profil jindika differenzi meta mqabbla mal-bqija tas-sistema bankarja, mhux biss fil-kwalità medja tal-kreditu tal-mutwatarji iżda wkoll fl-istandards ta' ġestjoni, fil-prattiki ta' sottoskrizzjoni tal-kreditu, fit-tip ta' kollateral u fir-riskju sottostanti tal-portafoll. Għal darb'oħra, ma ngħatat l-ebda analiżi jew evidenza ulterjuri biex issostni din l-inferenza.

Il-Kummissjoni ssuktat billi osservat li l-banek tal-Istat kienu rrappurtaw kwalità tal-assi li kienet aħjar mill-pari tagħhom li kellhom sidien barranin, u esprimiet tħassib dwar l-effettività tas-superviżjoni bankarja. Filwaqt li dan il-fatt jista' jirrifletti prattiki ħżiena ta' rappurtar kif ukoll ir-riskju ta' telf moħbi, xorta waħda ma jsostnix il-konklużjoni rigward id-dfferenzi fl-istandards ta' ġestjoni, fis-sottoskrizzjoni u fil-kollateral.

---

[36] L-OECD, "Connecting people with jobs: The labour market, activation policies and disadvantaged workers in Slovenia" (Nikkollegaw lin-nies mal-impjiegi: Is-suq tax-xogħol, politiki ta' attivazzjoni u ħaddiema żvantaġġati fis-Slovenja), 2016, p. 52.

***L-AMR u t-tabella ta' valutazzjoni għandhom rwol limitat fil-MIP***

88. Din it-taqsima tħares lejn il-valur miżjud tal-AMR fil-MIP kif ukoll il-karatteristiċi tat-tabella ta' valutazzjoni biex tiffaċilita identifikazzjoni bikrija tal-iżbilanċi.

89. Sa mill-bidu tal-MIP, lit-tul tal-AMR irdoppja u aktar (ara l-***Figura 6***).

**Figura 6 – Tul tal-AMR, 2012-2017**




*Sors:* Il-QEA.

90. Madankollu, ma sarx titjib korrispondenti fil-kwalità tal-valutazzjoni, billi d-dokument għadu fil-biċċa l-kbira deskrittiv[37]:

a) l-ewwel parti tal-AMR prinċipalment tiddeskrivi xejriet komuni fl-ekonomiji kollha u l-mod kif id-diversi indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni evolvew. Hija tagħmel dan mingħajr ma tqis l-implikazzjonijiet ta' dawn l-iżviluppi (riperkussjonijiet jew fatturi kawżali) f'aktar fond, u mingħajr ma tfittex li tidentifika l-motivaturi ta' xi xejriet;

[37] Madankollu, aħna nilqgħu b'interess iż-żieda ta' kaxxa li ġġib it-titlu "Id-dimensjoni taż-żona tal-euro ta' żbilanċi makroekonomiċi" fl-AMRs 2016 u 2017.

b) it-tieni parti tal-AMR sempliċiment tikkonsisti f'deskrizzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni u f'valutazzjoni qasira, pajjiż b'pajjiż, tar-riskji u l-aġġustamenti tal-iżbilanċi.

91. L-utilità immedjata tal-AMR biex jiġu identifikati dawk l-Istati Membri f'riskju li jiġu affettwati mill-iżbilanċi, li jeħtieġu IDR, ġiet newtralizzata mill-prattika tal-Kummissjoni li permezz tagħha l-IDRs isiru obbligatorji għal dawk l-Istati Membri li ġew identifikati bħala li kellhom żbilanċi fis-sena preċedenti (ara l-***Anness IX***). L-inerzja li dan iġib għall-proċess tintwera fil-***Figura 7***.

**Figura 7 – Stati Membri li kienu suġġetti għal IDR (2012-2017)**




*NB:* L-asterisks jindikaw l-Istati Membri vvalutati b'"l-ebda żbilanċ" fis-sena meta twettqet l-IDR.

*Sors:* Il-QEA.

92. It-tabella ta' valutazzjoni tal-AMR mhumiex imfasslin tajjeb biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi (li jkunu sejrin għall-agħar):

a) hija retrospettiva, peress li hija bbażata fuq *data* ta' sentejn ilu;

b) ħafna indikaturi huma jew medji mobbli jew inkella varjabbli tal-istokk (ara t-***Tabella 4***), u b'hekk idumu aktar biex jaġġustaw jew jirriflettu żviluppi reċenti.

**Tabella 4 – Indikaturi kkalkulati bħala medja mobbli u varjabbli tal-istokk, 2014-2017**

| Karatteristika | Indikatur |
|---|---|
| Medja mobbli fuq tliet snin | Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG) |
| | Rata tal-kambju effettiva reali (42 sħab kummerċjali, deflatur tal-HICP) |
| | Indiċi tal-kostijiet nominali ta' unità lavorattiva (2010=100) |
| | Rata tal-qgħad |
| | Rata tal-attività (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-il sena u 64 sena, punti perċentwali) |
| | Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-il sena u 74 sena, punti perċentwali |
| | Rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15-il sena u 24 sena, punti perċentwali) |
| Medja mobbli fuq ħames snin | Sehem mis-suq tal-esportazzjoni (% tal-esportazzjonijiet dinjija) |
| Varjabbli tal-istokk | Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali Netta (% tal-PDG) |
| | Dejn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG) |
| | Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG) |

*Sors:* Il-QEA.

93. Xi indikaturi importanti rilevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi mhumiex espliċitament inklużi fit-tabella ta' valutazzjoni. Eżempji jinkludu l-inflazzjoni, il-profittabbiltà korporattiva u self improduttiv.

94. It-tabella ta' valutazzjoni ġiet riveduta f'bosta okkażjonijiet, u saru bidliet fl-għadd, fit-tip u fil-preżentazzjoni tal-indikaturi. Hija ġiet riveduta l-aħħar fl-2016, meta tliet indikaturi soċjali[38] ġew promossi mill-istatus "awżiljarju" għat-tabella ta' valutazzjoni ewlenija. Madankollu, dawn it-tliet indikaturi huma reċiprokament korrelatati ħafna, u ftit li xejn huma ta' użu fl-identifikazzjoni bikrija tal-iżbilanċi peress li jirriflettu l-*konsegwenzi* tat-tfixkil ekonomiku. Kemm il-wiġġieba għall-istħarriġ li sar għall-KPE (ara l-***Figura c fl-Anness VI***) kif ukoll il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet interessati esprimew il-fehma li dawn l-indikaturi ma tejbux it-tabella ta' valutazzjoni.

---

38 Ir-rata tal-attività, ir-rata tal-qgħad fit-tul u r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ.

95. It-tabella ta' valutazzjoni hija ta' siwi limitat fl-istadju tal-AMR u ma għandha l-ebda siwi wara dan. Bħalma jkun mistenni, aħna sibna rabta diretta bejn l-għadd ta' indikaturi "li jaqbżu l-valur ta' limitu" u kemm id-deċiżjoni biex tinħareġ IDR kif ukoll il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi. Madankollu, fiż-żewġ każijiet ir-relazzjoni f'termini ta' statistika hija dgħajfa ħafna (ara l-***Figura 8***), u dan jikkonferma li id-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' IDR ma tirriżultax b'mod mekkaniku mit-tabella ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, għall-analiżi li hija twettaq fl-IDRs, il-Kummissjoni ma tużax indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni, iżda sserraħ fuq sett usa' ta' għodod analitiċi kif ukoll fuq *data* aktar aġġornata[39].

**Figura 8 – Relazzjoni bejn l-għadd ta' indikaturi li jaqbżu l-valur ta' limitu u (a) il-ħruġ tal-IDRs, (b) il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi, 2012-2017**




*Nota:* It-tikek suwed jirrappreżentaw il-medja. Il-kategorija "Żbilanċi eċċessivi bl-EIP" ma tintweriex billi l-ebda Stat Membru għadu ma tqiegħed f'din il-kategorija.

*Sors:* Il-QEA.

---

39 Għall-qgħad, l-IDRs jirreferu għat-tabelli "Indikaturi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali ewlenin" (li ilhom preżenti fl-IDR mill-2014) u "Indikaturi tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali" (mill-2015 'il hawn); għall-kont kurrenti huma jirreferu għal dettalji speċifiċi għas-sena preċedenti. L-analiżi IDR tas-settur finanzjarju tuża firxa wiesgħa ta' varjabbli addizzjonali (eż. rati tad-depożiti, xejra u differenzjal tal-kundizzjonijiet ta' self, marġni tal-imgħax nett, profittabbiltà tal-banek).

96. Minkejja r-rwol limitat tagħha fit-teħid ta’ deċiżjonijiet, id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati żvelaw li t-tabella ta' valutazzjoni tirċievi ammont sostanzjali ta’ attenzjoni minħabba li l-għadd ta’ indikaturi li jaqbżu l-valur ta’ limitu jista’ jiġi kkomunikat faċilment. Madankollu, jista’ jkun li qarrejja li ma jkunux esperti ma jiksbux stampa kompleta tan-natura u d-dettall tal-iżbilanċi fi Stat Membru partikolari jekk iserrħu fuq l-għadd ta’ indikaturi li jaqbżu l-valur ta’ limitu minflok jaqraw l-IDR kollha kemm hi. L-inklużjoni tat-tabella ta' valutazzjoni bħala anness għar-rapport għall-pajjiż mill-2016 'il hawn tista’ ssaħħaħ l-impressjoni żbaljata li din hija ta’ importanza ċentrali fil-valutazzjoni tas-severità tal-iżbilanċi.

## KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

97. Il-konklużjoni kumplessiva tagħna hija li, għalkemm b’mod ġenerali l-MIP hija mfassla tajjeb, il-Kummissjoni mhijiex qed timplimentaha b’mod li jiżgura l-prevenzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-iżbilanċi. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb sostanzjalment ċerti aspetti tal-ġestjoni tagħha relatata mal-MIP. Pass reċenti ’l quddiem kien l-indirizzar tal-problema tar-riperkussjonijiet ta’ politika fiskali dejqa li xi Stati Membri jkollhom fi żminijiet ta’ outputs batuti fiż-żona tal-euro.

### *Implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP*

98. Il-livell ta’ implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, mill-Istati Membri, kien baxx (ara l-***paragrafu 33***).

99. Huwa biss wara l-abbozzar tas-CSRs li l-Kummissjoni tiddeċiedi liema huma rilevanti għall-MIP. Anke hawn, f’xi każijiet, din il-klassifikazzjoni mhijiex xierqa minħabba li r-rabta mal-analiżi IDR tkun l-aktar l-aktar parzjali jew remota. Ir-rakkomandazzjonijiet li tqiesu bħala li huma rilevanti għall-MIP huma ta’ spiss taħlita ta’ miżuri li jindirizzaw problemi strutturali rigward it-tkabbir potenzjali u dawk li jindirizzaw l-iżbilanċi makroekonomiċi fit-terminu qasir sa medju. Xi kultant, is-CSRs rilevanti għall-MIP lanqas biss ma jkunu relatati mal-iżbilanċi makroekonomiċi (ara l-***paragrafi 35 sa 38; 43***).

100. Wara s-simplifikazzjoni li twettqet fl-2015, issa s-CSRs rilevanti għall-MIP huma issa iqsar u fformulati f’termini aktar ġenerali minn qabel. Dan għamilha aktar diffiċli biex jiġu vvalutati

l-implimentazzjoni tagħhom u l-kontribut tagħhom għall-eliminazzjoni tal-iżbilanċi. L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom hija diffikultuża ħafna (ara l-***paragrafi 39 sa 42; 51 sa 52***).

101. Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda valutazzjoni *ex ante* jew *ex post* sistematika tal-impatt ekonomiku tas-CSRs rilevanti għall-MIP (ara l-***paragrafi 44 sa 46***).

**Rakkomandazzjoni 1**

(i) Jenħtieġ li l-Kummissjoni torbot b'mod sistematikuis-CSRs rilevanti għall-MIP mal-iżbilanċi makroekonomiċi li jiġu identifikati fl-IDR. Jenħtieġ li l-miżuri inklużi fis-CSRs rilevanti għall-MIP ikunu dettaljati biżżejjed biex l-implimentazzjoni tagħhom twassal għal tnaqqis sostantiv u evidenti fl-iżbilanċi.

(ii) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddistingwi b'mod ċar bejn l-azzjonijiet politiċi tal-MIP li jkunu maħsuba biex inaqqsu l-iżbilanċi fit-terminu qasir sa medju bil-ħsieb li jiġu evitati kriżijiet, u r-riformi li għandhom l-għan li jipprevienu l-akkumulazzjoni ta' żbilanċi billi tistimula t-tkabbir potenzjali fit-terminu twil.

(iii) Kull fejn possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel valutazzjonijiet *ex ante* u *ex post* tal-impatt, fuq l-iżbilanċi, tal-azzjonijiet politiċi ppreżentati fis-CSRs rilevanti għall-MIP.

(iv) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi skeda ta' żmien realistika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP.

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

***Klassifikazzjoni tal-iżbilanċi***

102. L-IDRs infushom ma jinkludux xi lkonklużjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi għall-Istati Membri. Barra minn hekk, ta' spiss ir-rabta bejn l-analiżi ekonomika fl-IDR u l-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi mhijiex dejjem ċara. Il-problema marret għall-agħar minn mindu l-IDRs kompluti ġew sostitwiti minn "sommarji" fir-rapporti għall-pajjiżi (ara l-***paragrafi 57 sa 60***).

103. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni jużaw sett ċar ta' kriterji biex jipproponu lill-Kulleġġ il-mod kif jenħtieġ li jiġu kklassifikati l-iżbilanċi. Madankollu, l-evidenza għall-awditjar tagħti x'tifhem li hemm nuqqas ta' proċess formali għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku, u li l-Kummissjoni xi kultant tikser ir-regoli interni proprji tagħha (ara l-***paragrafi 61 sa 62; 66***).

104. Il-Kummissjoni qatt ma pproponiet l-attivazzjoni tal-EIP, għalkemm b'bosta okkażjonijiet hija qieset il-possibbiltà li tagħmel dan. L-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar il-MIP hija li dijanjożi tal-iżbilanċi eċċessivi mhux neċessarjament tirrikjedi li hija tipproponi l-attivazzjoni tal-EIP (ara l-***paragrafi 63 sa 65***).

**Rakkomandazzjoni 2**

(i) Kif meħtieġ bir-Regolament dwar il-MIP, fl-IDRs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi karatterizzazzjoni ċara tas-severità tal-iżbilanċi li Stat Membru jkun qed jiffaċċja.

(ii) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta, tippubblika u tapplika kriterji u proċessi ċari għall-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi.

(iii) Dment li ma jkunx hemm ċirkustanzi speċifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrakkomanda l-attivazzjoni ta' EIP meta jkun hemm evidenza li Stat Membru jkun qed jiffaċċja żbilanċi eċċessivi, partikolarment fejn ikun hemm riskju għoli ta' instabbiltà, fejn l-iżbilanċi jkunu persistenti jew kellhom riperkussjonijiet, jew fejn l-azzjonijiet korrettivi ma kinux sodisfaċenti. Jekk, f'ċirkustanzi speċifiċi, il-Kummissjoni tuża s-setgħat diskrezzjonali tagħha biex toqgħod lura milli tieħu dan il-pass, jenħtieġ li din tispjega r-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament.

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

(iv) Fil-kuntest tal-analiżi tal-MIP tal-2019, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi emendi għar-Regolament dwar il-MIP biex jiġu kkodifikati ċ-ċirkustanzi li fihom il-Kummissjoni ma tkunx tirrakkomanda l-attivazzjoni ta' EIP anke meta hija tkun ikkonkludiet li Stat Membru jkun qed jiffaċċja żbilanċi eċċessivi.

***Karatteristiċi tal-IDRs***

105. Mill-2015 'il hawn, l-IDRs ġew inkorporati gradwalment fir-rapporti għall-pajjiżi, li primarjament jittrattaw il-koordinazzjoni ekonomika ġenerali tal-politiki strutturali, u l-konfini bejn iż-żewġ dokumenti saru dejjem aktar imċajpra. Fl-2017, l-analiżijiet dettaljati tal-problemi prinċipali kollha rigward Stat Membru nġiebu flimkien f'taqsima unika tar-rapport għall-pajjiż, fejn dawn jinqasmu skont it-tema u tingħata indikazzjoni tas-suġġetti li jkunu rilevanti għall-MIP (ara l-***paragrapfi 68 sa 72***).

106. Dawn l-iżviluppi naqqsu l-viżibbiltà tal-MIP u għamluha dejjem aktar diffiċli biex jiġu identifikati l-isfidi rilevanti għall-MIP. It-tqassir tal-IDRs kompla dgħajjef aktar ir-rabta bejn l-analiżi ekonomika u kemm il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi kif ukoll is-CSRs rilevanti għall-MIP li rriżultaw (ara l-***paragrafi 59; 73 sa 75***).

107. Barra minn hekk, it-tabella ta' valutazzjoni mhijiex kruċjali għall-IDR iżda l-inklużjoni tagħha, mill-2016 'il hawn, bħala anness għar-rapport għall-pajjiż tagħti l-impressjoni li hija tabilħaqq kruċjali (ara l-***paragrafi 95 sa 96***).

**Rakkomandazzjoni 3**

(i) Sabiex tipprovdi valutazzjoni ċara tas-severità tal-iżbilanċi makroekonomiċi li Stat Membru jkun qed jiffaċċja u sabiex tiffaċilita l-identifikazzjoni tar-rispons l-aktar adatt, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi IDR komprensiva u ppreżentata separatament b'tul u livell ta' dettall li jkunu jirriflettu s-severità tas-sitwazzjoni u l-isfidi dwar il-politiki.

(ii) Jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tippubblikax it-tabella ta' valutazzjoni flimkien mal-IDR, iżda jenħtieġ li hija tipprovdi aċċess għad-database bil-varjabbli speċifiċi għall-pajjiż li tassew ikunu ntużaw fl-analiżi tagħha.

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

***Rikonoxximent tal-impatt tal-politika fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u fuq il-kompetittività***

108. Minkejja xi ripetizzjoni minn sena għal sena, ġeneralment l-IDRs ikun fihom standard tajjeb ta' analiżi. Madankollu, l-impatt tal-politiki fiskali fuq l-iżbilanċi esterni ma jkunx dejjem parti mill-analiżi jew ma jitteħidx inkunsiderazzjoni fil-formulazzjoni tas-CSRs rilevanti għall-MIP, anke meta IDR tkun identifikat żbilanċi fil-pożizzjonijiet esterni li jkunu marbutin ferm mal-politika fiskali. Il-Kummissjoni hija konxja ta' dawn il-konnessjonijiet iżda b'mod ġenerali hija tqis li l-problemi fiskali huma koperti mill-PST. Madankollu, il-PST huwa limitat għas-sostenibbiltà fiskali, ma jqisx l-effetti tal-politika fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u ma jsemmi xejn dwar il-politika fiskali tal-Istati Membri li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà tagħhom (ara l-***paragrafi 78 sa 80; 86 sa 87***).

**Rakkomandazzjoni 4**

Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza b'mod sistematiku l-impatt tal-politika fiskali fuq l-iżbilanċi esterni u fuq il-kompetittività fl-IDRs, u jenħtieġ li hija tuża l-MIP biex tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri meta l-problemi fiskali jkunu jaffettwaw l-iżbilanċi esterni direttament. Jenħtieġ li dan japplika kemm għall-Istati Membri li jkollhom bilanċi pożittivi kbar fil-kontijiet kurrenti kif ukoll għal dawk li jkollhom defiċits kbar.

Jenħtieġ li din il-miżura tkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

***Dimensjoni taż-żona tal-euro***

109. Il-MIP hija ffukata wisq fuq l-ekonomiji individwali u mhijiex iffukata biżżejjed fuq ir-riperkussjonijiet. B'riżultat ta' dan, is-CSRs rilevanti għall-MIP ma jippromwovux biżżejjed l-azzjonijiet politiċi li jkollhom impatt ta' benefiċċju fuq l-Istati Membri u lanqas ma jħeġġu r-riekwilibriju simetriku fi ħdan iż-żona tal-euro (ara l-***paragrafi 81 sa 85***).

110. Is-CSRs mhux dejjem ikunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni għaż-żona tal-euro kollha kemm hi (ara l-***paragrafi 47 sa 50***).

**Rakkomandazzjoni 5**

(i) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz tal-proċess tal-MIP, tieħu sistematikament inkunsiderazzjoni l-politiki b'impatti transnazzjonali li jistgħu jirriżultaw f'titjib tar-riekwilibriju simetriku fiż-żona tal-euro.

(ii) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel is-CSRs, rilevanti għall-MIP, konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro li jkunu rilevanti għall-iżbilanċi, inklużi dawk dwar il-pożizzjoni fiskali kumplessiva, meta jkun xieraq.

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

***Viżibbiltà u komunikazzjoni tal-MIP***

111. Komunikazzjoni effettiva hija kruċjali sabiex jissaħħu kemm is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-MIP kif ukoll l-objettiv distint tagħha li taqbad, ittaffi u tipprevieni l-iżbilanċi makroekonomiċi, flimkien mal-isfidi li l-iżbilanċi joħolqu għall-Istati Membri. Jeħtieġ ukoll li l-komunikazzjoni tissaħħaħ sabiex ikun hemm titjib fis-sjieda nazzjonali (ara l-***paragrafi 1 sa 6; 54 sa 56; 68 sa 72; 88 sa 91; 94 sa 96***.

**Rakkomandazzjoni 6**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti prominenza akbar lill-MIP billi:

(i) iżżid ir-referenzi tagħha għall-proċedura fil-komunikazzjoni li jkollha mal-Istati Membri;

(ii) tqiegħed lill-Kummissarji rilevanti għad-dispożizzjoni tal-parlamenti tal-Istati Membri, kull meta l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-iżbilanċi huma eċċessivi, biex b'hekk ikunu jistgħu jispjegaw il-loġika għad-deċiżjonijiet tagħha u għar-rakkomandazzjonijiet korrispondenti tal-politika.

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-MIP tal-2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta’ Novembru 2017.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

***ANNESS I***

## Flowchart dettaljata tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku




*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS II***

## Lista ta’ dokumenti ppubblikati li huma rilevanti għall-MIP




*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS III***

**Sett attwali ta' indikaturi ewlenin**

| Indikaturi | Sollijiet indikattivi |
|---|---|
| Bilanċ tal-kont kurrenti, % tal-PDG (medja fuq tliet snin) | -4/6 % |
| Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (% tal-PDG) | -35 % |
| Rata tal-kambju effettiva reali, 42 sħab kummerċjali, deflatur tal-HICP (% tal-bidla fuq tliet snin) | ±5 % (żona tal-euro) ±11 % (żona mhux tal-euro) |
| Sehem mis-suq tal-esportazzjoni, % tal-esportazzjonijiet dinjija (% tal-bidla fuq ħames snin) | -6 % |
| Indiċi tal-kostijiet nominali ta' unità lavorattiva (2010 = 100) (% tal-bidla fuq tliet snin) | 9 % (żona tal-euro) 12 % (żona mhux tal-euro) |
| Indiċi tal-prezzijiet tad-djar (2010 = 100), imnaqqas (% tal-bidla fuq sena) | 6 % |
| Fluss ta' kreditu fis-settur privat, konsolidat (% tal-PDG) | 14 % |
| Dejn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG) | 133 % |
| Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG) | 60 % |
| Rata tal-qgħad (medja fuq tliet snin) | 10 % |
| Total tal-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju, mhux konsolidat (% tal-bidla fuq sena waħda) | 16.5 % |
| Rata tal-attività - % tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-il sena u 64 sena (bidla tal-punti perċentwali fuq tliet snin) | -0.2 pp |
| Rata tal-qgħad fit-tul - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15-il sena u 74 sena (bidla tal-punti perċentwali fuq tliet snin) | 0.5 pp |
| Rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15-il sena u 24 sena (bidla tal-punti perċentwali fuq tliet snin) | 2 pp |

*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS IV***

**Għażla tal-Istati Membri għall-kampjun tal-awditjar**

Il-kampjun kien ibbażat fuq l-ewwel erba’ snin tal-MIP u fuq lista qasira tal-Istati Membri li kienet teskludi:

- Stati Membri li għalihom ma nħarġet l-ebda IDR fl-ewwel erba’ snin:
  - Stati Membri taħt programm ta' aġġustament ekonomiku, li ma tqisux għall-MIP matul il-perjodu ta’ programmazzjoni: l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, ir-Rumanija;
  - Stati Membri li għalihom l-AMR ikkonkluda, f’mill-inqas sena waħda, li huma ma kinux affettwati minn, jew f’riskju li jkunu affettwati minn żbilanċi: ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja;
- Stati Membri li għalihom il-valutazzjoni kienet stabbli: il-Belġju, l-Ungerija, il-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit;
- il-Kroazja, li ssieħbet mal-Unjoni Ewropea reċentement biss.

B’hekk kien jifdal il-Bulgarija, Spanja, Franza, l-Italja u s-Slovenja.

Peress li Franza u l-Italja ntgħażlu għall-awditu tal-EDP u jikkondividu għadd ta’ karatteristiċi (Stati Membri akbar u li ilhom stabbiliti fiż-żona tal-euro), aħna ddeċidejna li neskludu wieħed minnhom. Franza ntgħażlet minħabba varjazzjoni akbar fil-valutazzjoni tagħha għall-iżbilanċi.

Il-lista finali kienet kampjun rappreżentattiv ta’ Stati Membri kbar u żgħar, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnhom.

Għalkemm żgħir, il-kampjun ta’ erba’ Stati Membri kien jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor kwart tal-popolazzjoni u tal-PDG tal-UE.

***<u>ANNESS V</u>***

**Klassifikazzjoni kwalitattiva għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSRs**

Il-Kummissjoni tuża l-kategoriji li ġejjin biex tivvaluta l-implimentazzjoni tas-CSRs:

- *Implimentazzjoni sħiħa:* L-Istat Membru jkun adotta u implimenta miżuri li jindirizzaw is-CSR b'mod xieraq.
- *Progress sostanzjali:* L-Istat Membru jkun adotta miżuri, li l-biċċa l-kbira minnhom kunu ġew implimentati.
- *Xi progress:* L-Istat Membru jkun ħabbar jew adotta miżuri biex jindirizza s-CSR. Dawn il-miżuri jkunu promettenti, iżda mhux kollha kemm jkunu ġew implimentati għad u l-implimentazzjoni ma tkunx ċerta fil-każijiet kollha.
- *Progress limitat:* L-Istat Membru jkun ħabbar xi miżuri biex jindirizza s-CSR, iżda dawn ikunu jidhru insuffiċjenti u/jew l-adozzjoni/l-implimentazzjoni tagħhom tkun f'riskju.
- *L-ebda progress:* L-Istat Membru la jkun ħabbar u lanqas ma jkun adotta xi miżura biex jindirizza s-CSR.

***ANNESS VI***

# Stħarriġ tal-membri tal-KPE

**Figura a - 3. Taħseb li t-Tabella ta' Valutazzjoni hija effettiva biex tiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi għall-ekonomija ta' pajjiżek?**




**Figura b - 5. L-AMR jinkludi analiżi ekonomika għal kull Stat Membru minbarra l-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni. Fl-opinjoni tiegħek, l-analiżi tal-AMR hija effettiva biex tidentifika l-Istati Membri li jistgħu jkunu affettwati minn żbilanċi makro**




**Figura c - 7. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2016 kienet tinkludi tliet indikaturi ġodda dwar l-impjiegi. Kemm taqbel ma' din id-dikjarazzjoni: "Iż-żieda ta' tliet indikaturi ġodda dwar l-impjiegi tejbet il-kapaċità analitika u s-setgħa ta' komunikazzjon**




**Figura d - 9. Kif tivvaluta l-kwalità tal-analiżi fl-IDR li twettqet mill-Kummissjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tiegħek?**




**Figura e - 10. Fl-IDRs għall-Istat Membru tiegħek, sa liema livell tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni rilevanti li tkun speċifika għall-pajjiż?**




**Figura f - 11. Il-Kummissjoni tikklassifika kull Stat Membru f'termini tal-livell tal-iżbilanċi li huma jkunu qed jiffaċċjaw. Fil-fehma tiegħek, kemm kienet preċiża din il-klassifikazzjoni għal-Istat Membru tiegħek?**




**Figura g - 13. Huwa ċar liema CSRs huma relatati mal-MIP?**




**Figura h - 14. Għall-Istat Membru tiegħek, is-CSRs rilevanti għall-MIP huma konsistenti mal-analiżi ekonomika u l-isfidi dwar il-politiki, li ġew identifikati fl-IDR?**



**Figura i - 15. Taħseb li s-CSRs rilevanti għall-MIP li nħarġu għall-Istat Membru tiegħek huma speċifiċi wisq jew ġenerali wisq?**




**Figura j - 17. Is-CSRs għall-Istat Membru tiegħek huma realistiċi? (jiġifieri, jistgħu jintlaħqu?)**




**Figura k - 19. L-għadd u d-dettall tas-CSRs tnaqqsu fl-2015. Dan kien żvilupp pożittiv?**




**Figura l - 21. Xi kultant isiru bidliet għas-CSRs bejn proposta mill-Kummissjoni u l-adozzjoni mill-Kunsill. Taħseb li l-Istati Membri jiġu ttrattati ndaqs f'dan il-proċess?**




**Figura m - 23. Il-proċess ta' tibdil tas-CSRs huwa trasparenti?**




**Figura n - 25. Il-bidliet li jsiru mill-Kunsill jirriżultaw f'CSRs li jkunu fformulati aħjar?**




**Figura o - 27. Il-valutazzjoni, imwettqa mill-Kummissjoni, tal-implimentazzjoni tas-CSRs hija preċiża?**




**Figura p - 29. Fl-opinjoni tiegħek, l-IDR/is-CR għall-Istat Membru tiegħek hija faċli biex tinqara? (b'valutazzjonijiet u konklużjonijiet ċari)**




**Figura q - 31. L-IDR/is-CR għall-Istat Membru tiegħek twassal il-messaġġi tagħha b'mod konċiż?**



**Figura r - 33. L-IDR/is-CR għall-Istat Membru tiegħek hija komprensiva?**




**Figura s - 34. Taħseb li hemm xi parti mill-IDR/mis-CR li hija żejda jew irrilevanti?**




**Figura t - 36. Kieku inti kif tevalwa l-impatt kumplessiv tal-MIP fuq id-dibattitu ta' orjentazzjoni fl-Istat Membru tiegħek?**




**Figura u - 38. Kieku inti kif tikklassifika s-CR/l-IDR li titwettaq mill-Kummissjoni f'termini ta' kwalità kumplessiva meta mqabbla ma' rapporti simili li jiġu ppubblikati minn istituzzjonijiet internazzjonali oħra (l-FMI, l-OECD,…)?**




**Figura v - 40. Il-fehma tal-Kummissjoni Ewropea hija aktar jew inqas importanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell domestiku f'pajjiżek milli qabel ma l-MIP daħlet fis-seħħ?**




**Figura x - 44. Il-MIP ilha fis-seħħ għal kważi ħames snin. X'inhi l-impressjoni ġenerali tiegħek rigward l-effettività tagħha?**




**Figura w - 42. Il-programm nazzjonali ta' riforma (NRP) huwa l-opportunità biex l-Istat Membru jippreżenta l-miżuri ta' politika rilevanti għall-MIP. Jekk jogħġbok indika kemm inti taqbel mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin**




*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS VII***

## Żjarat lill-awtoritajiet u lil entitajiet oħra tal-Istati Membri

| | Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar | Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea | Ministeru tal-Finanzi | Kunsill Fiskali | Bank Ċentrali | Ministeru tax-Xogħol | Kamra tal-Kummerċ u Industrija | Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza, IME, ABB |
| Franza | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | | Segretarjat Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej, MEDEF, CFDT, France Strategie, Conseil d'Analyse Economique, OFCE, Coe-Rexecode |
| Is-Slovenja | ✓ | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ | IMAD, Holdings ta' Dejn sovran tas-Slovenja |
| Spanja | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | | | Kabinett Ekonomiku tal-Presidenza, Ministeru tal-Ekonomija, CEOE, Cepyme, FEDEA, FROB |

*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS VIII***

## Evoluzzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri, 2012-2017

| | Żbilanċi eċċessivi | Żbilanċi | L-ebda żbilanć | L-ebda analiżi fil-fond |
|---|---|---|---|---|
| 2012 | | IT BG SI FI HU DK CY FR ES SE UK BE | | MT NL LU AT CZ LV DE EE LT PL SK |
| 2013 | SI ES | IT BG FI HU DK FR SE UK BE MT NL | | LU AT CZ LV DE EE LT PL SK |
| 2014 | IT SI HR | BG FI HU IE FR ES SE UK BE NL DE | MT LU DK | AT CZ LV EE LT PL SK |
| 2015 | IT BG FR PT HR | SI FI HU IE ES SE UK BE RO NL DE | | MT LU AT CZ LV DK EE LT PL SK |
| 2016 | IT BG CY FR PT HR | SI FI IE ES SE NL DE | RO HU AT UK BE EE | MT LU CZ LV DK LT PL SK |
| 2017 | IT BG CY FR PT HR | SI IE ES SE NL DE | FI | MT LU AT CZ LV DK HU EE LT PL RO UK BE SK |

L-ebda analiżi fil-fond fl-2012

Żbilanċi fl-2012

Stati Membri li se jidħlu fil-MIP f'data aktar tard

*Sors:* Il-QEA.

***ANNESS IX***

## Għadd u tip ta' analiżijiet fil-fond

| | 2012-2017 | % |
|---|---|---|
| IDRs konklużi meta **kien hemm** l-iżbilanċi | 80 | 88.9 |
| IDRs konklużi meta **ma kienx hemm** l-iżbilanċi | 10 | 11.1 |
| ***Total*** | ***90*** | ***100*** |

| 2013-2017 | | | Sena 2 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **IDR** | | | **L-ebda IDR** | |
| | | | Żbilanċi | Żbilanċi eċċessivi | L-ebda żbilanċ | L-ebda IDR | Programm ta' aġġustament ekonomiku |
| **Sena 1** | **IDR** | Żbilanċi | 39 | 5 | 7 | 0 | 1 |
| | | Żbilanċi eċċessivi | 2 | 14 | 0 | 0 | 0 |
| | | L-ebda żbilanċ | 0 | 0 | 0 | 9 | 0 |
| | **L-ebda IDR** | L-ebda IDR | 3 | 0 | 3 | 39 | 0 |
| | | Programm ta' aġġustament makroekonomiku | 2 | 2 | 0 | 0 | 12 |
| | | Pajjiż ġdid fl-UE | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| ***Total*** | | | ***46*** | ***22*** | ***10*** | ***48*** | ***13*** |

*Sors:* Il-QEA.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"AWDITU TAL-PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROEKONOMIKU (MIP)"**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

V. Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) ġiet introdotta f'nofs il-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008-2009, bil-għan li tissaħħaħ is-sorveljanza makroekonomika tal-UE f'oqsma mhux koperti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST).

L-avvenimenti ta' wara l-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sorveljanza makroekonomika f'aspetti lil hinn mill-politika fiskali. L-aspetti makrofinanzjarji u makrostrutturali li qed jixprunaw l-akkumulazzjoni ta' żbilanċi kemm esterni (eż. l-iżbilanċi kbar tal-kont kurrenti) u l-iżbilanċi interni (akkumulazzjoni tad-dejn żejjed jew għall-bini ta' bżieżaq immobiljari) żvelaw ruħhom bħala fatturi ewlenin li jwasslu għall-kriżijiet tal-bilanċ tal-pagamenti u kriżi tad-dejn, u l-bżonn ta' għajnuna finanzjarja f'xi każijiet.

L-isforzi tas-sorveljanza tal-MIP għandhom l-għan kemm biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' xejriet mhux sostenibbli jew vulnerabbiltajiet u biex ikun żgurat aġġustament xieraq ta' żbilanċi eżistenti. L-MIP ġiet introdotta f'perjodu li fih għadd ta' Stati Membri kienu diġà għaddejjin minn proċess ta' stralċjar ta' żbilanċi eżistenti. B'hekk, l-għan tal-MIP fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tagħha kien partikolarment li timmonitorja l-korrezzjoni ta' żbilanċi u toħroġ rakkomandazzjonijiet mmirati sabiex jagħmlu l-oqfsa ta' politika effettiva u sostenibbli filwaqt li jitrażżnu l-ispejjeż soċjali. Is-sorveljanza tal-MIP kopriet firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika u ġiet msaħħa b'sorveljanza ekonomika akbar tal-UE. Rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-istrateġija Ewropa 2020, il-Linji Gwida Ġenerali tal-Politika Ekonomika, il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, u l-MIP, ġew integrati f'pakkett wieħed tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs), u allinjati mas-Semestru Ewropew komuni.

Minkejja l-objettivi korrettivi primarjament tas-sorveljanza tal-MIP matul l-ewwel snin ta' implimentazzjoni, il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (EIP) għadha qatt ma twettqet. Għall-pajjiżi li għalihom ġew identifikati żbilanċi eċċessivi, il-Kummissjoni, aktar milli tirrakkomanda lill-Kunsill għat-tnedija immedjata tal-EIP, immirata l-ewwel li żżid l-impenji ta' politika f'konformità mal-isfidi identifikati. Għal dak il-għan, hija ħarġet CSRs aktar dettaljati u marbuta biż-żmien, u implimentat proċess intensifikat ta' monitoraġġ speċifiku tar-rispons tal-politika, filwaqt li żammet miftuħa l-possibbiltà li jinfetaħ EIP fi stadju aktar tard.

Kif irrappurtat fil-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tal-2014 fuq il-MIP, l-esperjenza tal-ewwel snin ta' applikazzjoni tissuġġerixxi li l-proċedura għenet sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-isfidi u ħolqot bażi għal kunsens lejn tweġibiet ta' politika. L-applikazzjoni tal-MIP kienet soġġetta għal tagħlim inkrementali u ta' feedback, u tissaħħaħ permezz ta' djalogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, b'konverġenza lejn prattiki aktar stabbli. L-evidenza tissuġġerixxi wkoll li s-sorveljanza tal-MIP kienet assoċjata ma' progress aktar b'saħħtu fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika, minkejja l-fatt li dik l-azzjoni politika kienet f'ħafna każijiet mhux biżżejjed biex jiġi żgurat progress sodisfaċenti f'termini tal-indirizzar tal-isfidi sottostanti. Ir-rieżami tal-2014 enfasizza l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza u titjieb il-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-MIP.

Implimentazzjoni effettiva tal-MIP hija fost il-prijoritajiet tal-Kummissjoni, kif indikat fir-rapport ta' Ġunju 2015 "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa" ta' Jean-Claude Juncker, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2015 "Dwar passi lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja"[1]. Il-MIP effettiva ser teħtieġ l-ewwel nett qafas trasparenti u stabbli, fejn ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-MIP ġew komunikati b'mod ċar. Is-segwitu għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi, għandu jimplika l-attivazzjoni adegwata ta' sorveljanza, biex jiġi żgurat rispons politiku qawwi biżżejjed f'konformità mal-isfidi. Bil-għan li jittieħed kont aħjar tad-dimensjoni taż-żona tal-euro fl-attivazzjoni tal-MIP, il-kunsiderazzjonijiet taż-żona tal-euro ġew integrati aħjar fl-analiżi u fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Kmieni fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat Kompendju tal-MIP[2]. Il-Kompendju jippreżenta r-raġunament tal-MIP, juri l-aspetti legali u proċedurali tal-MIP, jiddiskuti prinċipji, kriterji u oqfsa analitiċi użati fl-implimentazzjoni tal-MIP, u jirrieżamina l-applikazzjoni fil-prattika. Billi jsir dan, il-Kompendju tal-MIP jipprovdi ġabra ta' informazzjoni rilevanti li tgħin biex wieħed jifhem dak li l-MIP hija, kif taħdem, kif l-applikazzjoni tagħha evolviet sa mill-introduzzjoni tagħha. Dik il-pubblikazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għal implimentazzjoni trasparenti tal-MIP, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2014 dwar rieżami tal-MIP u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2015 "Dwar passi lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja". Pass ieħor fid-direzzjoni ta' aktar trasparenza kienet il-prattika li jinġabru fil-qosor ir-riżultati tar-rieżamijiet fil-fond (IDRs) f'matriċi għall-valutazzjoni ddedikati tal-MIP fl-IDRs mill-2016.

VI. B'mod ġenerali, l-evidenza tindika li l-pajjiżi taħt is-sorveljanza tal-MIP rċevew iżjed CSRs u kellhom rata ogħla ta' konformità meta mqabbla ma' CSRs mhux marbuta mal-MIP. L-istħarriġ imwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fost il-membri tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) juri li madwar 10 % biss tal-membri intervistati jqisu l-MIP ineffettiva. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri kollha huma mistennija li jimplimentaw is-CSRs, rilevanti għall-MIP u dawk mhux rilevanti għall-MIP.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-disinn ta' CSRs rilevanti għall-MIP kien konsistenti mal-objettiv li jiġu indirizzati l-iżbilanċi identifikati, u din hija fehma komuni tal-membri mistħarrġa fl-istħarriġ tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-kwestjonarju, għalkemm għad hemm lok għal titjib fil-komunikazzjoni.

CSRs dwar il-finanzi pubbliċi fil-kuntest tal-PST ġew indikati bħala rilevanti għall-MIP għal pajjiżi fejn id-dejn pubbliku għoli huwa element li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi jew fejn it-tnaqqis ta' defiċits fiskali jikkontribwixxu għall-korrezzjoni ta' defiċits kbar fil-kont kurrenti identifikati bħala parti mill-iżbilanċi. Fi Stati Membri li għandhom surplus fil-kont kurrenti, l-IDRs

[1] COM(2015) 600 finali tal-21 ta' Ottubru 2015 'KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW 'Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja'.

[2] 'Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Ir-Raġunament, il-Proċess, l-Applikazzjoni: Kompendju" (il-Kummissjoni Ewropea, 2016).

analizzaw ir-rabtiet bejn għadd ta' miżuri fiskali u l-pożizzjoni esterna. Għal dawk il-pajjiżi għadd ta' miżuri CSRs ta' natura fiskali li potenzjalment jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' surpluses pożittivi kbar ġew indikati bħala rilevanti għall-MIP.

Id-dikjarazzjoni li hemm inkonsistenzi bejn CSRs rilevanti għall-MIP u r-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro tirriżulta mill-fatt għall-ħtieġa ta' konsistenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro u MIP CSRs japplikaw biss għal pajjiżi li jirċievu CSRs li huma fl-istess ħin rilevanti għall-MIP u li għalihom hemm rakkomandazzjoni pertinenti għaż-żona tal-euro. Mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha taż-żona tal-euro ma huma rilevanti għall-MIP, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa usa'. Mhux il-pajjiżi kollha jirċievu ir-rakkomandazzjonijiet marbuta mal-MIP, peress li xi pajjiżi ma jkunux taħt is-sorveljanza tal-MIP. Mhux il-pajjiżi kollha jirċievu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) li ġejjin miż-żona tal-euro, peress li mhumiex sfidi rilevanti jew ma jkollhomx għalfejn iwettqu politiki speċifiċi jew hemm limitazzjonijiet li jiġġustifikaw li ma jkunux speċifiċi għall-pajjiż.

VII. L-integrazzjoni ta' IDRs f'rapporti tal-pajjiżi permettiet biex sovrapożizzjonijiet jitnaqqsu u ma preġudikatx iċ-ċarezza tal-valutazzjoni IDR. Li appoġġat interazzjoni aktar b'saħħitha mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, ittejjeb il-fehim u s-sjieda ta' sfidi u sforzi ta' aġġustament.

L-IDRs jirrappurtaw l-evidenza u l-argumenti li jsostnu d-deċiżjonijiet dwar il-kategorizzazzjoni tal-iżbilanċi tal-MIP. Il-konklużjonijiet tal-IDR mhumiex irrapportati fl-IDR infushom; iżda f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-IDRs. Dan huwa ġġustifikat hekk kif il-konklużjonijiet tal-IDR, skont l-imsemmi regolament, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest ġenerali, l-aspetti sistemiċi, l-interdipendenzi bejn il-pajjiżi, u għalhekk jeħtieġ li jkunu bbażati fuq qari sħiħ tal-pakkett IDR.

Il-Kummissjoni ma tikkondividix il-fehma li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-MIP iddgħajfet. Il-Kummissjoni (fis-sens tal-Kulleġġ tal-Kummissarji u s-servizzi tal-Kummissjoni) taġixxi bħala entità sħiħa meta tieħu deċiżjonijiet fil-kuntest tal-MIP, u r-Regolament li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Kummissjoni kollha kemm hi.

Għal deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-MIP, bħal fil-każ ta' deċiżjonijiet oħra, il-Kummissarji jirċievu parir dirett mis-servizzi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u indirettament minn servizzi oħra tal-Kummissjoni permezz ta' Kummissarji oħra u l-uffiċċji privati rispettivi. Il-Kulleġġ jista' jeżerċita l-prerogattiva tiegħu li ma jsegwix il-pariri tas-servizzi, peress li mhuwiex legalment obbligat li jsegwi tali opinjonijiet, u mhuwiex mitlub li jipprovdi ġustifikazzjonijiet meta ma jagħmilx hekk.

VIII. Il-Kummissjoni mhix marbuta li tirrakkomanda t-tnedija ta' Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv għall-Istati Membri identifikati bi żbilanċi eċċessivi.

IX. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq fatturi varjabbli ta' kwalità tad-dejta għolja. Tbassir u dejta preliminari ma jintużawx għal dik ir-raġuni.

Għadd ta' varjabbli li l-imġiba tagħhom tkun partikolarment volatili fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR) tat-tabella ta' valutazzjoni huma fuq medja ta' tliet snin sabiex jiġi evitat li jirriflettu l-aktar żviluppi temporanji.

L-AMR jipprovdi punt ta' tluq biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni ta' varjabbli li jistħoqqilhom sorveljanza aktar mill-qrib fil-kuntest tal-MIP, jiġifieri fl-IDR. L-AMR mhuwiex maħsub bħala

sistema ta' twissija bikrija, li huwa konsistenti mal-fatt li l-indikaturi AMR mhumiex magħmula bl-aktar dejta jew previżjonijiet preliminari aġġornati.

(a) Jekk jogħġbok ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt.

**INTRODUZZJONI**

4. Il-qafas legali MIP jikkonsisti mir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-"prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi", u r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 dwar "miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi", li ġew adottati skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat" jew "TFUE") li jittrattaw il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika (l-Artikoli 121 u 136 TFUE). Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jagħti fil-qosor il-proċedura, filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 id-dettalji ta' mekkaniżmu ta' infurzar ibbażat fuq sanzjonijiet finanzjarji li japplikaw biss għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

8. Il-MIP għandha l-għan li ssaħħaħ il-governanza ekonomika tal-UE fuq it-twessigħ ta' stabbiltà makrofinanzjarja lil hinn mis-sorveljanza baġitarja biex tinkludi qafas għall-prevenzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u biex l-Istati Membri affettwati jkunu megħjuna biex jieħdu azzjonijiet korrettivi qabel ma d-diverġenzi jrabbu l-għeruq.

Ir-raġuni prinċipali għall-miżura ta' sorveljanza supranazzjonali tissejjes fuq il-fatt li l-iżbilanċi makroekonomiċi fi Stat Membru wieħed jista' jkollhom rilevanza wkoll għal Stati Membri oħra. Dan jirriżulta mhux biss minħabba l-fatt li f'oqsma ekonomiċi integrati ħafna, żviluppi ekonomiċi fi Stat Membru wieħed jinxterdu lejn pajjiżi oħra, iżda wkoll minħabba l-fatt li, jekk ma jiġux indirizzati, l-iżbilanċi makroekonomiċi jistgħu jikkompromettu l-funzjonament xieraq tal-unjoni monetarja u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-politiki komuni tagħha, bħalma huma s-Suq Uniku. Għalhekk, fil-qafas tal-MIP, l-iżbilanċi huma evalwati mhux biss minn perspettiva nazzjonali, iżda wkoll mil-lat tal-implikazzjonijiet għaż-żona tal-euro u l-Unjoni kif meħtieġ skont ir-Regolament dwar l-MIP.

10. Fil-każ tal-parti preventiva tal-PST għandu l-għan li jieħu miżuri biex jipprevjeni ksur ta' limiti fiskali ta' "Maastricht", filwaqt li l-parti korrettiva għandha l-għan li tiżgura korrezzjoni malajr ladarba jiġi ddeterminat jekk jseħħx ksur u jiġi identifikat żbilanċ eċċessiv. Il-parti preventiva għalhekk testendi lil hinn mid-defiċit nominali u rekwiżiti tad-dejn. Sanzjonijiet għall-infurzar tal-parti korrettiva tal-PST huma previsti fil-każ ta' Stati Membri taż-żona tal-euro f'każ ta' ksur ripetut tar-rekwiżiti skont il-proċedura.

Fil-każ tal-MIP, kemm il-parti preventiva kif ukoll dik korrettiva timmira lejn il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi. L-azzjoni korrettiva tindirizza l-iżbilanċi ta' severità ogħla u l-infurzar tagħha jistgħu jużaw sanzjonijiet f'każ ta' ksur ripetut tar-rekwiżiti skont il-proċedura għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Kemm ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 kif ukoll il-parti preventiva tas-sehem tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandhom l-istess bażi legali fit-Trattat (l-Artikoli 121 u 136 TFUE). Il-bażi fit-Trattat għall-parti korrettiva tal-PST hija l-Artikolu 126 TFUE.

L-istrateġija Ewropa 2020 mhijiex proċedura ta' sorveljanza komparabbli mal-MIP jew il-PST. Hija strateġija magħmula minn azzjonijiet tal-UE, il-miri u l-użu integrat ta' proċeduri ta' sorveljanza. Sorveljanza minbarra l-PST u l-MIP issir fil-qafas tal-Linji Gwida Ġenerali tal-Politika Ekonomika

(ibbażat fuq l-Artikolu 121 tat-TFUE, bażi legali komuni mal-MIP) u l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi (abbażi tal-Artikolu 148 tat-TFUE).

**<u>OSSERVAZZJONIJIET</u>**

29. Il-klassifikazzjoni ta' żbilanċi hija kkaratterizzata minn ċertu grad ta' stabbiltà hekk kif jistgħu jgħaddu diversi snin biex jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi, b'mod partikolari iżda mhux biss dawk li jinvolvu livelli għolja ta' dejn.

33. Id-dokument tal-Parlament ikkwotat (Implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku — is-sitwazzjoni attwali (Ġunju 2017)" — PE 497.739) la jirrapporta valutazzjoni negattiva globali dwar l-implimentazzjoni tas-CSRs marbuta mal-MIP mill-2012 u lanqas ma jikkonkludi li dan tal-aħħar kien persistentement dgħajjef. Il-kliem li ġej jinsab f'dak id-dokument dwar l-implimentazzjoni tas-CSRs relatati mal-MIP. "Il-livell ta' rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati għalkollox jew b'mod ferm limitat ilu jiżdied mill-2014".

Il-figura 4 tindika li s-sehem ta' "implimentazzjoni sħiħa jew progress sostanzjali" u "xi progress" kien ta' iktar minn 50 % fl-2013, l-2015 u l-2016.

Mhuwiex ċar liema parametru referenzjarju jew stennija tappoġġa din id-dikjarazzjoni. Parametru referenzjarju possibbli jista' jkun il-konformità ma' CSRs mhux relatati mal-MIP. L-evidenza disponibbli tindika li, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tas-CSR kienet aktar b'saħħitha għal CSRs relatati mal-MIP (ara, pereżempju, il-Kompendju tal-MIP).

Parametru referenzjarju ieħor possibbli jista' jkun il-perċezzjoni fl-Istati Membri, kemm huma effettivi s-CSRs biex iqajmu azzjoni politika. Il-kwestjonarju mwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fost il-membri tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) jindika li madwar 10 % biss tal-membri intervistati jqisu s-sorveljanza tal-MIP bħala ineffettiva.

L-Istati Membri MIP irċevew ukoll b'mod ġenerali għadd akbar ta' CSRs meta mqabbla ma' Stati Membri oħra.

34. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu VI.

35. Rigward it-titlu fuq il-paragrafu 35, il-Kummissjoni tenfasizza li rabta bejn MIP-CSRs u l-iżbilanċi hija żgurata. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dan il-paragrafu, il-paragrafu VI. u l-Kaxxa 1.

Kull CSR tinkludi għadd ta' rakkomandazzjonijiet, fosthom dawk bil-għan li jiġu indirizzati l-iżbilanċi. Skont il-kompożizzjoni attwali tas-CSRs f'termini ta' miżuri speċifiċi rakkomandati, il-premessi fid-dokumenti legali li jirrapportaw dwar is-CSRs jindikaw li huma rilevanti għall-MIP. Skont il-prattika stabbilita, is-CSRs indikati bħala rilevanti għall-MIP huma dawk li jinkludu kwalunkwe għadd ta' miżuri indirizzati speċifikament lejn il-korrezzjoni tal-iżbilanċi identifikati għall-pajjiżi taħt is-sorveljanza tal-MIP. Il-prattika tal-Kummissjoni u tal-Kunsill sa mid-dħul fis-seħħ tal-MIP kienet li tenfasizza li s-CSRs ikunu kompletament jew parzjalment rilevanti għall-MIP fil-premessi li jintroduċu s-CSRs.

F'xi każijiet, l-iżbilanċi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' firxa wiesgħa ta' politiki. Pereżempju, it-titjib tal-kompetittività jista' jeħtieġ politiki biex titjieb il-produttività tax-xogħol, biex tiżdied l-effiċjenza fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija, biex jiġi evitat it-tkabbir fil-kost tax-xogħol eċċessiv, eċċ. Għaldaqstant, jista' jiġri li s-CSRs relatati, pereżempju, ma'

taħriġ, enerġija, jew il-formazzjoni tal-pagi huma kollha indikati bħala rilevanti għall-MIP, minkejja li għandhom rwol rilevanti fih innifsu li jmur lil hinn mill-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-MIP, minħabba n-nuqqas ta' rabta, diretta jew indiretta għall-isfida tal-MIP sottostanti li mhux dejjem tidher b'mod ċar.

B'mod ġenerali, diġà fl-2016, madwar 10 % biss mill-membri mistħarrġa tal-EPC sabuha mhux ċara liema mis-CSRs huma marbuta mal-MIP, u d-90 % l-oħra isibuha dejjem jew xi pjuttost ċar.

37. L-eżempji fil-Kaxxa 1 ma humiex ma jappoġġaw b'mod adegwat din l-osservazzjoni għar-raġunijiet iddikjarati hawn taħt.

**<u>Il-kaxxa 1</u>**

L-ewwel punt: Dwar CSRs lil Franza: Elementi ta' apprendistat u ta' taħriġ jistgħu jiġu kkunsidrati li għandhom rwol importanti fil-formazzjoni ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol, li jikkontribwixxu għall-kompetittività, sfida marbuta mal-MIP għal Franza.

It-tieni punt: Dwar CSRs lil Slovenja: Il-pressjoni li popolazzjoni li qed tixjieħ, titfa' pressjoni fuq is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura fit-tul tas-Slovenja jissemmew fis-sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-pajjiż.

It-tielet punt: Dwar CSRs lil Bulgarija: It-taqlib fis-settur bankarju Bulgaru fis-sajf tal-2014 u l-appoġġ konsegwenti mill-baġit pubbliku kienu wara deterjorament drastiku tal-qagħda fiskali fl-2014. Fl-2015, kien hemm riskju ċar ta' aktar miżuri meħtieġa biex jappoġġaw is-settur. Ir-rabta bejn is-sitwazzjoni fis-settur fiskali u finanzjarju, kif ukoll l-isfida ewlenija ta' finanzjament tal-gvern ġiet spjegata fil-Kapitolu 1 tar-rapport tal-pajjiżi tal-2015 (paġni 8–9), fejn kontroreferenza għat-Taqsima IDR (il-Kapitolu 2, il-paragrafi 2.1 u 2.2) tista' tinstab ukoll.

Ir-reġim tal-bord tal-munita fil-Bulgarija effettivament jagħmel il-gvern tiegħu biss mutwanti tal-aħħar istanza. Għalhekk, l-ispejjeż kollha tal-likwidità u d-dispożizzjonijiet kapitali għas-settur bankarju, inkluża l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, kellhom jitħallsu mill-gvern. Dan jagħmel is-CSR fiskali wkoll rilevanti ħafna għal stabbiltà makrofinanzjarja u l-MIP.

L-awtoritajiet Bulgari rrikonoxxew ukoll ir-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja. Fl-2016, il-gvern issellef fondi addizzjonali u inkluda dispożizzjonijiet għal self straordinarju fil-baġit f'każ li s-settur finanzjarju jeħtieġ li jiġu appoġġat. Dan juri b'mod ċar l-għarfien tagħhom tar-riskji involuti u l-ftehim tar-rilevanza għall-istabbiltà makrofinanzjarja.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, is-CSR 1 fl-2015 u fl-2016 kienu kkunsidrati bħala rilevanti għall-MIP.

Ir-raba' punt: Dwar CSRs lil Spanja: Il-premessa (17) għas-CSR tal-2016 imsemmija tistqarr li "l-isfond ċentralizzat ħafna [tal-amministrazzjoni Spanjola] jitlob għal koordinazzjoni mtejba bejn il-varji amministrazzjonijiet pubbliċi, kemm għat-tnaqqis tal-ispejjeż u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq kumpaniji u unitajiet domestiċi." Ir-rapport mill-pajjiż jispjega ulterjorment li amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti tista' tikkontribwixxi għal finanzi pubbliċi sodi, biex b'hekk jiġi indirizzat l-iżbilanċ ta' dejn għoli, u għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq kumpaniji, biex b'hekk jitjiebu l-kompetittività u l-produttività (totali tal-fatturi) (p.78).

Fir-rigward tas-CSR tal-2015: Ir-riforma tas-settur bankarju tat-tfaddil hi koperta fir-rapport tar-rebbiegħa 2015 tas-Sorveljanza ta' Wara l-Programm (PPS) (pp. 17–20);

Għal Spanja, il-MIP twettaq il-monitoraġġ anke b'koordinazzjoni mas-Sorveljanza ta' Wara l-Programm, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mas-settur finanzjarju. Din hija raġuni oħra għalfejn is-CSRs mhumiex ristretti għal kwistjonijiet koperti fl-IDRs; pereżempju kwistjonijiet koperti wkoll fir-rapport PPS (ara d-Dokument Okkażjonali 193, Mejju 2014, Kapitolu 4 għal riforma tas-settur finanzjarju).

38. Jekk parti mis-CSR hija rilevanti għall-MIP, is-CSR kollha hija mmarkata bħala rilevanti għall-MIP. Dan huwa l-kriterju prudenzjali minħabba l-oġġettività tagħha. Madankollu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità tapplika biss għall-parti rilevanti għall-MIP u ġiet applikata b'mod konsistenti.

39. It-tnaqqis fl-għadd ta' CSRs jirrifletti wkoll l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi u x'jimplika għall-ħtieġa ta' azzjoni politika.

L-għadd ta' MIP-CSRs tnaqqas sa ċertu punt meta mqabbel ma' non-MIP-CSRs. Jekk jogħġbok ara ċ-ċifri għall-2015 u l-2016 fl-aħħar ringieli tat-Tabella 1.

41. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 35.

42. Għalkemm it-taqsima "L-isfidi tal-Politika" ma kinitx inkluża, mill-2016 l-inklużjoni ta' matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP fir-rapport tal-pajjiż ħolqot rabta bejn is-sitwazzjoni attwali bil-korrezzjoni ta' żbilanċi, il-progress tal-politika u l-lakuni ta' politika.

43. Pass importanti ttieħed mill-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2015 bl-inklużjoni ta' matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP fir-rapporti tal-pajjiżi sa mill-2016.

44. Il-Kummissjoni mhux dejjem tikkwantifika sistematikament l-impatt ta' CSRs għal għadd ta' raġunijiet, b'mod partikolari:

- L-effetti ta' miżuri jiddependu wkoll fuq il-mod speċifiku kif l-Istati Membri għażlu li jimplimentaw u jikkonformaw mas-CSRs għaliex huma jħallu fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri dwar kif għandhom jipproċedu sabiex jikkonformaw magħhom.

- Ir-rabta bejn l-istrumenti politiċi u l-iżbilanċi jistgħu jiġu affettwati minn fatturi varji, b'mod li r-riżultati mhux dejjem jistgħu jiġu faċilment taħt il-kontroll ta' dawk li jfasslu l-politika.

- Valutazzjonijiet tal-impatt *ex-ante* eżawrjenti huma soġġetti għal inċertezza kbira u jiddependu fuq suppożizzjonijiet, inkluż dwar it-tibdil fl-imġiba minn atturi oħra u partijiet kkonċernati. Għall-istess raġuni rakkomandazzjonijiet minn istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn komparabbli mhumiex sistematikament mirfuda minn kwantifikazzjonijiet ġodda.

- Xi CSRs mhumiex xierqa għal kwantifikazzjoni, għax ma jkunux jistgħu jiġu mmudellati bħala bidla parametrika fil-mudelli disponibbli (il-gruppi ta' riformi li jtejbu l-governanza). Għalhekk, valutazzjoni sħiħa tal-pakkett ta' CSRs tirriskja li ma tkun mhux kompluta jew mhux bilanċjata hekk kif is-CSRs kollha ma jkunux jistgħu jiġu koperti iżda biss subsett li huma xierqa għal kwantifikazzjoni.

Madankollu, xi kwantifikazzjonijiet ta' miżuri possibbli ġew ippreżentati għal każijiet speċifiċi u l-Kummissjoni għandha l-għan li twettaq eżerċizzji bħal dawn kull fejn dan ikun possibbli.

46. Huwa importanti li jitqies li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn ir-rakkomandazzjonijiet baġitarji u rakkomandazzjonijiet oħrajn b'impatt fiskali għaliex ir-rakkomandazzjonijiet baġitarji mhumiex ifformulati b'tali mod li jipprekludu rikompożizzjoni tal-infiq jew tad-dħul konsistenti mas-CSRs l-oħra.

48. Hemm rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro li għandhom x'jaqsmu ma' oqsma li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MIP. Mhux l-Istati Membri kollha rċevew CSRs rilevanti għall-MIP. Mhux l-Istati Membri kollha huma kkonċernati direttament minn rakkomandazzjoni taż-żona speċifika, hekk kif l-isfidi identifikati hemmhekk mhumiex kondiviżi b'mod ugwali mill-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Il-ħtieġa għal konsistenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro u MIP-CSRs japplikaw biss għall-Istati Membri li jkunu kkonċernati minn rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro pertinenti għal kwistjonijiet MIP u fl-istess ħin jirċievu MIP relatata ma' CSR fl-istess żona.

49. Il-MIP ma tistax tintuża biex tipprovdi rakkomandazzjonijiet fiskali *erga omnes*. Skont ir-Regolament dwar il-MIP, rakkomandazzjonijiet marbuta mal-MIP jistgħu jinħarġu biss lil Stati Membri identifikati bi żbilanċi. Rakkomandazzjonijiet marbuta mal-MIP jistgħu jinkludu miżuri fiskali, jekk rilevanti bil-għan li jiġu indirizzati l-iżbilanċi identifikati fl-Istat Membru kkonċernat.

50. Dawn l-osservazzjonijiet mhumiex rilevanti għall-MIP.

51. Kemm hu xieraq li l-perjodu ta' żmien jista' jiġi vvalutat biss kontra r-rekwiżiti eżatti tas-CSRs. Għandha tingħata kunsiderazzjoni debita wkoll għall-urġenza possibbli ta' azzjoni biex tikkonforma ma' MIP-CSRs.

Il-formulazzjoni tal-kliem u l-enfasi ta' CSRs jistgħu jinbidlu minn sena għal oħra biex jitqiesu l-aħħar żviluppi dwar kwistjonijiet li għandhom jibqgħu rilevanti għall-istabbiltà makroekonomika. Huwa l-każ ukoll li xi kultant ittieħdu miżuri iżda mhux biżżejjed biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ inkwistjoni.

54. Rigward it-titlu fuq il-paragrafu 54, il-Kummissjoni tinnota li s-sistema ta' kategoriji baqa' stabbli matul dawn l-aħħar snin. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 55.

55. Is-sistema ta' sitt kategoriji baqgħet stabbli bejn l-2013 u l-2015; il-bidla fil-formulazzjoni tal-kliem bejn l-2013 u l-2014 kienet tikkonċerna biss il-fatt li l-prattika ta' monitoraġġ speċifiku, introdotta fl-2013, ftit wara il-konklużjonijiet tal-IDR u immedjatament applikata, issemmiet fil-kategorizzazzjoni tal-iżbilanċi mill-2014.

56. L-identifikazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi ma jikkoinċidix mat-tnedija tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv.

**Il-kaxxa 3**

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament jistabbilixxi "regoli dettaljati għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi, kif ukoll il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni". Hekk kif il-premessa 9 tar-Regolament tagħmilha ċara, regoli speċifiċi stabbiliti għal dak l-għan huma stabbiliti sabiex "tkun supplimentata l-proċedura tas-sorveljanza multilaterali msemmija fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 121 tat-TFUE".

F'dak l-isfond tal-għan tar-Regolament mhuwiex il-Parlament u l-Kunsill, bħala koleġiżlaturi fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja fil-forma ta' Regolament biex ineħħu s-setgħa

diskrezzjonarja miżmuma mill-Kummissjoni skont il-liġi primarja fil-forma tal-Artikolu 121(4) tat-TFUE.

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 ma toħloq l-ebda setgħa jew proċedura ġdida. Jiddefinixxi l-kundizzjonijiet taħt liema setgħa bbażata fuq it-Trattat (l-Artikolu 121(4) tat-TFUE jew il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali) għandha tiġi eżerċitata fi ħdan is-sitwazzjoni partikolari tal-MIP. Għalhekk il-Kummissjoni mhijiex marbuta li tiftaħ il-proċedura ladarba ċerti ċirkostanzi jitqajmu skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE tal-monopolju tal-inizjattiva tal-Kummissjoni, li t-Trattati b'xort'oħra jiggarantixxu, tibqa' sħiħa. Il-Kummissjoni żżomm is-setgħa diskrezzjonali tagħha li tiftaħ jew li ma tiftaħx proċedura. Att ta' leġiżlazzjoni sekondarja ma tistax iċċaħħad lill-Kummissjoni s-setgħa ta' diskrezzjoni kif mfassla mit-Trattati. Il-premessa 22 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 — li tgħid li "jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi (...) għandha tinbeda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (...)" — għandu jinqara f'dan l-isfond. Dan ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-Kummissjoni biex tippreżenta rakkomandazzjoni, iżda jesprimi x-xewqa politika tal-koleġiżlatur biex l-affarijiet isiru b'mod partikolari.

58. Il-konklużjonijiet tal-IDR jinsabu f'Komunikazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin:

L-ewwel nett, il-konsistenza fil-klassifikazzjoni madwar id-diversi Stati Membri għandha tiġi żgurata u timplika li IDR ma tistax tinqara b'mod iżolat.

It-tieni nett, li l-kategorizzazzjoni tal-MIP teħtieġ li tieħu kont tal-aspetti sistemiċi, inklużi l-effetti sekondarji u l-kuntest ġenerali (ara l-Artikolu 5(2) tar-Regolament 1176/2011 u l-Kompendju MIP, il-paġna 48). Tali evalwazzjoni hija bbażata fuq il-qari tal-pakkett sħiħ tal-IDRs u fuq informazzjoni rilevanti.

It-tielet nett, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament 1176/2011 għandu jinkludi iżda mhuwiex limitat biss għall-elementi speċifikament stabbiliti fl-ewwel sentenza ta' dik id-dispożizzjoni. Il-Kummissjoni hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni serje ta' fatturi oħra li huma wkoll stabbiliti fl-Artikolu 5(2) (l-iżviluppi ekonomiċi fl-Unjoni u fiż-żona tal-euro; l-oriġini tal-iżbilanċi; iċ-ċirkostanzi ekonomiċi prevalenti; ir-rakkomandazzjonijiet jew l-istediniet tal-Kunsill taħt il-PST u s-Semestru Ewropew; l-intenzjonijiet politiċi tal-Istat Membru taħt rieżami). Barra minn hekk, l-għażla tal-koleġiżlaturi li jużaw fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(2), il-kelma "jinkludu" (u mhux, pereżempju "tikkonsisti") turi li l-Kummissjoni hija awtorizzata li tieħu elementi oħra inkunsiderazzjoni. Ma hemm l-ebda rekwiżit li l-valutazzjoni tal-iżbilanċi f'ħin partikolari jikkunsidra biss informazzjoni inkluża fl-aħħar prodott IDR, hekk kif informazzjoni rilevanti tista' tiġi inkluża f'dokumenti pubbliċi oħra (eż., kwistjonijiet preċedenti IDR, AMR, tbassir).

(a) Fil-każ tal-Bulgarija, kien hemm aspett preventiv għal dawk il-kategorizzazzjonijiet, billi jiġi kkunsidrat l-Artikolu 2(1) tar-Regolament 1176/2011: "(...) l-iżviluppi li qed jaffettwaw negattivament jew *għandhom il-potenzjali li jaffettwaw negattivament*, it-funzjonament xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru (...)" (il-korsiv tagħna). Jekk tittieħed (ċertu) azzjoni biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, eżitu naturali u tajjeb ikun li r-riskju li lejh kien jipponta ma mmaterjalizzax, li huwa eżattament kif il-proċessi ta' ħidma preventiva jaħdmu.

In-nuqqas li terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-sistema bankarja u jiġi kkontrollat l-irtirar tad-depożiti f'Ġunju 2014, kien jaggrava l-kriżi tal-likwidità u kien hemm riskju li din tinbidel fi kriżi ta' solvenza. In-nuqqas tal-korp superviżorju li jiskopri problemi sinifikanti fir-raba' l-akbar bank tal-pajjiż wera nuqqasijiet fil-prassi superviżorji tas-settur finanzjarju u fis-superviżjoni tar-riskju tal-konċentrazzjoni. Filwaqt li r-riskji immedjati kienu naqsu fl-2015, il-kawżi sottostanti ma kinux għadhom ġew indirizzati fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-IDR. Il-kategorizzazzjoni tal-"iżbilanċi

eċċessivi” kienet meqjusa meħtieġa biex tixpruna azzjoni deċiżiva mill-awtoritajiet sabiex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-problemi u tnaqqas il-possibbiltà ta' sitwazzjonijiet bħal dawn jerġgħu jitfaċċaw fil-futur.

Id-deterjorament fl-istabbiltà makrofinanzjarja ġenerali hija evidenzjata wkoll b'żieda b'mod qawwi fid-defiċit tal-baġit bħala riżultat tal-appoġġ tal-gvern lis-settur finanzjarju u anki taż-żieda ferm akbar fid-dejn tal-gvern biex jiżgura finanzjament għal miżuri ulterjuri possibbli għas-settur finanzjarju. Degradar ta' klassifikazzjoni ta' kreditu konsegwenti, tipikament assoċjat ma' żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament, kienu konferma oħra tal-vulnerabbiltajiet u r-riskji sinifikanti.

L-istess konklużjoni ntlaħqet mill-FMI (l-Artikolu IV tar-rapport tal-persunal): In-nuqqas tal-Corporate Commercial Bank (KTB) fis-sajf li għadda kixef nuqqasijiet fl-oqfsa tas-sueperviżjoni u tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Bulgarija, filwaqt li jenfasizza wkoll ir-rabta bejn ir-riskji finanzjarji u fiskali taħt tal-bord tal-munita. Azzjoni deċiżiva hija meħtieġa biex tittejjeb is-sorveljanza tas-settur finanzjarju u tiġi żgurata l-fiduċja fis-sistema bankarja.

(b) Il-kategorizzazzjoni ta' Franza fil-MIP kienet eskalata fl-2015 minħabba r-rispons ta' politika mhux suffiċjenti. Kif indikat fl-IDR, li żied ir-riskji li jirriżultaw mid-deterjorament kemm fil-kompetittività tal-kostijiet kif ukoll mhux tal-kostijiet, flimkien ma' profittabbiltà baxxa, u dejn għoli u li qed jogħla Franċiż, fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku baxx u inflazzjoni baxxa.

Ir-riskju sistemiku għaż-żona tal-euro kien fattur ieħor li jwassal għar-rikategorizzazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi minħabba r-rabtiet kummerċjali u finanzjarji qawwija tal-ekonomija Franċiża ma' Stati Membri oħra.

B'mod ġenerali, din id-deċiżjoni ma kinitx sempliċiment ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' finanzi pubbliċi. Minflok, kienet tinvolvi valutazzjoni usa' tal-prestazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-pajjiż, l-azzjoni politika meħuda, u r-riskji għal ekonomiji oħrajn fiż-żona tal-euro.

(c) Ir-riskji ma kinux dehru b'mod ċar minn Marzu sa Novembru 2016, u għalhekk ma kienx hemm għalfejn ta' rieżami tal-valutazzjoni tal-IDR tal-2016 li r-Renju Unit ma kienx qed jiġi affettwat minn żbilanċi.

60. Iż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni chapeau ma għandu l-ebda rabta mal-konsistenza fil-kategorizzazzjoni tal-iżbilanċi mal-kontenut tal-IDRs.

61. Rigward it-titlu hawn fuq fil-paragrafu 61, il-Kummissjoni tenfasizza li l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni hija bbażata fuq ammont kbir ta' xogħol analitiku u tekniku mwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kulleġġ tal-Kummissarji u s-servizzi jaġixxu bħala entità sħiħa. Il-ħidma analitika u teknika hija parti integrali tad-deċiżjonijiet finali. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li aktar minn 70 % tal-Istati Membri jikkunsidraw li l-klassifikazzjoni MIP hija “preċiża” jew “pjuttost preċiża” (ara l-figura f tal-istħarriġ tal-QEA fl-Anness VI).

Barra minn hekk, 94.7 % tal-Istati Membri jqisu li l-kwalità ġenerali CR/IDR hija mill-inqas fuq l-istess livell ma'rapporti tekniċi ppubblikati minn istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn (l-FMI, l-OECD,...), filwaqt li 26.3 % iqisu li huwa saħansitra aħjar (ara l-figura u tal-istħarriġ tal-QEA fl-Anness VI). Ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Kummissjoni kollha kemm hi u l-Kummissjoni hija l-parti awditjata tal-awditu.

Il-Kulleġġ tal-Kummissarji u s-servizzi jaġixxu bħala entità sħiħa. Il-Kummissarji jirċievu parir dirett mis-servizzi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u indirettament minn servizzi oħra tal-

Kummissjoni permezz ta' Kummissarji oħra u l-uffiċċji privati rispettivi. Il-Kulleġġ jista' jeżerċita l-prerogattiva tiegħu li ma jsegwix il-pariri tas-servizzi, peress li mhuwiex legalment obbligat li jsegwi tali pariri, u mhuwiex mitlub li jipprovdi ġustifikazzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Kulleġġ jista' jieħu elementi oħrajn inkunsiderazzjoni, minbarra servizzi ta' konsulenza dwar il-kwistjoni speċifika, li f'xi każijiet jistgħu jsiru disponibbli biss wara li jsiru l-analiżijiet.

B'mod ġenerali, il-fatt li sentenza tiġi eżerċitata wkoll mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u mhux biss mis-servizzi kkonċernati mhijiex neċessarjament indikazzjoni li l-proċeduri huma ppolitiċizzati iżda li l-Kummissarji u l-uffiċċji privati tagħhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni tas-sustanza, li jikkumplimentaw il-valutazzjoni pprovduta mis-servizzi f'xi każijiet.

64. Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni differenti. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2015 "Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja", il-Kummissjoni ddikjarat li "il-Kummissjoni se tiżgura segwitu xieraq għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi. Dan jeħtieġ ġudizzju ekonomiku u impenn attiv mal-Istati Membri sabiex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi tagħhom u tiġi żgurata s-sjieda tar-riformi domestiċi. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-kategoriji, tiċċara l-kriterji li jiggwidaw id-deċiżjoni tagħha, u tispjega aħjar ir-rabta bejn in-natura tal-iżbilanċi u kif dawn jiġu indirizzati f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. (…) Il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv tista' tinfetaħ f'każ ta' nuqqas ta' impenn għar-riformi u n-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni, u se tintuża f'każ ta' żbilanċi makroekonomiċi serji li jipperikolaw il-funzjonament xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, bħal dawk li wasslu għall-kriżi. Il-Kummissjoni se tistieden ukoll involviment ikbar tal-Kunsill f'monitoraġġ speċifiku ta' pajjiżi bi żbilanċi eċċessivi li għalihom il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv ma tkunx attivata."[3]

Sa mill-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni wettqet l-impenji li ħadet hemmhekk. L-implimentazzjoni tal-MIP saret aktar trasparenti, b'rikonoxximent mill-Istati Membri.

Is-severità tal-iżbilanċi naqas f'ħafna Stati Membri, li jiġġustifika n-nuqqas ta' attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv sa mill-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2015.

66. Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-MIP jirrispetta bis-sħiħ ir-regoli interni tal-Kummissjoni.

(a) Din l-osservazzjoni ma tidhirx pertinenti għaliex mhijiex speċifika għall-MIP u m'hemm l-ebda relazzjoni bejn kwistjonijiet proċedurali osservati mill-QEA u l-mertu tad-deċiżjonijiet finali. Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet jinvolvu deliberazzjoni bejn diversi Kummissarji u l-uffiċċji tagħhom permezz tat-telefon u permezz ta' laqgħat u mezzi oħra ta' komunikazzjoni verbali. L-urġenza, is-sensittività politika u dik potenzjali tas-suq ma jiġġustifikawx traċċabbiltà iebsa ta' minuti dettaljati ta' kull diskussjoni bejn il-partijiet varji għal kull Stat Membru li għalih tkun saret IDR.

---

[3] COM(2015) 600 finali tal-21 ta' Ottubru 2015 'KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja'.

Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 61-62.

(b) Ir-regoli ta' proċedura jipprovdu li d-dokumenti għandhom jiġu ċċirkolati f'ċertu numru ta' jiem qabel il-laqgħa tal-Kulleġġ li għandhom jiżguraw li l-Membri tal-Kummissjoni jistgħu jħejju kif jixraq u jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Dawn ir-regoli huma stabbiliti biss fl-interess tal-Membri tal-Kulleġġ. Dan ifisser li l-Membri jkunu jistgħu jirrinunzjaw fuq ir-rispett tal-iskadenza jekk iqisu li huma jistgħu jħejju f'perjodu iqsar ta' żmien. Dan mhu xej ġdid u ċertament mhux bi ksur tar-regolamenti interni tal-Kummissjoni. Is-sottomissjoni tardiva ta' kwalunkwe dokument bl-ebda mod ma taffettwa l-mertu jew il-validità tad-deċiżjoni.

(c) Kriterji kkodifikati *ex-ante* dwar il-ftuħ ta' Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv ma jkunux rakkomandabbli kif hi meħtieġa sentenza biex tqis li l-iżbilanċi makroekonomiċi huma multidimensjonali u fenomeni kumplessi filwaqt li jieħdu forom evoluttivi li jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' oqsma u strumenti ta' politika. Huwa għalhekk li jinstab spazju għal sentenza, flimkien ma' regoli, li jiġi inkluż fil-mekkaniżmi ta' sorveljanza u r-raġuni għalfejn ir-Regolament 1176/2011 ma jikkodifikax id-definizzjoni ta' żbilanċ jew żbilanċ eċċessiv.

68. L-amalgamazzjoni ta' analiżijiet IDR u mhux IDR għenet biex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet li jistgħu jseħħu bejn IDR u Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal.

L-esperjenza tissuġġerixxi li IDR baqgħet identifikabbli fil-format attwali (anki bis-saħħa ta' matriċi MIP u sommarju kapitolu IDR), u tirkib bejn IDR u l-partijiet eliminati fir-Rapport tal-Pajjiż mhux IDR.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN) dwar IDRs u l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2016 laqgħu l-analiżi integrata u saħqu fuq il-ħtieġa li l-analiżijiet IDR jibqgħu identifikabbli u trasparenti b'mod ċar fir-rapporti tal-pajjiżi.

74. Taqsima fir-rapport tal-pajjiż jipprovdi valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni attwali mal-analiżi ta' prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi. L-analiżi fil-fond hija mwettqa f'taqsimiet tematiċi, u l-elementi kollha ta' analiżi pertinenti mal-IDR huma indikati.

L-istħarriġ li sar mill-QEA fost membri tal-EPC juri li l-ebda wieħed mill-Membri intervistati jqisu l-IDR/CR bħala kamp ta' applikazzjoni limitat (Figura r fl-Anness VI) u lanqas IDR qasir wisq (Figura q fl-Anness VI).

L-ammont ottimali ta' analiżi u t-tul li ħadet fl-IDR/CR għandu jitqies f'analiżi akkumulat, pereżempju ippubblikata fl-IDRs/CRs preċedenti u l-lakuni li fadal.

75. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 68.

80. L-IDRs huma marbuta li jkunu ffukati fuq l-iżbilanċi, li mhuwiex il-każ ta' rapporti speċifiċi ta' pajjiż oħrajn. Jinkludi l-identifikazzjoni tagħhom u wkoll l-infurmar dwar il-korrezzjoni tal-iżbilanċi identifikati aktar kmieni.

82. Approċċi ta' mmudellar avvanzat li ġew segiwti għall-analiżijiet tal-effetti konsegwenzjali.

L-IDRs jkunu analizzati b'mod sistematiku minn effetti konsegwenzjali miż-żona tal-euro kbira tal-Istati Membri sa mill-2015, hekk kif effetti konsegwenzjali x'aktarx li se jkunu akbar fid-daqs jekk ġejjin minn ekonomiji kbar. Analiżijiet addizzjonali ta' effetti konsegwenzjali 'l ġewwa u 'l barra huma inklużi fejn rilevanti, fuq il-bażi ta' żviluppi attwali jew mistennija li jinvolvu possibbilment effetti transfruntiera importanti.

Huwa importanti li jkun rikonoxxut li ċerti tipi ta' effetti konsegwenzjali (eż. effetti ta' kontaġju permezz tal-fiduċja tas-suq finanzjarju) jista' jinħoloq biss fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet u konġetturi u jkollhom limitazzjonijiet.

L-analiżi ekonomika ppreżentata fl-IDRs hija bbażata wkoll fuq l-aħħar tbassir makroekonomiku, li, minħabba d-disinn tagħhom, jikkunsidraw il-kondizzjonijiet ġenerali tas-suq, inkluża l-possibbiltà ta' kontaġju minn barra li jirrifletti l-kundizzjonijiet sovrani.

84. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 82.

85. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 82.

86. Il-politika fiskali hija mmonitorjata fil-qafas tal-PST. L-evoluzzjoni tad-dejn tal-gvern hija mmonitorjata wkoll fil-qafas tal-MIP, fl-IDRs, inkluż minn perspettiva li tħares 'il quddiem. Dak jinkludi pajjiżi fejn id-dejn pubbliku għoli huwa element li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi jew fejn it-tnaqqis ta' defiċits fiskali jikkontribwixxu għall-korrezzjoni ta' defiċits kbar fil-konti kurrenti identifikati bħala parti mill-iżbilanċi.

F'għadd ta' Stati Membri b'dejn pubbliku kbir, l-implikazzjonijiet li jirriżultaw minn firxiet miżjuda fuq id-dejn tal-gvern ġew analizzati.

Fi Stati Membri li għandhom surplus fil-kont kurrenti, l-IDRs analizzaw ir-rabtiet bejn għadd ta' miżuri fiskali u l-pożizzjoni esterna. Għal dawn, għadd ta' miżuri CSRs ta' natura fiskali li potenzjalment jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' surpluses pożittivi kbar ġew indikati bħala rilevanti għall-MIP.

**Il-kaxxa 4**

Ir-raba' paragrafu: Il-kont kurrenti aġġustat ċiklikament, jiġifieri aġġustat għal differenzi fil-produzzjoni f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom u b'hekk jirrifletti t-tnaqqis fid-domanda domestika fi Spanja. Il-kont kurrenti aġġustat ċiklikament kif ikkalkulat mill-Kummissjoni laħaq -1.2 % tal-PDG fl-2014 (figura mill-2015) minn -9.2 % tal-PDG fl-2008, li jissuġġerixxi li ħafna mit-titjib huwa indipendenti minħabba pożizzjonijiet ċikliċi (IDR/CR 2015).

Il-ħames paragrafu: Fil-każ ta' Franza, b'differenza mill-każ tal-Ġermanja, is-sors ewlieni ta' riskji ta' żbilanċi mhuwiex rifless fil-pożizzjoni esterna. Madankollu, il-konsolidazzjoni fiskali hija parti mill-analiżijiet MIP u Franza ġiet rakkomandata li tissikka l-politika fiskali tagħha wkoll bħala mezz ta' bilanċjar mill-ġdid tas-settur estern tagħha.

87. Kaxxa 5 ma tappoġġax b'mod adegwat din l-osservazzjoni; ara t-tweġibiet għall-Kaxxa 5.

**Il-kaxxa 5**

L-ewwel vleġġa: Id-deċiżjonijiet tal-istatus tal-Kummissjoni 2013 MIP ġew ippreżentati u spjegati fil-Komunikazzjoni rilevanti ta' April 2013: ir-riskji li jirriżultaw minn politiki dwar il-paga minima huma msemmija fil-qosor, iżda dan ma jinsabx fost ir-raġunijiet ewlenin (pp. 9–10).

L-ewwel punt: L-elastiċità tad-domanda għax-xogħol huwa parametru li tkun stabbli tul iż-żmien u ma għandux għalfejn jiġi stmat kull sena. Id-differenzi fir-riżultati jirriflettu wkoll suppożizzjonijiet differenti, jiġifieri n-nuqqas ta' impatt fuq pagi ogħla mill-paga minima fil-każ tar-referenza ikkwotata.

It-tieni punt: Il-paga minima hija analizzata fl-IDR Sloven taħt it-titolu "Kompetittività u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni" li tiċċara il-qofol tal-analiżi. L-IDR tiddikjara li "l-paga minima kienet imbuttata 'l fuq sew mill-pagi bażiċi nnegozjati f'xi ftehimiet kollettivi settorjali, saħansitra għal kompiti li jeħtieġu edukazzjoni medja".

It-tielet punt: Valutazzjonijiet analitiċi fl-IDRs huma speċifiċi għall-pajjiż. Il-kundizzjonijiet fis-Slovenja fl-2013 u fil-Bulgarija fl-2016 mhumiex strettament paragunabbli.

It-tieni vleġġa: Istituzzjonijiet internazzjonali oħra bħall-FMI jikkondividu l-analiżi tal-Kummissjoni li tirrigwarda l-pożizzjoni relattivament dgħajfa ta' Banek tal-Istat, ara pereżempju l-Art. IV il-konklużjonijiet tas-17 ta' Jannar 2014.

It-tielet vleġġa: L-analiżi turi li hemm differenza fil-qligħ fuq l-assi bejn iż-żewġ gruppi ta' banek. Il-Kummissjoni mbagħad ikkonkludiet numru ta' raġunijiet li setgħu wasslu għal dak ir-riżultat. Dan huwa kkumplimentat aktar tard fir-rapport b'analiżi tal-istatistika tal-kwalità, li juri li l-banek b'sjieda domestika jirrapportaw kwalità aħjar tal-assi.

90. M'hemmx argumenti ċari li jindikaw li ma kien hemm l-ebda titjib fil-kwalità tal-analiżi fl-AMR. Fil-fatt, maż-żmien l-AMR ġie imsaħħaħ permezz ta' analiżi u informazzjoni addizzjonali.

Kważi 90 % tal-membri EPC sabu l-analiżi tal-AMR effettiva biex jiġu identifikati l-Istati Membri li jistgħu jkunu affettwati minn żbilanċi makroekonomiċi (tweġibiet għall-mistoqsija b tal-istħarriġ għal membri EPC kif inkluż fl-Anness VI ma' dan ir-rapport) — li huwa l-għan tal-AMR.

91. L-għażla tal-ewwel sett tal-Istati Membri sabiex jiġu analizzati f'IDR kienet kompletament imħaddma permezz ta' analiżi tal-AMR.

Il-prattika prudenzjali li għandhom jgħaddu minn IDR għal Stati Membri diġà identifikat bi żbilanċi għal evalwazzjoni tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi u l-korrezzjoni possibbli tagħhom timplika li maġġoranza ta' IDRs kienu r-riżultat ta' żbilanċi li diġà ġew identifikati.

Madankollu, l-AMR xorta kellu rwol fl-għażla tal-pajjiżi li għandhom jgħaddu minn IDR minkejja ma ġew identifikati l-ebda żbilanċi diġà.

Hekk kif in-numru ta' Stati Membri identifikati bi żbilanċi jaqa', id-deċiżjoni li tiftaħ IDRs tiddependi dejjem iżjed fuq l-analiżi tal-AMR.

Il-prattika prudenzjali ta' ħruġ u IDRs għall-pajjiżi kollha li għalihom huma diġà identifikati żbilanċi mhijiex ikkontestata, peress li tevita r-riskju ta' IDRs neqsin meta jkun meħtieġ. Din il-prattika, flimkien mal-evoluzzjoni li ħafna drabi tkun bil-mod tal-varjabbli ekonomiċi rilevanti li jirfdu l-iżbilanċi inevitabbilment twassal għal ċertu grad ta' stabbiltà tas-sett ta' pajjiżi magħżula għal IDRs; hija toħloq ukoll element ta' konsistenza matul iż-żmien.

92. It-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP m'għandix l-għan prinċipali li tipprovdi sistema ta' twissija bikrija. Dan iservi bħala tagħmir għall-iffiltrar biex jinstabu każijiet *prima facie* ta' żbilanċi possibbli li jistħoqqilhom aktar investigazzjoni u jipprovdi l-possibbiltà ta' traċċar tal-evoluzzjoni ta' indikaturi li jissuġġerixxu l-bini ta' riskji. L-għan huwa li jkun hemm kopertura wiesgħa ta' riskji għall-istabbiltà makroekonomika pjuttost minn tbassir ta' kriżijiet ta' tip speċifiku ħafna.

It-tabella ta' valutazzjoni hija miżmuma, aġġornata u modifikata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Kunsill u l-Parlament. Il-ħidma teknika dwar it-tabella ta' valutazzjoni hija

mwettqa minn Kumitati tal-Kunsill, b'mod partikolari l-Kumitat għall-Politika Ekonomika tal-Kunsill ECOFIN u l-Grupp ta' Ħidma LIME tiegħu.

(a) It-tabella ta' valutazzjoni AMR ma tużax dejta preliminari jew tbassir. L-istatistika stabbli hi disponibbli biss b'dewmien.

(b) Medja ta' permessi li tnaqqas ir-riskju li l-qari ta' xi indikaturi ikun jiddependi fuq varjazzjonijiet temporanji.

93. Teżisti tensjoni bejn il-varjabbli potenzjalment rilevanti kollha inklużi fit-tabella ta' valutazzjoni u ż-żamma ta' tabella ta' valutazzjoni parsimonjuża kif meħtieġ mir-Regolament 1176/2011.

L-inflazzjoni jkollha korrelazzjoni għolja ma' varjabbli preżenti fit-tabella ta' valutazzjoni, jiġifieri rata ta' tkabbir fil-kostijiet ta' unità lavorattivi u tibdil fil-prezzijiet reali tad-djar, u b'hekk ma żżidx informazzjoni addizzjonali.

Dejta ta' self improduttiv fuq bażi komparabbli ma kinitx disponibbli sa dan l-aħħar (l-ewwel dejta pubblika ġiet rilaxxata mill-BĊE fl-2015).

94. L-inklużjoni ta' dawk l-indikaturi jippermetti fehim aħjar tal-konsegwenzi soċjali tal-iżbilanċi, inkluż matul il-korrezzjoni tagħhom, biex b'hekk tgħin l-irfinar tal-MIP.

L-inklużjoni ta' dawn il-varjabbli fit-tabella ta' valutazzjoni ma tbiddilx il-fokus fuq l-MIP, li tibqa' mmirata lejn il-prevenzjoni tal-emerġenza ta' żbilanċi makroekonomiċi dannużi u l-iżgurar tal-korrezzjoni tagħhom.

95. In-numru ta' indikaturi "jteptpu" mhuwiex l-element ewlieni li jixpruna analiżi tal-AMR. Skont ir-Regolament tal-MIP, il-qari tat-tabella ta' valutazzjoni huwa mekkaniku u tiġi kkunsidrata l-informazzjoni rilevanti addizzjonali.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 92.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

97. Ir-rieżami li ġej tal-applikazzjoni tal-MIP mill-Kummissjoni skont ir-Regolament 1176/2011 (Artikolu 16) ser jitwettaq fl-2019. Ir-riżultati tiegħu se jkunu pubbliċi u jiġu diskussi mal-Istati Membri u partijiet interessati oħra. Dan jikkostitwixxi wkoll l-aktar żmien propizju għal rieżami tal-qafas, li aħjar isir b'mod komprensiv, organiku u b'mod konsistenti bl-eżerċizzju ta' segwitu sar-rieżami tal-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ser jittieħdu inkunsiderazzjoni kif xieraq. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għandha tqis ir-rieżami tal-MIP tal-2019, iżda ser tfittex li tibda l-implimentazzjoni ta' xi miżuri diġà fiċ-ċiklu tal-2018/19, b'mod partikolari fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 3.ii, 4, 5 u 6.

98. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 33.

99. Kull CSR tinkludi għadd ta' rakkomandazzjonijiet, fosthom dawk bil-għan li jiġu indirizzati l-iżbilanċi. Skont il-kompożizzjoni attwali tas-CSRs f'termini ta' miżuri speċifiċi rakkomandati, il-premessi fid-dokumenti legali li jirrapportaw dwar is-CSRs jindikaw li huma rilevanti għall-MIP. Kif spjegat fit-tweġiba għall-paragrafu 38, skont il-prattika stabbilita, is-CSRs indikati bħala rilevanti għall-MIP huma dawk li jinkludu kwalunkwe għadd ta' miżuri indirizzati speċifikament lejn il-korrezzjoni tal-iżbilanċi identifikati għall-pajjiżi taħt is-sorveljanza tal-MIP.

CSRs indikati bħala rilevanti għall-MIP għandhom f'kull każ miżuri li jgħinu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi. Kif spjegat fit-tweġiba għall-paragrafu 35, il-firxa ta' miżuri bħal dawn xi kultant hija wiesgħa, u li dawk il-miżuri jistgħu jkollhom simultanjament impatt li jmur lil hinn mill-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ir-rabta bejn il-miżuri u l-iżbilanċi hija inqas ċara f'xi każijiet.

100. Kemm hu xieraq il-perjodu ta' żmien jista' jiġi vvalutat biss kontra r-rekwiżiti eżatti tas-CSRs. Għandha tingħata kunsiderazzjoni debita wkoll għall-urġenza ta' azzjoni biex tikkonforma ma' MIP-CSRs biex jiġi evitat li l-iżbilanċi jevolvu fi kriżi serja jekk ma jiġux indirizzati.

101. Il-Kummissjoni mhux dejjem tikkwantifika sistematikament l-impatt ta' CSRs għal għadd ta' raġunijiet, b'mod partikolari: l-effetti tagħhom jiddependu wkoll fuq il-mod speċifiku kif l-Istati Membri jagħżlu li jimplimentaw u jikkonformaw mas-CSRs; ir-rabta bejn l-istrumenti politiċi u l-iżbilanċi tista' tiġi affettwata minn diversi fatturi; xi CSRs mhumiex xierqa għal kwantifikazzjoni li jimplika li valutazzjoni bbażata biss fuq subsett ta' miżuri li huma iktar faċli biex jiġu kkwantifikati se jipprovdu stampa żbilanċjata; valutazzjonijiet tal-impatt *ex-ante* eżawrjenti huma soġġetti għal inċertezza kbira u jiddependu fuq suppożizzjonijiet.

**Rakkomandazzjoni 1**

(i) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni;

CSRs diġà huma fformulati b'tali mod li jiġu indirizzati l-iżbilanċi identifikati. Jista' jkun hemm lok biex issir rabta aktar ċara f'dokumenti tal-Kummissjoni.

CSRs jħallu grad ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri dwar kif għandhom jipproċedu sabiex jikkonformaw magħhom, sabiex tkun żgurata s-sjieda tal-miżuri u tar-riformi mill-Istati Membri. Mhuwiex ovvju li rakkomandazzjoni aktar dettaljata għandha impatt iktar qawwi fuq l-iżbilanċi.

(ii) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni;

(iii) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni;

Kif mistqarr fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 44, il-Kummissjoni mhux dejjem tikkwantifika sistematikament l-impatt ta' CSRs għal għadd ta' raġunijiet, b'mod partikolari:

- L-effetti ta' miżuri jiddependu wkoll fuq il-mod speċifiku kif l-Istati Membri għażlu li jimplimentaw u jikkonformaw mas-CSRs għaliex huma jħallu fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri dwar kif għandhom jipproċedu sabiex jikkonformaw magħhom.

- Ir-rabta bejn l-istrumenti politiċi u l-iżbilanċi jistgħu jiġu affettwati minn fatturi varji, b'mod li r-riżultati mhux dejjem jistgħu jiġu faċilment taħt il-kontroll ta' dawk li jfasslu l-politika.

- Valutazzjonijiet tal-impatt *ex-ante* eżawrjenti huma soġġetti għal inċertezza kbira u jiddependu fuq suppożizzjonijiet, inkluż dwar it-tibdil fl-imġiba minn atturi oħra u partijiet kkonċernati. Għall-istess raġuni rakkomandazzjonijiet minn istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn komparabbli mhumiex sistematikament mirfuda minn kwantifikazzjonijiet ġodda.

- Xi CSRs mhumiex xierqa għal kwantifikazzjoni, għax ma jkunux jistgħu jiġu mmudellati bħala bidla parametrika fil-mudelli disponibbli (il-gruppi ta' riformi li jtejbu l-governanza). Għalhekk, valutazzjoni sħiħa tal-pakkett ta' CSRs tirriskja li tkun mhux kompluta jew mhux bilanċjata hekk

kif is-CSRs kollha ma jkunux jistgħu jiġu koperti iżda biss subsett li huma xierqa għal kwantifikazzjoni.

Madankollu, xi kwantifikazzjonijiet ta’ miżuri possibbli ġew ippreżentati għal każijiet speċifiċi u l-Kummissjoni għandha l-għan li twettaq eżerċizzji bħal dawn kull fejn dan ikun possibbli.

(iv) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni, bil-fehim li l-iskadenzi standrad tas-Semestru Ewropew għall-implimentazzjoni tas-CSRs japplikaw, fejn possibbli, b’eċċezzjonijiet ġustifikati b’mod adegwat, għal każijiet fejn fil-ħin meta tinħareġ ir-rakkomandazzjoni diġà huwa ċar li l-iskadenzi standard mhux se jkunu realistiċi għal miżura speċifika.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

102. Il-konklużjonijiet dwar il-klassifikazzjonijiet ta’ żbilanċi jinsabu f’Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-IDRs, u hija bbażata fuq IDR. Il-klassifikazzjoni tal-MIP ta’ Stat Membru speċifiku tiġi ddeterminata prinċipalment minn analiżi IDR iżda hemm wkoll aspetti oħra li jridu jiġu kkunsidrati u li huma konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011:

- Sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn il-pajjiżi fil-valutazzjoni, il-konklużjonijiet tal-IDR iridu jqisu l-pakkett sħiħ tal-IDRs. Barra minn hekk, il-kategorizzazzjoni tal-MIP tieħu kont tal-aspetti sistemiċi (ara Kompendju, paġna 48). Tali evalwazzjoni hi neċessarjament bbażata fuq il-qari tal-pakkett sħiħ tal-IDRs.

- L-Artikolu 5(2) tar-Regolament 1176/2011 jipprovdi li l-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha tieħu inkunsiderazzjoni serje ta’ fatturi (l-iżviluppi ekonomiċi fl-Unjoni u fiż-żona tal-euro; l-oriġini tal-iżbilanċi; iċ-ċirkostanzi ekonomiċi prevalenti; ir-rakkomandazzjonijiet jew l-istediniet tal-Kunsill taħt il-PST u s-Semestru Ewropew; l-intenzjonijiet politiċi tal-Istat Membru taħt rieżami).

- Ma hemm l-ebda rekwiżit li l-valutazzjoni tal-iżbilanċi fis-sena t tikkunsidra biss informazzjoni inkluża fl-IDR prodotta fil-ħin t, hekk kif informazzjoni rilevanti tista’ tiġi inkluża f’dokumenti pubbliċi oħra (eż., kwistjonijiet preċedenti IDR, AMR, tbassir).

- Il-Kummissjoni tiddiskuti fuq l-IDR kif ukoll dwar aspetti oħra qabel ma tiddeċiedi dwar il-kategoriji.

Il-ħtieġa li jittieħed kont ta’ dawk l-aspetti, u b’mod partikolari fil-pakkett sħiħ ta’ IDRs, tiġġustifika prattika jew rappurtar tal-konklużjonijiet tal-IDR għal pajjiżi kollha MIP fil-Komunikazzjoni magħmula apposta.

103. Ir-Regolament tal-MIP jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Kummissjoni kollha kemm hi. Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 61 u 66.

104. Kif mistqarr fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 3, l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 1176/2011 jistabbilixxi “regoli dettaljati għall-identifikazzjoni ta’ żbilanċi makroekonomiċi, kif ukoll il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta’ żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni”. Hekk kif il-premessa 9 tar-Regolament tagħmilha ċara, regoli speċifiċi stabbiliti għal dak l-għan huma stabbiliti sabiex “tkun supplimentata l-proċedura tas-sorveljanza multilaterali msemmija fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 121 tat-TFUE”.

F'dak l-isfond tal-għan tar-Regolament mhuwiex il-Parlament u l-Kunsill, bħala koleġiżlaturi fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja fil-forma ta' Regolament, biex ineħħu s-setgħa diskrezzjonarja miżmuma mill-Kummissjoni skont il-liġi primarja fil-forma tal-Artikolu 121(4) tat-TFUE.

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 ma toħloq l-ebda setgħa jew proċedura ġdida. Jiddefinixxi l-kundizzjonijiet taħt liema setgħa bbażata fuq it-Trattat (l-Artikolu 121(4) tat-TFUE jew il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali) għandha tiġi eżerċitata fi ħdan is-sitwazzjoni partikolari tal-MIP. Għalhekk il-Kummissjoni mhijiex marbuta li tiftaħ il-proċedura ladarba ċerti ċirkostanzi jitqajmu skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE tal-monopolju tal-inizjattiva tal-Kummissjoni, li t-Trattati b'xort'oħra jiggarantixxu, tibqa' sħiħa. Il-Kummissjoni żżomm is-setgħa diskrezzjonali tagħha li tiftaħ jew li ma tiftaħx proċedura. Att ta' leġiżlazzjoni sekondarja ma tistax iċċaħħad lill-Kummissjoni s-setgħa ta' diskrezzjoni kif mfassla mit-Trattati. Il-premessa 22 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 — li tgħid li "jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi (...) għandha tinbeda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (...)" - għandu jinqara f'dan l-isfond. Dan ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-Kummissjoni biex tippreżenta rakkomandazzjoni, iżda jesprimi x-xewqa politika tal-koleġiżlatur biex l-affarijiet isiru b'mod partikolari.

**Rakkomandazzjoni 2**

(i) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni;

(ii) Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Ir-raġunijiet għall-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi huma ppubblikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-IDRs u l-Kummissjoni taqbel li r-raġunijiet li wasslu għall-klassifikazzjoni eventwali tal-iżbilanċi għandhom ikunu ċari. Il-proċessi li ġew segwiti għall-analiżijiet tal-iżbilanċi huma diskussi regolarment mal-Istati Membri f'kumitati tal-Kunsill, u ġew ippubblikati fil-Kompendju riċenti tal-MIP..

Il-Kummissjoni għamlet għad-dominju pubbliku numru ta' prinċipji li huma segwiti fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' żbilanċi fil-Kompendju tal-MIP u tejbet it-trasparenza ta' dik il-valutazzjoni fl-IDRs permezz ta' matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP.

L-adozzjoni ta' regoli ta' deċiżjoni *ex-ante* għall-klassifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi mhijiex rakkomandabbli minħabba li dawn il-kwistjonijiet jeħtieġu ġudizzju minħabba li l-kwistjonijiet li għandhom jiġu analizzati huma multidimensjonali, kumplessi u li jevolvu fid-dawl tal-kuntest ekonomiku. B'mod konsistenti, ir-Regolament 1176/2011 ma jikkodifikax id-definizzjoni ta' żbilanċ jew żbilanċ eċċessiv.

(iii) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni biex itejjeb il-komunikazzjoni dwar għaliex l-EIP mhuwiex irrakkomandat.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

(iv) Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-kriterji kodifikati dwar l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv ma jkunux rakkomandabbli bħala valutazzjoni sinifikanti tal-iżbilanċi u s-segwitu tagħhom jeħtieġ ġudizzju bħala żbilanċi makroekonomiċi jista' jkollhom ħafna sorsi differenti, jieħdu l-forom li qed jevolvu u jirrigwardaw firxa wiesgħa ta' oqsma u strumenti ta' politika u

jirrikjedu li jitqiesu lista twila ta' elementi speċifiċi għall-pajjiż u bejn il-pajjiżi. L-introduzzjoni ta' tali kriterji lanqas ma tikkonforma mal-ispirtu tar-Regolament 1176/2011, li ma jikkodifikax il-kunċett ta' żbilanċ jew żbilanċ eċċessiv.

105. L-amalgamazzjoni ta' analiżijiet IDR u mhux IDR għenet biex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet li jistgħu jseħħu bejn IDR u Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal. L-esperjenza tissuġġerixxi li IDR baqgħet identifikabbli fil-format attwali (anki bis-saħħa ta' matriċi MIP u sommarju kapitolu IDR), u tirkib bejn IDR u l-partijiet eliminati fir-Rapport tal-Pajjiż mhux IDR.

106. Sakemm l-analiżi meħtieġa tal-iżbilanċi hija mwettqa u adegwatament artikolata u komunikata, is-separazzjoni jew l-integrazzjoni ta' IDRs fir-rapport tal-pajjiż huwa immaterjali.

**Rakkomandazzjoni 3**

(i) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni;

Il-Kummissjoni taqbel li l-analiżijiet IDR jeħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jkunu żviluppati biżżejjed u artikolati biex jimlew lakuni analitiċi rilevanti.

Il-Kummissjoni ma taqbilx li aktar żbilanċi severi neċessarjament jeħtieġu dokumenti analitiċi ta' daqs akbar għaliex dan jiddependi wkoll fuq jekk lakuni analitiċi mtlew fl-analiżi preċedenti.

Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-integrazzjoni tal-IDRs fir-rapporti tal-pajjiżi għenet biex jitnaqqas it-tirkib bla bżonn u ma timplikax anqas komunikazzjoni ċara mill-analiżijiet IDR.

(ii) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li ma tippubblikax t-tabella ta' valutazzjoni mal-IDR.

Il-pubblikazzjoni tal-varjabbli tat-tabella ta' valutazzjoni speċifiċi għall-pajjiż fl-IDRs mhijiex meħtieġa mir-Regolament u r-rwol tat-tabella ta' valutazzjoni huwa prinċipalment fl-għażla ta' pajjiżi għal IDRs, mhux l-analiżi tal-IDR innifsha.

Il-Kummissjoni taċċetta informazzjoni fuq l-għoti ta' aċċess għal settijiet ta' dejta użati f'analiżijiet IDR.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

108. L-analiżijiet IDR jinkludu aspetti marbuta mal-finanzi pubbliċi. Is-sorveljanza MIP hi mwettqa b'kont meħud ta' sorveljanza fil-kuntest tal-PST f'konformità mar-Regolament 1176/2011, u biex tiġi żgurata l-konsistenza. CSRs dwar il-finanzi pubbliċi fil-kuntest tal-PST ġew indikati bħala rilevanti għall-MIP għal Stati Membri fejn id-dejn pubbliku għoli huwa element li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi f'pajjiżi partikolari jew fejn it-tnaqqis ta' defiċits fiskali jikkontribwixxi għall-korrezzjoni ta' defiċits kbar fil-kont kurrenti identifikati bħala parti mill-iżbilanċi. F'pajjiżi li għandhom surpluses fil-kont kurrenti, l-IDRs analizzaw ir-rabtiet bejn għadd ta' miżuri fiskali u l-pożizzjoni esterna. Għal dawk l-Istati Membri, għadd ta' miżuri CSRs ta' natura fiskali li potenzjalment jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' surpluses pożittivi kbar ġew indikati bħala rilevanti għall-MIP.

**Rakkomandazzjoni 4**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli timplimenta s-sorveljanza MIP b'kont meħud ta' sorveljanza fil-kuntest tal-PST f'konformità mar-Regolament 1176/2011, u biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ proċessi.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

109. Approċċi ta' mmudellar avvanzat li ġew segiwti għall-analiżijiet tal-effetti konsegwenzjali.

L-analiżi analizzat b'mod sistematiku effetti konsegwenzjali tal-pajjiżi kbar miż-żona tal-euro, hekk kif effetti konsegwenzjali x'aktarx se jkunu akbar fid-daqs jekk ġejjin minn ekonomiji kbar. Analiżijiet addizzjonali ta' effetti konsegwenzjali 'l ġewwa u 'l barra huma inklużi fejn rilevanti, fuq il-bażi ta' żviluppi attwali jew mistennija li jinvolvu possibbilment effetti transfruntiera importanti.

Huwa importanti li jkun rikonoxxut li ċerti tipi ta' effetti konsegwenzjali (eż. effetti ta' kontaġju permezz tal-fiduċja tas-suq finanzjarju) jista' jinħoloq biss fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet u konġetturi u jkollhom limitazzjonijiet.

Edizzjonijiet reċenti tal-AMR sistematikament ddiskutew id-dimensjoni taż-żona tal-euro tal-iżbilanċi. Il-konklużjonijiet tal-IDR jagħmlu referenza għal effetti konsegwenzjali u kunsiderazzjonijiet sistemiċi għal għadd ta' Stati Membri.

110. Id-dikjarazzjoni li hemm inkonsistenzi bejn CSRs rilevanti għall-MIP u r-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro tirriżulta mill-fatt għall-ħtieġa ta' konsistenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro u CSRs rilevanti għall-MIP japplikaw biss għal pajjiżi li jirċievu CSRs li huma fl-istess ħin rilevanti għall-MIP u li għalihom hemm rakkomandazzjoni pertinenti għaż-żona tal-euro. Mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha taż-żona tal-euro ma huma rilevanti għall-MIP, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa usa'. Mhux l-Istati Membri kollha jirċievu r-rakkomandazzjonijiet marbuta mal-MIP, peress li xi Stati Membri ma jkunux taħt is-sorveljanza tal-MIP. Mhux l-Istati Membri kollha jirċievu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) li ġejjin miż-żona tal-euro, jekk m'għandhomx sfidi sinifikanti jew ma jkollhomx għalfejn iwettqu politiki speċifiċi jew jekk hemm limitazzjonijiet li jiġġustifikaw li ma jkunux speċifiċi għall-pajjiż.

**Rakkomandazzjoni 5**

(i) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qiegħda timplimentaha.

L-implimentazzjoni tal-MIP diġà tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti sistemiċi taż-żona tal-euro u l-kuntest ta' riekwilibriju, u dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu r-raġuni tal-klassifikazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-iżbilanċi tal-MIP.

(ii) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni;

CSRs marbuta mal-MIP huma maħruġa biss lil pajjiżi identifikati bi żbilanċi. CSRs marbuta mal-MIP jeħtieġ li jkunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti pertinenti għall-MIP taż-żona tal-euro. CSRs marbuta mal-MIP jistgħu jinkludu miżuri fiskali, jekk meħtieġa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi identifikati fl-Istat Membru kkonċernat. Il-MIP ma tistax tintuża biex tipprovdi rakkomandazzjonijiet fiskali *erga omnes*. Il-Kummissjoni tqies li l-konsistenza mar-rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro dwar il-pożizzjoni fiskali hija xierqa biss jekk din tkun ġustifikata fuq il-bażi tal-iżbilanċi identifikati għall-Istat Membru kkonċernat.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

**Rakkomandazzjoni 6**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qiegħda timplimentaha.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97.

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu | 31.5.2016 |
| L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra) | 28.9.2017 |
| Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja | 28.11.2017 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha | 15.12.2017 |

Aħna eżaminajna l-implimentazzjoni, li saret mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku li għandha l-għan li tidentifika, tipprevieni u tindirizza żbilanċi makroekonomiċi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-istabbiltà ekonomika f'pajjiż partikolari tal-UE, fiż-żona tal-euro, jew fl-UE kollha kemm hi. Aħna sibna li, għalkemm b'mod ġenerali l-MIP hija mfassla tajjeb, il-Kummissjoni mhijiex qed timplimentaha b'mod li jkun jiżgura l-prevenzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-iżbilanċi. Il-klassifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom żbilanċi mhijiex trasparenti, l-analiżi approfondita li twettqet mill-Kummissjoni, minkejja l-istandard tajjeb tagħha, saret inqas viżibbli, u hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni pubblika rigward il-proċedura u l-implikazzjonijiet tagħha. Għalhekk, aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni bil-għan li din ittejjeb sostanzjalment ċerti aspetti tal-ġestjoni tagħha u li tagħti prominenza akbar lill-MIP.


IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.